# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

L 312

Volum 62

Edizzjoni bil-Malti — Leġiżlazzjoni — 3 ta' Diċembru 2019


Werrej

II *Atti mhux leġiżlattivi*

REGOLAMENTI


★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/2007 tat-18 ta' Novembru 2019 li jistabbilixxi r-regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-listi ta' annimali, prodotti li joriġinaw mill-annimali, prodotti ġerminali, prodotti sekondarji tal-annimali u prodotti dderivati u ħuxlief u tiben soġġetti għall-kontrolli uffiċjali fil-postijiet ta' kontroll fuq il-fruntieri u li jemenda d-Deċiżjoni 2007/275/KE** [1] ............. 1


DEĊIŻJONIJIET


★ **Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/2008 tat-28 ta' Novembru 2019 dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed, f'isem l-Unjoni Ewropea, fl-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali matul il-31 sessjoni tal-Assemblea tagħha dwar l-adozzjoni ta' emendi għar-riżoluzzjoni A.658(16) dwar l-Użu u t-twaħħil ta' materjali retroriflettivi fuq apparat tas-salvataġġ u dwar l-adozzjoni ta' riżoluzzjoni dwar Linji Gwida għall-Istħarriġ taħt is-Sistema Armonizzata tal-Istħarriġ u ċ-Ċertifikazzjoni (HSSC)** ............. 40

★ **Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2019/2009 tat-2 ta' Diċembru 2019 b'appoġġ għall-Isforzi tal-Ukrajna għall-Ġlieda Kontra t-Traffikar Illeċitu ta' Armi, Munizzjon u Splussivi, f'kooperazzjoni mal-OSKE** ............. 42

★ **Deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/2010 tat-12 ta' Novembru 2019 li tistabbilixxi l-konklużjonijiet dwar l-aħjar metodi tekniċi disponibbli (il-BAT) skont id-Direttiva 2010/75/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-emissjonijiet industrijali, għall-inċinerazzjoni tal-iskart (notifikata bid-dokument C(2019) 7987)** [1] ............. 55

★ **Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/2011 tat-28 ta' Novembru 2019 li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/2009 li tapprova l-programmi tat-tilqim kontra l-marda tal-infafet fil-ġilda ppreżentati mill-Istati Membri billi testendi l-perjodu ta' applikazzjoni tagħha (notifikata bid-dokument C(2019) 8580)** [1] ............. 93

★ **Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/2012 tad-29 ta' Novembru 2019 dwar l-eżenzjonijiet skont l-Artikolu 14 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 29/2009 li jistabbilixxi rekwiżiti dwar servizzi ta' kollegament tad-*data* għall-Ajru Uniku Ewropew** [1] ............. 95


[1] Test b'rilevanza għaż-ŻEE.

MT

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.

It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

II

*(Atti mhux leġiżlattivi)*

# REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2019/2007

**tat-18 ta' Novembru 2019**

**li jistabbilixxi r-regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-listi ta' annimali, prodotti li joriġinaw mill-annimali, prodotti ġerminali, prodotti sekondarji tal-annimali u prodotti dderivati u ħuxlief u tiben soġġetti għall-kontrolli uffiċjali fil-postijiet ta' kontroll fuq il-fruntieri u li jemenda d-Deċiżjoni 2007/275/KE**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 97/78/KE tat-18 ta' Diċembru 1997 li tistabbilixxi l-prinċipji li jirregolaw l-organizzazzjoni tal-verifiki veterinarji fuq prodotti li jidħlu fil-Komunità minn pajjiżi terzi ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 3(5) tagħha,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2017 dwar il-kontrolli uffiċjali u attivitajiet uffiċjali oħra mwettqa biex jiżguraw l-applikazzjoni tal-liġi tal-ikel u tal-għalf, ta' regoli dwar is-saħħa u t-trattament xieraq tal-annimali, dwar is-saħħa tal-pjanti u dwar prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 999/2001, (KE) Nru 396/2005, (KE) Nru 1069/2009, (KE) Nru 1107/2009, (UE) Nru 1151/2012, (UE) Nru 652/2014, (UE) 2016/429 u (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1/2005 u (KE) Nru 1099/2009 u d-Direttivi tal-Kunsill 98/58/KE, 1999/74/KE, 2007/43/KE, 2008/119/KE u 2008/120/KE, u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 854/2004 u (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kunsill 89/608/KEE, 89/662/KEE, 90/425/KEE, 91/496/KEE, 96/23/KE, 96/93/KE u 97/78/KE u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 92/438/KEE (Regolament dwar il-Kontrolli Uffiċjali) ([2]), u b'mod partikolari il-punt (a) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 47(2) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) 2017/625 jistabbilixxi r-regoli dwar it-twettiq ta' kontrolli uffiċjali mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri fuq annimali u oġġetti li jidħlu fl-Unjoni sabiex jivverifikaw il-konformità mal-leġiżlazzjoni tal-katina agroalimentari tal-Unjoni.

(2) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/478 ([3]) emenda r-Regolament (UE) 2017/625 billi żied il-ħuxlief u t-tiben u l-oġġetti tal-ikel li fihom kemm prodotti li joriġinaw mill-pjanti kif ukoll prodotti pproċessati li joriġinaw mill-annimali ("prodotti komposti") mal-kategoriji ta' oġġetti fil-punt (b) tal-Artikolu 47(1) ta' dak ir-Regolament.

(3) F'konformità mar-Regolament (UE) 2017/625, ċerti kategoriji ta' annimali u oġġetti minn pajjiżi terzi jenħtieġ li dejjem jiġu ppreżentati f'post ta' kontroll fuq il-fruntiera biex jitwettqu l-kontrolli uffiċjali qabel id-dħul tagħhom fl-Unjoni. Minbarra l-annimali, il-prodotti li joriġinaw mill-annimali, il-prodotti ġerminali, il-prodotti sekondarji mill-annimali, il-ħuxlief u t-tiben u l-prodotti komposti minnhom huma fost il-kategoriji li dejjem jenħtieġ li jiġu ppreżentati għall-kontrolli uffiċjali fil-postijiet ta' kontroll fuq il-fruntiera.

(4) Ir-Regolament (UE) 2017/625 jeżiġi li l-Kummissjoni tistabbilixxi listi tal-annimali u tal-prodotti differenti li joriġinaw mill-annimali, tal-prodotti ġerminali, tal-prodotti sekondarji mill-annimali, tal-ħuxlief u tat-tiben u tal-prodotti komposti minnhom li jridu jiġu ppreżentati għall-kontrolli uffiċjali fil-postijiet ta' kontroll fuq il-fruntiera bl-indikazzjoni tal-kodiċi tan-Nomenklatura Magħquda (NM) rispettiv tagħhom kif stipulat fir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 ([4]).

(5) Minħabba li l-prodotti derivati huma subkategorija tal-prodotti sekondarji mill-annimali, jenħtieġ li dawn jiġu inklużi fil-listi u jenħtieġ li jiġu indikati l-kodiċijiet tan-NM tagħhom, skont il-bżonn.

([1]) ĠU L 24, 30.1.1998, p. 9.

([2]) ĠU L 95, 7.4.2017, p. 1.

([3]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/478 tal-14 ta' Jannar 2019 li jemenda r-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-kategoriji ta' kunsinni li jkunu soġġetti għal kontrolli uffiċjali fil-postijiet ta' kontroll fuq il-fruntiera (ĠU L 82, 25.3.2019, p. 4).

([4]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana (ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1).

(6) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/275/KE ([5]) tistabbilixxi d-dispożizzjonijiet dwar l-annimali u l-prodotti, inklużi l-prodotti komposti, li huma soġġetti għall-verifiki veterinarji fil-postijiet ta' spezzjoni fuq il-fruntieri f'konformità mad-Direttivi tal-Kunsill 91/496/KEE ([6]) u 97/78/KE. Il-kundizzjonijiet ġodda għad-dħul fl-Unjoni ta' prodotti komposti se japplikaw mill-21 ta' April 2021 f'konformità mar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/625 ([7]). Għalhekk jixraq li sa dakinhar jibqgħu japplikaw ir-regoli attwali stabbiliti fid-Deċiżjoni 2007/275/KE li jikkonċernaw il-prodotti komposti soġġetti għall-kontrolli uffiċjali fil-postijiet ta' kontroll fuq il-fruntiera u li dan ir-Regolament ma japplikax għall-prodotti komposti. Sabiex tiġi evitata d-duplikazzjoni tad-dispożizzjonijiet legali, jenħtieġ li dan ir-Regolament jemenda d-Deċiżjoni 2007/275/KE billi jillimita l-kamp ta' applikazzjoni tiegħu għall-prodotti komposti.

(7) Sabiex jiġu ffaċilitati l-kontrolli uffiċjali mill-awtoritajiet kompetenti fil-postijiet ta' kontroll fuq il-fruntiera f'konformità mar-Regolament (UE) 2017/625, il-lista stabbilita f'dan ir-Regolament jenħtieġ li tiddeskrivi, fid-dettall, l-annimali, il-prodotti li joriġinaw mill-annimali, il-prodotti ġerminali, il-prodotti sekondarji mill-annimali u l-prodotti dderivati minnhom u l-ħuxlief u t-tiben soġġetti għal tali kontrolli uffiċjali.

(8) Barra minn hekk, għal ċerti kodiċijiet tan-NM, dan ir-Regolament jelenka biss xi wħud mill-annimali u mill-prodotti li jaqgħu taħt l-intestatura jew is-subintestatura rilevanti. F'każijiet bħal dawn, jenħtieġ li dan ir-Regolament jagħti dettalji addizzjonali dwar l-annimali u l-prodotti rilevanti li huma soġġetti għall-kontrolli uffiċjali fil-postijiet ta' kontroll fuq il-fruntiera.

(9) Minħabba li d-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) 2017/625 li jirregolaw il-kwistjonijiet koperti minn dan ir-Regolament japplikaw mill-14 ta' Diċembru 2019, jenħtieġ li dan ir-Regolament japplika mill-istess data.

(10) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

**Suġġett u kamp ta' applikazzjoni**

1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi l-listi ta' annimali, prodotti li joriġinaw mill-annimali, prodotti ġerminali, prodotti sekondarji tal-annimali u prodotti dderivati u ħuxlief u tiben li huma soġġetti għall-kontrolli uffiċjali fil-postijiet ta' kontroll fuq il-fruntiera f'konformità mal-punt (a) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 47(2) tar-Regolament (UE) 2017/625.

2. Dan ir-Regolament ma għandux japplika għall-prodotti komposti.

*Artikolu 2*

**Definizzjonijiet**

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

1. "prodotti li joriġinaw mill-annimali" tfisser prodotti li joriġinaw mill-annimali kif iddefiniti fil-punt 8.1 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 853/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([8]);

2. "lanżit tal-ħnieżer mhux ittrattat" tfisser lanżit tal-ħnieżer mhux trattat kif iddefinit fil-punt 33 tal-Anness I tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 142/2011 ([9]);

---

([5]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/275/KE tas-17 ta' April 2007 dwar il-listi ta' annimali u prodotti li huma soġġetti għal kontrolli fil-postijiet ta' spezzjoni fuq il-fruntieri skont id-Direttivi tal-Kunsill 91/496/KEE u 97/78/KE (ĠU L 116, 4.5.2007, p. 9).

([6]) Id-Direttiva tal-Kunsill 91/496/KEE tal-15 ta' Lulju 1991 li tistabbilixxi l-prinċipji li jirregolaw l-organizzazzjoni ta' kontrolli veterinarji fuq annimali li jidħlu fil-Komunità minn pajjiżi terzi u li temenda d-Direttivi 89/662/KEE, 90/425/KEE u 90/675/KEE (ĠU L 268, 24.9.1991, p. 56)

([7]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/625 tal-4 ta' Marzu 2019 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' rekwiżiti għad-dħul fl-Unjoni ta' kunsinni ta' ċerti annimali u oġġetti maħsuba għall-konsum mill-bniedem (ĠU L 131, 17.5.2019, p. 18).

([8]) Ir-Regolament (KE) Nru 853/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 li jistabbilixxi ċerti regoli speċifiċi ta' iġjene għall-ikel li joriġina mill-annimali (ĠU L 139, 30.4.2004, p. 55).

([9]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 142/2011 tal-25 ta' Frar 2011 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 1069/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi regoli tas-saħħa li jirrigwardaw prodotti sekondarji tal-annimali jew derivati minnhom mhux maħsuba għall-konsum mill-bniedem u li jimplimenta d-Direttiva tal-Kunsill 97/78/KE li tistabbilixxi l-prinċipji li jirregolaw l-organizzazzjoni tal-verifiki veterinarji fuq prodotti li jidħlu fil-Komunità minn pajjiżi terzi skont dik id-Direttiva (ĠU L 54, 26.2.2011, p. 1).

3. "rix u partijiet ta' rix mhux ittrattati" tfisser rix u partijiet ta' rix, minbarra rix jew partijiet ta' rix, li jkunu ġew ittrattati kif iddefinit fil-punt 30 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 142/2011;
4. "xagħar mhux ittrattat" tfisser xagħar mhux ittrattat kif iddefinit fil-punt 32 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 142/2011;
5. "prodott intermedju" tfisser prodott intermedju kif iddefinit fil-punt 35 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 142/2011;
6. "ġlud ittrattati" tfisser ġlud ittrattati kif iddefinit fil-punt 28 tal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 142/2011;
7. "suf mhux ittrattat" tfisser suf mhux ittrattat kif iddefinit fil-punt 31 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 142/2011.

*Artikolu 3*

**Kontrolli uffiċjali tal-annimali u l-oġġetti elenkati fl-Anness I**

L-annimali u l-oġġetti elenkati fl-Anness I ta' dan ir-Regolament għandhom ikunu soġġetti għall-kontrolli uffiċjali fil-postijiet ta' kontroll fuq il-fruntiera f'konformità mar-Regolament (UE) 2017/625.

*Artikolu 4*

**Emendi għad-Deċiżjoni 2007/275/KE**

Id-Deċiżjoni 2007/275/KE hija emendata kif ġej:

1. it-titolu huwa sostitwit b'dan li ġej:

   "**Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tas-17 ta' April 2007 dwar listi ta' prodotti komposti li jridu jkunu soġġetti għall-kontrolli fil-postijiet ta' kontroll fuq il-fruntiera";**

2. L-Artikolu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

   "*Artikolu 1*

   **Suġġett**

   Din id-Deċiżjoni tistabbilixxi r-regoli rigward il-prodotti komposti li jridu jiġu soġġetti għall-kontrolli uffiċjali fil-postijiet ta' kontroll fuq il-fruntiera mad-dħul tagħhom fl-Unjoni.";

3. L-Artikolu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

   "*Artikolu 3*

   **Kontrolli uffiċjali tal-prodotti komposti elenkati fl-Anness I**

   1. Il-prodotti komposti elenkati fl-Anness I ta' din id-Deċiżjoni għandhom ikunu soġġetti għall-kontrolli uffiċjali fil-postijiet ta' kontroll fuq il-fruntiera f'konformità mar-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*)

   2. L-għażla inizjali tal-prodotti komposti għall-kontrolli uffiċjali mwettqa fuq il-bażi tan-Nomenklatura Magħquda fil-Kolonna (1) tal-Anness I għandha tiġi kkwalifikata b'referenza għat-test jew għal-leġiżlazzjoni speċifiċi msemmijin fil-Kolonna (3) tal-Anness I.

(*) Ir-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2017 dwar il-kontrolli uffiċjali u attivitajiet uffiċjali oħra mwettqa biex jiżguraw l-applikazzjoni tal-liġi tal-ikel u tal-għalf, ta' regoli dwar is-saħħa u t-trattament xieraq tal-annimali, dwar is-saħħa tal-pjanti u dwar prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 999/2001, (KE) Nru 396/2005, (KE) Nru 1069/2009, (KE) Nru 1107/2009, (UE) Nru 1151/2012, (UE) Nru 652/2014, (UE) 2016/429 u (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1/2005 u (KE) Nru 1099/2009 u d-Direttivi tal-Kunsill 98/58/KE, 1999/74/KE, 2007/43/KE, 2008/119/KE u 2008/120/KE, u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 854/2004 u (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kunsill 89/608/KEE, 89/662/KEE, 90/425/KEE, 91/496/KEE, 96/23/KE, 96/93/KE u 97/78/KE u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 92/438/KEE (Regolament dwar il-Kontrolli Uffiċjali) (ĠU L 95, 7.4.2017, p. 1).";

4. L-Artikolu 4 huwa emendat kif ġej:

   (a) it-titolu huwa sostitwit b'dan li ġej:

   " **Prodotti komposti soġġetti għall-kontrolli uffiċjali** ";

   (b) il-frażi introduttorja hija sostitwita b'dan li ġej:

   "Il-prodotti komposti li ġejjin għandhom jiġu soġġetti għall-kontrolli uffiċjali:";

5. L-Artikolu 6 huwa sostitwit b'dan li ġej:

*"Artikolu 6*

**Deroga għal ċerti prodotti komposti**

1. Bħala deroga mill-Artikolu 3, il-prodotti komposti li ġejjin li ma fihomx prodotti tal-laħam, ma għandhomx ikunu soġġetti għall-kontrolli uffiċjali:

(a) il-prodotti komposti li fihom inqas minn nofs is-sustanza tagħhom magħmula minn xi prodott ipproċessat ieħor, dejjem jekk dawn il-prodotti:

   (i) jibqgħu stabbli f'temperatura ambjentali jew ikun ċar li waqt il-manifattura jkunu għaddew minn proċess sħiħ ta' trattament bis-sħana jew ikunu ssajru kompletament fil-massa kollha tagħhom, sal-punt li kull prodott nej ikun ġie żnaturat;

   (ii) ikunu identifikati b'mod ċar li huma maħsuba għall-konsum uman;

   (iii) ikunu ppakkjati jew issiġillati sew f'kontenituri nodfa;

   (iv) ikunu akkumpanjati minn dokument kummerċjali u ttikkettati b'lingwa uffiċjali ta' Stat Membru, b'tali mod li dak id-dokument u dak it-tikkettar flimkien ifornu l-informazzjoni dwar in-natura, il-kwantità u n-numru ta' pakketti tal-prodotti komposti, dwar il-pajjiż tal-oriġini, dwar il-manifattur, u dwar l-ingredjenti;

(b) il-prodotti komposti elenkati fl-Anness II.

2. Madankollu, kull prodott tal-ħalib inkluż fi kwalunkwe prodott kompost għandu jkun idderivat biss mill-pajjiżi elenkati fl-Anness I tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 605/2010 (*), u ttrattat kif indikat f'dak l-Anness.

(*) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 605/2010 tat-2 ta' Lulju 2010 li jistipula l-kundizzjonijiet tas-saħħa tal-annimali u tas-saħħa pubblika kif ukoll iċ-ċertifikazzjoni veterinarja għall-introduzzjoni fl-Unjoni Ewropea ta' ħalib mhux ipproċessat u prodotti tal-ħalib, kolostru u prodotti li fihom il-kolostru maħsuba għall-konsum mill-bniedem (ĠU L 175, 10.7.2010, p. 1).";

6. L-Annessi I u II huma emendati f'konformita mal-Anness II ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 5*

**Dħul fis-seħħ u applikazzjoni**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-14 ta' Diċembru 2019.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-18 ta' Novembru 2019.

*Għall-Kummissjoni*
*Il-President*
Jean-Claude JUNCKER

*ANNESS I*

**LISTA TA' ANNIMALI, TA' PRODOTTI LI JORIĠINAW MILL-ANNIMALI, PRODOTTI ĠERMINALI, PRODOTTI SEKONDARJI TAL-ANNIMALI U PRODOTTI DDERIVATI U ĦUXLIEF U TIBEN SOĠĠETTI GĦALL-KONTROLLI UFFIĊJALI FIL-POSTIJIET TA' KONTROLL FUQ IL-FRUNTIERI KIF IMSEMMI FL-ARTIKOLU 3**

*Noti:*

1. **Kummenti ġenerali**

Qed jiżdiedu xi rimarki ġenerali ma' ċerti Kapitoli biex jiċċaraw liema huma l-annimali jew l-oġġetti li huma koperti fil-kapitolu rilevanti. Barra minn hekk, fejn meħtieġ, issir referenza għal rekwiżiti speċifiċi stabbiliti fir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 142/2011 ([1]).

2. **Nota għall-Kapitolu**

Il-listi f'dan l-Anness huma strutturati f'Kapitoli li jikkorrispondu mal-Kapitoli rilevanti fin-Nomenklatura Magħquda (NM) kif stabbilit fl-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 ([2]).

In-noti tal-Kapitoli huma spjegazzjonijiet, fejn meħtieġ estratti, min-Noti tal-Kapitoli individwali tan-NM.

3. **Estratt min-Noti ta' Spjega u l-Opinjonijiet tal-Klassifikazzjoni tas-Sistema Armonizzata**

Ġiet estratta informazzjoni addizzjonali dwar il-Kapitoli differenti; fejn meħtieġ, min-Noti ta' Spjega u mill-Opinjonijiet ta' Klassifikazzjoni tas-Sistema Armonizzata tal-Organizzazzjoni Dinjija Doganali.

*Tabelli:*

4. **Kolonna (1) — il-kodiċi NM**

Din il-kolonna tindika l-kodiċi NM. In-NM, stabbilita bir-Regolament (KEE) Nru 2658/87, hija bbażata fuq il-Konvenzjoni Internazzjonali dwar is-Sistema Armonizzata għad-Deskrizzjoni u l-Kodifikazzjoni tal-Merkanzija (magħrufa bħala s-Sistema Armonizzata jew l-SA) imfassla mill-Kunsill tal-Kooperazzjoni Doganali, li saret l-Organizzazzjoni Dinjija Doganali (WCO), u adottata mill-Konvenzjoni Internazzjonali, konkluża fi Brussell, fl-14 ta' Ġunju 1983, u approvata f'isem il-Komunità Ekonomika Ewropea bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 87/369/KEE ([3]) ("il-Konvenzjoni dwar is-SA"). In-NM tirriproduċi l-intestaturi u s-subintestaturi tas-SA sa sitt ċifri, u s-seba' u t-tmien ċifri b'mod esklussiv joħolqu subintestaturi oħrajn li huma speċifiċi għaliha.

Meta jintuża kodiċi b'erba' ċifri: Sakemm ma jiġix speċifikat mod ieħor, il-prodotti kollha prefissi bi jew koperti minn dawn l-erba' ċifri għandhom jiġu sottomessi għall-kontrolli uffiċjali fil-postijiet ta' kontroll fuq il-fruntiera. Fil-maġġoranza ta' dawn il-każijiet, il-kodiċijiet NM rilevanti inklużi fis-sistema TRACES stabbilita bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/292/KE ([4]), huma mqassma f'kodiċi b'sitt jew bi tmien ċifri.

Meta ċerti prodotti speċifikati biss taħt kwalunkwe kodiċi b'erba', b'sitt jew bi tmien ċifri jkunu meħtieġa li jiġu sottomessi għall-kontrolli uffiċjali u ma tkun teżisti l-ebda subdiviżjoni speċifika taħt dan il-kodiċi fin-NM, il-kodiċi jiġi mmarkat " Ex". F'dak il-każ, l-annimali u l-prodotti koperti minn dan ir-Regolament huma determinati mill-kamp ta' applikazzjoni tal-kodiċi NM u minn dak tad-deskrizzjoni korrispondenti fil-kolonna (2) u l-kwalifikazzjoni u l-ispjega fil-kolonna (3).

5. **Kolonna (2) — Deskrizzjoni**

Id-deskrizzjoni tal-oġġetti hija kif ġie stabbilit fil-kolonna tad-deskrizzjoni tan-NM.

Bla ħsara għar-regoli għall-interpretazzjoni tan-NM, il-kliem għad-deskrizzjoni tal-annimali u l-prodotti fil-kolonna (2) huwa meqjus li jkun ta' valur indikattiv biss, ladarba l-oġġetti koperti b'dan ir-Regolament huma determinati mill-kodiċijiet NM.

---

([1]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 142/2011 tal-25 ta' Frar 2011 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 1069/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi regoli tas-saħħa li jirrigwardaw prodotti sekondarji tal-annimali jew derivati minnhom mhux maħsuba għall-konsum mill-bniedem u li jimplimenta d-Direttiva tal-Kunsill 97/78/KE li tistabbilixxi l-prinċipji li jirregolaw l-organizzazzjoni tal-verifiki veterinarji fuq prodotti li jidħlu fil-Komunità minn pajjiżi terzi skont dik id-Direttiva (ĠU L 54, 26.2.2011, p. 1).

([2]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana (ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1).

([3]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 87/369/KEE tas-7 ta' April 1987 dwar il-konklużjoni tal-Konvenzjoni Internazzjonali dwar is-Sistema Armonizzata għad-Deskrizzjoni u l-Kodifika ta' Oġġetti u tal-Protokoll li Jemendaha (ĠU L 198, 20.7.1987, p. 1).

([4]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/292/KE tat-30 ta' Marzu 2004 dwar l-introduzzjoni tas-sistema Traces u li temenda d-Deċiżjoni 92/486/KEE (ĠU L 94, 31.3.2004, p. 63).

6. **Kolonna (3) — Kwalifika u spjega**

Din il-kolonna tagħti d-dettalji tal-annimali jew l-oġġetti koperti. Aktar informazzjoni dwar l-annimali jew l-oġġetti koperti fil-Kapitoli differenti tan-NM tista' tinstab fin-Noti ta' Spjega tan-Nomenklatura Magħquda tal-Unjoni Ewropea ([5]).

Il-prodotti derivati minn prodotti sekondarji tal-annimali koperti mir-Regolament (KE) Nru 1069/2009 ([6]) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament (UE) Nru 142/2011 mhumiex identifikati b'mod speċifiku fil-liġi tal-Unjoni. Għandhom isiru l-kontrolli uffiċjali fuq prodotti li huma parzjalment ipproċessati iżda jibqgħu materja prima li għandha tiġi pproċessata aktar fi stabbiliment approvat jew irreġistrat fid-destinazzjoni. L-ispetturi uffiċjali fil-postijiet ta' kontroll fuq il-fruntiera għandhom jivvalutaw u jispeċifikaw, meta jkun meħtieġ, jekk prodott derivat huwiex ipproċessat biżżejjed sabiex ma jkunx jeħtieġ aktar kontrolli uffiċjali previsti fil-liġi tal-Unjoni.

KAPITOLU 1

## Annimali ħajjin

**Nota relatata mal-Kapitolu 1 (estratt min-Noti relatati ma' dan il-Kapitolu tan-NM)**

"1. Dan il-kapitolu jkopri l-annimali ħajjin kollha, ħlief:

(a) ħut u krustaċji, molluski u invertebrati akkwatiċi oħrajn, tal-intestatura 0301, 0306, 0307 jew 0308;

(b) kolturi ta' mikro-organiżmi u prodotti oħrajn tal-intestatura 3002 u

(c) annimali tal-intestatura 9508."

**Estratt min-Noti ta' Spjega tas-Sistema Armonizzata**

"L-intestatura 0106 tinkludi, *inter alia*, l-annimali domestiċi jew slavaġ li ġejjin:

(A) Mammiferi

(1) Primati.

(2) Balieni, dniefel u dniefel suwed (mammiferi tal-ordni *Cetacea*); lamantini u dugongi (mammiferi tas-subordni *Sirenia*); foki, iljuni tal-baħar u odobeni (mammiferi tas-subordni *Pinnipedia*).

(3) Oħrajn (bħal renni, qtates, klieb, iljuni, tigri, orsijiet, iljunfanti, iġmla (inklużi dromedarji), żebri, fniek, liebri, ċriev, antilop (ħlief dawk tas-subfamilja *Bovinae*), kamoxxi, volpijiet, minks, u annimali oħra għall-azjendi tal-fer).

(B) Rettili (inklużi sriep u fkieren)

(C) Għasafar

(1) Għasafar tal-priża.

(2) *Psittaciformes* (inklużi pappagalli, parrukketti, makawi u kakatuwi).

(3) Oħrajn (bħal perniċi, faġani, summien, gallini, bekkaċċ, ħamiem, ħaġla, gallozz, ortolani, papri salvaġġi, wiżż slavaġ, merill, mlievez, mlievez suwed, alwetti, sponsuni, ċinċi, kolibri, paguni, ċinji, u għasafar oħra mhux speċifikati fl-intestatura 0105).

(D) Insetti, bħan-naħal (kemm jekk jivvjaġġaw f'kaxxi jew f'gaġeġ jew f'kaxxi tan-naħal u kemm jekk le).

(E) Oħrajn, eż. żringijiet

Din l-intestatura teskludi annimali li jiffurmaw parti minn ċirkli, minn wirjiet ta' annimali li jivvjaġġaw minn post għal ieħor jew minn wirjiet simili oħra ta' annimali li jivvjaġġaw (intestatura 95.08)."

([5]) Noti ta' Spjega tan-Nomenklatura Magħquda tal-Unjoni Ewropea (ĠU C 76, 4.3.2015, p. 1), kif ġew emendati wara.

([6]) Ir-Regolament (KE) Nru 1069/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 li jistabbilixxi regoli tas-saħħa li jirrigwardaw prodotti sekondarji tal-annimali jew derivati minnhom mhux maħsuba għall-konsum mill-bniedem u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1774/2002 (Regolament dwar prodotti sekondarji tal-annimali) (ĠU L 300, 14.11.2009, p. 1).

| Kodiċi NM | Deskrizzjoni | Kwalifika u spjega |
|---|---|---|
| (1) | (2) | (3) |
| 0101 | Żwiemel, ħmir, bgħula u bgħula tal-irkib ħajjin | Kollha |
| 0102 | Annimali tal-ifrat ħajjin | Kollha |
| 0103 | Majjali ħajjin | Kollha |
| 0104 | Nagħaġ u mogħoż ħajjin | Kollha |
| 0105 | Tjur ħajjin, jiġifieri, tjur tal-ispeċi *Gallus domesticus*, papri, wiżż, dundjani u farawni | Kollha |
| 0106 | Annimali ħajjin oħrajn | Kollha, tkopri l-annimali mis-subintestaturi li ġejjin:<br>0106 11 00 (Primati)<br>0106 12 00 (Balieni, dniefel u dniefel suwed (mammiferi tal-ordni *Cetacea*); lamantini u dugongi (mammiferi tas-subordni *Sirenia*); foki, iljuni tal-baħar u odobeni (walruses) (mammiferi tas-subordni *Pinnipedia*).<br>0106 13 00 (Iġmla u kamelidi oħra (*Camelidae*))<br>0106 14 (Fniek jew liebri)<br>0106 19 00 (Oħrajn): mammiferi ħlief dawk tal-intestatura 0101, 0102, 0103, 0104, 0106 11, 0106 12, 0106 13 u 0106 14; tkopri klieb u qtates<br>0106 20 00 (Rettili, inklużi sriep u fkieren)<br>0106 31 00 (Għasafar: Għasafar tal-priża)<br>0106 32 00 (*Psittaciformes*: (inklużi pappagalli, parrukketti, makawi u kakatuwi)<br>0106 33 00 (Ngħam; emu (*Dromaius novaehollandiae*)<br>0106 39 (Oħrajn): tkopri għasafar, ħlief dawk tal-intestatura 0105, 0106 31, 0106 32 u 0106 33, inklużi ħamiem.<br>0106 41 00 (Naħal)<br>0106 49 00 (Insetti oħra ħlief in-naħal)<br>0106 90 00 (Oħrajn): l-annimali ħajjin l-oħra kollha mhux koperti x'imkien ieħor, ħlief il-mammiferi, l-għasafar u r-rettili. Żrinġijiet ħajjin kemm jekk biex jinżammu ħajjin għall-vivarji, kemm jekk biex jinqatlu għall-konsum uman, huma koperti minn din l-intestatura. |

KAPITOLU 2

## Laħam u ġewwieni li jittiekel

**Nota dwar il-Kapitolu 2 (estratt min-Noti relatati ma' dan il-Kapitolu tan-NM)**

"1. Dan il-kapitolu ma jkoprix:

(a) Prodotti tat-tip deskritt fl-intestaturi 0201 sa 0208 jew 0210, li mhumiex tajbin jew mhumiex adattati għall-konsum uman;

(b) imsaren, bżieżaq u stonki tal-annimali (intestatura 0504) jew demm tal-annimali (intestatura 0511 jew 3002); jew

(c) xaħam tal-annimali, ħlief prodotti tal-intestatura 0209 (Kapitolu 15).

..."

| Kodiċi NM | Deskrizzjoni | Kwalifika u spjega |
|---|---|---|
| (1) | (2) | (3) |
| 0201 | Laħam ta' annimali tal-ifrat, frisk jew imkessaħ | Kollha. Madankollu, il-materja prima li mhijiex maħsuba jew adattata għall-konsum uman mhijiex koperta minn dan il-kodiċi. |

| Kodiċi NM | Deskrizzjoni | Kwalifika u spjega |
|---|---|---|
| (1) | (2) | (3) |
| 0202 | Laħam ta' annimali tal-ifrat, iffriżat | Kollha. Madankollu, il-materja prima li mhijiex maħsuba jew adattata għall-konsum uman mhijiex koperta minn dan il-kodiċi. |
| 0203 | Laħam tal-majjal, frisk, imkessaħ jew iffriżat | Kollha. Madankollu, il-materja prima li mhijiex maħsuba jew adattata għall-konsum uman mhijiex koperta minn dan il-kodiċi. |
| 0204 | Laħam tan-nagħaġ jew tal-mogħoż, frisk, imkessaħ jew iffriżat | Kollha. Madankollu, il-materja prima li mhijiex maħsuba jew adattata għall-konsum uman mhijiex koperta minn dan il-kodiċi. |
| 0205 00 | Laħam taż-żwiemel, ħmir jew bgħula, frisk, imkessaħ jew iffriżat | Kollha. Madankollu, il-materja prima li mhijiex maħsuba jew adattata għall-konsum uman mhijiex koperta minn dan il-kodiċi. |
| 0206 | Ġewwieni li jittiekel tal-annimali tal-ifrat, tal-majjal, tan-nagħaġ, tal-mogħoż, taż-żwiemel, tal-ħmir, tal-bgħula jew bgħula tal-irkib, frisk, imkessaħ jew iffriżat | Kollha. Madankollu, il-materja prima li mhijiex maħsuba jew adattata għall-konsum uman mhijiex koperta minn dan il-kodiċi. |
| 0207 | Laħam u ġewwieni li jittiekel, tat-tjur tal-intestatura 0105, frisk, imkessaħ jew iffriżat | Kollha. Madankollu, il-materja prima li mhijiex maħsuba jew adattata għall-konsum uman mhijiex koperta minn dan il-kodiċi. |
| 0208 | Laħam u ġewwieni li jittiekel ieħor, frisk, imkessaħ jew iffriżat | Kollha. Madankollu, il-materja prima li mhijiex maħsuba jew adattata għall-konsum uman mhijiex koperta minn dan il-kodiċi.<br>Din tkopri materja prima oħra għall-produzzjoni tal-ġelatina jew tal-kollaġen għall-konsum uman. Tkopri l-laħam u l-ġewwieni li jittiekel kollu mis-subintestaturi li ġejjin:<br>0208 10 (tal-fniek jew liebri)<br>0208 30 00 (ta' primati)<br>0208 40 (ta' balieni, dniefel u dniefel suwed (mammiferi tal-ordni *Cetacea*); tal-lamantini u dugongi (mammiferi tal-ordni *Sirenia*); ta' foki, iljuni tal-baħar u odobeni (mammiferi tas-subordni *Pinnipedia*)).<br>0208 50 00 (tar-rettili, inklużi s-sriep u l-fkieren)<br>0208 60 00 (tal-iġmla u kamelidi oħra (*Camelidae*))<br>0208 90 (Oħrajn: ta' ħamiem domestiku; ta' kaċċa, ħlief fniek jew liebri; eċċ.): tkopri l-laħam tas-summien, tar-renni jew ta' kull speċi oħra ta' mammiferi. Tkopri s-saqajn taż-żrinġijiet taħt il-kodiċi NM 0208 90 70. |
| 0209 | Xaħam tal-majjal, mingħajr ebda dgħif, u xaħam tat-tjur, mhux maħdum jew estratt mod ieħor, frisk, imkessaħ, iffriżat, immellaħ, fis-salmura, imnixxef jew affumikat | Kollha, tkopri kemm xaħam kif ukoll xaħam ipproċessat kif deskritt fil-kolonna (2), anki jekk adattat biss għall-użu industrijali (mhux adattat għall-konsum uman). |
| 0210 | Laħam u ġewwieni li jittiekel, immellaħ, fis-salmura, imnixxef jew affumikat; dqiq u pasti mill-laħam jew mill-ġewwieni li jittiekel | Kollha, tkopri l-laħam, il-prodotti tal-laħam u prodotti oħra ġejjin mill-annimali.<br>Madankollu, il-materja prima li mhijiex maħsuba jew adattata għall-konsum uman mhijiex koperta minn dan il-kodiċi.<br>Tkopri l-proteini ppročessati tal-annimali u l-widnejn tal-majjal imnixxfin għall-konsum uman. Anki meta t-tali widnejn tal-majjal imnixxfin jintużaw bħala għalf għall-annimali, l-Anness tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1125/2006 ([1]) jikkjarifika li dawn jistgħu jiġu koperti mill-kodiċi 0210 99 49. Madankollu, il-ġewwieni li jittiekel imnixxef u l-widnejn tal-majjal imnixxfin li mhumiex tajbin għall-konsum uman jaqgħu taħt il-kodiċi 0511 99 85. |

| Kodiċi NM | Deskrizzjoni | Kwalifika u spjega |
|---|---|---|
| (1) | (2) | (3) |
| | | L-għadam għall-konsum uman huma koperti taħt l-intestatura 0506.<br>Iz-zalzett huwa kopert taħt l-intestatura 1601.<br>L-estratti u s-sugu tal-laħam huma koperti taħt l-intestatura 1603.<br>L-iskart tax-xaħam ta' dam (greaves) huma koperti taħt l-intestatura 2301. |

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1125/2006 tal-21 ta' Lulju 2006 dwar il-klassifikazzjoni ta' ċerti merkanzji fin-Nomenklatura Magħquda (ĠU L 200, 22.7.2006, p. 3).

KAPITOLU 3

## Ħut u krustaċji, molluski u annimali invertebrati akkwatiċi oħrajn

### Kummenti ġenerali

Dan il-kapitolu jkopri kemm ħut ħaj għat-trobbija u għar-riproduzzjoni, il-ħut ornamentali ħaj, u l-ħut ħaj jew il-krustaċji ħajjin li jiġi ttrasportat ħaj iżda li jiġi importat għall-konsum uman.

Il-prodotti kollha f'dan il-kapitolu huma suġġetti għall-kontrolli uffiċjali.

### Noti relatati mal-Kapitolu 3 (estratt min-Noti relatati ma' dan il-Kapitolu tan-NM)

"1. Dan il-kapitolu ma jkoprix:

(a) mammiferi tal-intestatura 0106;

(b) laħam tal-mammiferi tal-intestatura 0106 (intestatura 0208 jew 0210);

(c) ħut (inklużi l-fwied, il-bajd u l-isperma tagħhom) jew krustaċji, molluski jew invertebrati akkwatiċi oħrajn, mejtin u mhux tajbin jew mhumiex adattati għall-konsum uman minħabba l-ispeċi jew il-kundizzjoni tagħhom (Kapitolu 5); dqiq, pasti jew gerbub ta' ħut jew ta' krustaċji, molluski jew invertebrati akkwatiċi oħra li mhumiex tajbin għall-konsum uman (intestatura 2301); jew

(d) kavjar jew sostituti tal-kavjar magħmulin mill-bajd tal-ħut (l-intestatura 1604).

…"

| Kodiċi NM | Deskrizzjoni | Kwalifika u spjega |
|---|---|---|
| (1) | (2) | (3) |
| 0301 | Ħut ħaj | Kollha: tkopri t-trot, is-sallur, il-karpjuni, jew kwalunkwe speċi oħra jew kwalunkwe ħuta oħra li tiġi importata għat-trobbija jew għar-riproduzzjoni.<br>Il-ħut ħaj importat għall-konsum uman immedjat jiġi ttrattat, għal finijiet ta' kontrolli uffiċjali, daqslikieku kien prodott.<br>Tkopri ħut ornamentali fis-subintestaturi 0301 11 00 u 0301 19 00. |
| 0302 | Ħut, frisk jew imkessaħ, ħlief qatgħat ta' ħut u laħam ieħor tal-ħut tal-intestatura 0304 | Kollha; tkopri l-fwied, il-bajd u l-isperma, friski jew imkessħa, fil-kodiċi NM 0302 91 00. |
| 0303 | Ħut, iffriżat, ħlief qatgħat ta' ħut u laħam ieħor tal-ħut tal-intestatura 0304 | Kollha; tkopri l-fwied, il-bajd u l-isperma, iffriżati, fis-subintestatura 0303 91. |
| 0304 | Qatgħat ta' ħut u laħam ieħor tal-ħut (kapuljat jew mhuwiex), frisk, imkessaħ jew iffriżat | Kollha |
| 0305 | Ħut, imnixxef, immellaħ jew fis-salmura; ħut affumikat, kemm jekk imsajjar jew le qabel jew waqt il-proċess ta' affumikar; dqiq, pasti u gerbub ta' ħut, tajbin għall-konsum uman | Kollha, tkopri prodotti oħra tas-sajd bħal dqiq, ikliet u gerbub tajbin għall-konsum uman magħmulin mill-ħut; tkopri rjus, dnub u grieżem tal-ħut u prodotti oħra tas-sajd. |

| Kodiċi NM | Deskrizzjoni | Kwalifika u spjega |
|---|---|---|
| (1) | (2) | (3) |
| 0306 | Krustaċji, kemm jekk fil-qoxra jew le, ħajjin, friski, imkessħin, friżati, imnixxfin, immellħin jew fis-salmura; krustaċji affumikati, kemm jekk fil-qoxra jew le, kemm jekk imsajrin qabel jew matul il-proċess ta' affumikazzjoni; krustaċji, fil-qoxra, imsajrin bl-istim jew mgħollijin fl-ilma, kemm jekk imkessħin jew le, iffriżati, imnixxfin, immellħin jew fis-salmura; dqiq, pasti u gerbub ta' krustaċji, tajbin għal konsum uman | Kollha: il-krustaċji ħajjin importati għall-konsum uman immedjat jitqiesu u jiġu trattati għal finijiet ta' kontrolli uffiċjali daqslikieku kienu prodotti.<br>Tkopri x-xadini ornamentali tal-baħar u ċ-ċesti tagħhom għall-użu bħala annimali domestiċi; u l-krustaċji ornamentali ħajjin kollha kif previst bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1251/2008 ([1]). |
| 0307 | Molluski, kemm jekk fil-qoxra jew le, ħajjin, friski, imkessħin, iffriżati, imnixxfin, immellħin jew fis-salmura; molluski affumikati, kemm jekk fil-qoxra jew le, kemm jekk imsajrin qabel jew matul il-proċess ta' affumikazzjoni; dqiq, pasti u gerbub ta' molluski, tajbin għal konsum uman | Din tkopri l-molluski li jistgħu jkunu ġew imsajrin u mbagħad affumikati. Il-molluski imsajrin l-oħra huma koperti fl-intestatura 1605.<br>Tkopri l-molluski ornamentali ħajjin kif stipulat fir-Regolament (KE) Nru 1251/2008.<br>Molluski ħajjin importati għall-konsum uman immedjat jitqiesu u jiġu trattati għal finijiet ta' kontrolli uffiċjali daqslikieku kienu prodotti.<br>Tkopri kollox fis-subintestatura 0307 11 sa 0307 99, bħalma huma l-eżempji li ġejjin:<br>0307 60 (bebbux ħlief bebbux tal-baħar): tkopri l-gastropodi terrestri tal-ispeċi *Helix pomatia*, *Helix aspersa*, *Helix lucorum* u speċijiet tal-familja *Achatinidae*. Tkopri l-bebbux ħaj (inkluż il-bebbux tal-ilma ħelu) għall-konsum uman immedjat u wkoll il-laħam tal-bebbux għall-konsum uman. Tkopri l-bebbux ipproċessat jew il-bebbux ipproċessat minn qabel. Prodotti pproċessati oħrajn huma koperti fl-intestatura 1605.<br>0307 91 00 (molluski oħrajn, ħajjin, friski jew imkessħin, jiġifieri ħlief gajdri, arzelli, maskli (*Mytilus* spp., *Perna* spp.), siċċ, klamari, qarnit, bebbux tal-baħar, gandoffli, arzell, arki, widnet il-baħar (*Haliotis* spp.) u strombi (*Strombus* spp.): tkopri laħam tal-ispeċi tal-bebbux tal-ilma baħar, kemm jekk fil-qoxra jew le).<br>0307 99 (molluski oħrajn, ħlief ħajjin, friski, imkessħin, jew iffriżati, jiġifieri ħlief gajdri, arzelli, maskli (*Mytilus* spp., *Perna* spp.), siċċ, klamari, qarnit, bebbux tal-baħar, gandoffli, arzell, arki, widnet il-baħar (*Haliotis* spp.) u strombi (*Strombus* spp.); oħrajn, inkluż dqiq, pasti u gerbub, tajbin għall-konsum uman). |
| 0308 | Invertebrati akkwatiċi ħlief krustaċji u molluski, ħajjin, friski, imkessħin, iffriżati, imnixxfin, immellħin jew fis-salmura; invertebrati akkwatiċi affumikati, ħlief krustaċji u molluski, kemm jekk imsajrin qabel jew waqt il-proċess tal-affumikar u kemm jekk le; dqiq, pasti u gerbub ta' invertebrati akkwatiċi ħlief krustaċji u molluski, minbarra l-krustaċji u l-molluski, tajbin għall-konsum uman | Kollha |

([1]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1251/2008 tat-12 ta' Diċembru 2008 li jimplimenta d-Direttiva tal-Kunsill 2006/88/KE fir-rigward tal-kundizzjonijiet u r-rekwiżiti taċ-ċertifikazzjoni għat-tqegħid fis-suq u l-importazzjoni fil-Komunità ta' annimali tal-akkwakultura u prodotti tagħhom u li jistabbilixxi lista ta' speċi li jgħaddu l-mard (ĠU L 337, 16.12.2008, p. 41).

KAPITOLU 4

## Prodotti tal-ħalib; bajd tat-tjur; għasel naturali; prodotti tajbin għall-ikel li ġejjin mill-annimali, li mhumiex speċifikati jew inklużi band'oħra

**Noti relatati mal-Kapitolu 4 (estratt min-Noti relatati ma' dan il-Kapitolu tan-NM)**

"1. L-espressjoni "ħalib" tfisser ħalib sħiħ mhux proċessat, u l-ħalib parzjalment jew kompletament xkumat.

2. Għall-għanijiet tal-intestatura 0405:

(a) it-terminu "butir" ifisser butir naturali, butir tax-xorrox jew butir rikostitwit (frisk, immellaħ jew misnieħ, inkluż butir fil-laned) derivat esklussivament minn ħalib, b'kontenut ta' xaħam ta' 80 % jew aktar iżda mhux aktar minn 95 % skont il-piż, b'kontenut massimu ta' solidi-mhux-xaħam ta' 2 % skont il-piż u b'kontenut massimu ta' ilma ta' 16 % skont il-piż. Il-butir ma għandux ikollu emulsjonanti miżjudin, iżda jista' jkun fih il-klorur tas-sodju (melħ), l-ilwien tal-ikel, il-melħ newtralizzanti u kolturi ta' batterji li jipproduċu l-aċtu-lattiku ma jagħmlux ħsara;

(b) l-espressjoni "dlik (pejst) tal-ħalib" tfisser taħlita li tinfirex tat-tip ilma-fiż-żejt, b'kontenut ta' xaħam tal-ħalib bħala l-uniku xaħam fil-prodott, b'kontenut ta' xaħam tal-ħalib ta' 39 % jew aktar iżda inqas minn 80 % skont il-piż.

3. Il-prodotti miksuba bil-konċentrazzjoni tax-xorrox u biż-żieda tal-ħalib jew tax-xaħam tal-ħalib għandhom jiġu kklassifikati bħala ġobon fl-intestatura 0406 sakemm dawn ikollhom it-tliet karatteristiċi li ġejjin:

(a) kontenut ta' xaħam tal-ħalib, tal-materjal xott, ta' 5 % jew aktar, skont il-piż;

(b) kontenut ta' materja niexfa, skont il-piż, ta' mill-inqas 70 % iżda mhux iżjed minn 85 %; u

(c) huma ffurmati jew jistgħu jingħataw forma.

4. Dan il-kapitolu ma jkoprix:

(a) il-prodotti magħmulin mix-xorrox, li fihom iktar minn 95 % lattożju skont il-piż, espress bħala lattożju anidru meqjus fuq il-materjal xott (intestatura 1702);

(b) il-prodotti miksuba mill-ħalib permezz tas-sostituzzjoni ta' kostitwent naturali wieħed jew aktar (pereżempju, xaħmijiet butiriċi) b'sustanza oħra (pereżempju, xaħmijiet oleiċi) (tal-intestatura 1901 jew 2106); jew jew

(c) l-albumini (inklużi konċentrati ta' żewġ proteini tax-xorrox jew aktar, b'kontenut ta' aktar minn 80 % proteini tax-xorrox skont il-piż, meqjusin fuq il-materjal xott) (intestatura 3502) jew globulini (tal-intestatura 3504).

…"

**Estratti min-Noti ta' Spjega tas-Sistema Armonizzata**

"L-intestatura 0408 tkopri l-bajd sħiħ mhux fil-qoxra, u l-isfra tal-bajd tat-tjur kollha. Il-prodotti ta' din l-intestatura jistgħu jkunu friski, imnixxfin, imsajrin bl-istim jew bit-tgħollija, iffurmati, (pereżempju "bajd twil" ċilindriku), iffriżati jew preservati mod ieħor. Dawn kollha jaqgħu taħt din l-intestatura kemm jekk fihom zokkor miżjud jew sustanzi ħelwin oħra u kemm jekk biex jintużaw bħala ikel jew għal finijiet industrijali (pereżempju, fl-ikkunzar).

Din l-intestatura ma tkoprix:

(a) Iż-żejt tal-isfar tal-bajd (tal-intestatura 1506).

(b) Il-preparazzjonijiet tal-bajd li fihom taħwir, ħwawar jew addittivi oħra (tal-intestatura 2106).

(c) Il-leċitina (intestatura 2923).

(d) L-abjad tal-bajd separat (albumina tal-bajd) (l-intestatura 3502).

…

L-intestatura 0409 tkopri l-għasel prodott min-naħal (*Apis mellifera*) jew minn insetti oħra, iċċentrifugat jew fix-xehda jew li fih biċċiet ta' xehda, sakemm ma jkunx ġie miżjud iz-zokkor jew sustanza oħra. Dan l-għasel jista' jiġi kklassifikat skont is-sors, l-oriġini jew il-kulur tal-fjuri.

L-intestatura 0409 teskludi l-għasel artifiċjali u t-taħlitiet ta' għasel naturali u artifiċjali (l-intestatura 1702).

…

L-intestatura 0410 tkopri l-prodotti ġejjin mill-annimali li huma tajbin għall-konsum uman, li mhumiex speċifikati jew inklużi x'imkien ieħor fin-Nomenklatura Magħquda. Dan jinkludi:

(a) Il-bajd tal-fkieren. Dawn huma bajd tal-fkieren tax-xmajjar jew tal-baħar; jistgħu jkunu friski, imnixxfa jew ippreservati mod ieħor.

Iż-żejt tal-fekruna huwa eskluż (l-intestatura 15.06).

(b) Il-bejtiet tas-Salanganes ("bejtiet tal-għasafar"). Dawn jikkonsistu minn sustanza li jipproduċu l-għasafar li tissolidifika malajr mal-espożizzjoni għall-arja.

Il-bejtiet jistgħu jiġu ppreżentati mhux trattati, jew jistgħu jkunu ġew imnaddfa biex jitneħħewlhom ir-rix, iż-żajbar, it-trab u impuritajiet oħra sabiex isiru tajbin għall-konsum. Dawn huma ġeneralment fil-forma ta' strixxi jew ħajtiet bajdana.

Il-bejtiet tas-Salanganes għandhom kontenut għoli ta' proteini u jintużaw kważi b'mod esklussiv fis-sopop jew fi preparazzjonijiet tal-ikel oħrajn.

L-intestatura 0410 teskludi d-demm tal-annimali, li jittiekel jew le, likwidu jew imnixxef (it-titolu 0511 jew 3002).

| Kodiċi NM | Deskrizzjoni | Kwalifika u spjega |
|---|---|---|
| (1) | (2) | (3) |
| 0401 | Ħalib u krema, mhux konċentrati u mingħajr iż-żieda ta' zokkor jew ta' xi materjal ieħor biex jagħmel ħelu | Kollha.<br>Ħalib għall-għalf tal-annimali huwa kopert taħt din l-intestatura, filwaqt li l-għalf tal-annimali li fih il-ħalib huwa kopert fl-intestatura 2309.<br>Ħalib għal użu terapewtiku/profilattiku huwa kopert fl-intestatura 3001. |
| 0402 | Ħalib u krema, konċentrati jew biż-żieda ta' zokkor jew ta' xi materjal ieħor biex jagħmel ħelu | Kollha. |
| 0403 | Xorrox tal-butir, baqta u krema, jogurt, kefir u ħalib u krema oħrajn fermentati jew li saru aċidużi, kemm jekk konċentrati kif le jew biz-zokkor miżjud jew materjal ieħor li jagħmel ħelu jew imħawwrin jew miżjudin bil-frott, bil-ġewż jew bil-kawkaw | Kollha, tkopri krema, ħalib imħawwar jew bi frott, iffriżat u fermentat, għall-konsum uman.<br>Il-ġelat huwa kopert fl-intestatura 2105.<br>Xorb li fih il-ħalib b'togħma ta' kawkaw jew sustanzi oħra huwa kopert fl-intestatura 2202. |
| 0404 | Xorrox, kemm jekk konċentrat kif le jew biz-zokkor miżjud jew materjal ieħor li jagħmel ħelu; prodotti magħmulin minn kostitwenti naturali tal-ħalib, kemm jekk biz-zokkor miżjud jew materjal ieħor li jagħmel ħelu jew le, li mhumiex speċifikati jew inklużi band'oħra | Kollha, tkopri prodotti tal-ħalib għat-trabi.<br>Fil-kodiċi NM 0404 10 48 tkopri l-kolostru tal-ifrat, f'forma likwida, bix-xaħam imneħħi u dekaseinat, għall-konsum uman, u fil-kodiċi NM 0404 90 21 tkopri l-kolostru bix-xaħam imnaqqas li ma jkunx ġie dekaseinat u mnixxef bl-isprej, għall-konsum uman. |
| 0405 | Butir u xaħmijiet u żjut oħrajn magħmulin mill-ħalib; dlik (pejst) ta' prodotti tal-ħalib | Kollha. |
| 0406 | Ġobon u baqta | Kollha |
| 0407 | Bajd tat-tjur, fil-qoxra, frisk, preservat jew imsajjar | Kollha, tkopri bajd għat-tifqis u bajd speċifikat ħieles minn patoġeni (SPF) u bajd fertilizzat għall-inkubazzjoni (0407 11 u 0407 19).<br>tkopri bajd frisk (0407 21 sa 0407 29) u bajd ieħor (0407 90), kemm tajjeb kif ukoll dak mhux tajjeb għall-konsum uman.<br>tkopri "bajd ta' 100 sena".<br>Kemm albumina tal-bajd li mhijiex tajba kif ukoll dik tajba għall-konsum uman huma koperti bl-intestatura 3502. |
| 0408 | Bajd tat-tjur, mhux fil-qoxra, u isfar tal-bajd, frisk, imnixxef, imsajjar bl-istim jew bit-togħlija, iffurmat, iffriżat jew ippreservat mod ieħor, kemm biż-żieda ta' zokkor jew materjal ieħor li jagħti ħlewwa kif ukoll jekk le | Kollha: din l-intestatura tkopri l-prodotti tal-bajd kemm jekk ikunu ġew trattati bis-shana u kemm jekk le u prodotti li mhumiex tajbin għall-konsum uman. |
| 0409 00 00 | Għasel naturali | Kollha |

| Kodiċi NM | Deskrizzjoni | Kwalifika u spjega |
|---|---|---|
| (1) | (2) | (3) |
| 0410 00 00 | Prodotti tajbin għall-ikel u li joriġinaw mill-annimali, li mhumiex speċifikati jew inklużi band'oħra | Kollha<br>Din l-intestatura tkopri r-"royal jelly" u l-propolis (użati fil-manifattura tal-prodotti farmaċewtiċi u supplimenti tal-ikel) u materjal ieħor ġej mill-annimali għall-konsum uman, ħlief l-għadam (li huma koperti fl-0506).<br>Insetti jew bajd tal-insetti għall-konsum uman huma koperti f'dan il-kodiċi NM. |

KAPITOLU 5

## Prodotti ġejjin mill-annimali li mhumiex speċifikati jew inklużi band'oħra

### Kummenti ġenerali

Rekwiżiti speċifiċi għal ċerti prodotti f'dan il-kapitolu huma stabbiliti fit-Tabella 2 fit-Taqsima 1 tal-Kapitolu II tal-Anness XIV tar-Regolament (UE) Nru 142/2011:

Ir-Ringiela 7: lanżit tal-ħnieżer

Ir-Ringiela 8: suf u xagħar mhux trattati prodotti minn annimali ħlief dawk mill-ispeċi porċini

Ir-Ringiela 9: rix ittrattat, partijiet ta' rix u rix fin artab (down) trattati

### Noti relatati mal-Kapitolu 5 (estratt min-Noti relatati ma' dan il-Kapitolu tan-NM)

"1. Dan il-kapitolu ma jkoprix:

(a) prodotti tajbin għall-ikel (ħlief imsaren, bżieżaq u stonki ta' annimali, sħaħ jew bċejjeċ minnhom, u demm ta' annimali, likwidu jew niexef);

(b) ġlud (inklużi l-ferijiet), ħlief oġġetti tal-intestatura 0505 u bċejjeċ u skart simili ta' ġlud mhux maħduma tal-intestatura 0511 (il-Kapitolu 41 jew 43);

(c) materjali ta' tessuti tal-annimali, ħlief krin u l-iskart tal-krin (it-Taqsima XI); jew

(d) għoqiedi jew trofof lesti għall-manifattura ta' xkupi u xkupilji (intestatura 9603).

…

3. Matul in-nomenklatura, nejbiet ta' iljunfant, ipoppotamu, odobenu (walrus), narwal u ċingjal, qrun ta' rinoċeront u s-snien tal-annimali kollha huma meqjusin bħala "avorju".

4. Matul in-Nomenklatura, l-espressjoni "krin" tfisser ix-xagħar tal-krinieri jew tad-dnub ta' annimali ekwini jew bovini. L-intestatura 0511 tkopri, fost l-oħrajn, il-krin u l-iskart tal-krin, kemm jekk ikun użat jew le bħala saff b'materjal li jżommu jew le.

### Estratt min-Noti ta' Spjega tas-Sistema Armonizzata

"L-intestatura 0505 tkopri

(1) Il-ġlud u partijiet oħra minn għasafar (eż., rjus, ġwienaħ) bir-rix jew l-ewwel rix tagħhom, u

(2) Rix u bċejjeċ tar-rix (kemm bit-trufijiet mirqumin jew le), u żajbar

sakemm dawn ikunu mhux maħdumin, jew ikunu sempliċiment imnaddfin, iddiżinfettati jew ittrattati għall-preservazzjoni imma ma jkunux maħdumin jew immuntati mod ieħor.

L-intestatura 0505 tkopri wkoll trab, grixa u skart mir-rix jew bċejjeċ tar-rix."

| Kodiċi NM | Deskrizzjoni | Kwalifika u spjega |
|---|---|---|
| (1) | (2) | (3) |
| 0502 10 00 | Lanżit u xagħar tal-ħnieżer, majjali tas-simna (hogs) jew ċingjali u skart tagħhom | Kollha, trattati u mhux trattati. |
| 0504 00 00 | Imsaren, bżieżaq u stonki ta' annimali (ħlief ħut), sħaħ jew bċejjeċ minnhom, friski, imkessħin, friżati, immellħin, fis-salmura, imqaddin jew affumikati | Kollha: tkopri stonku, bżieżaq u intestini mnaddfin, immellħin, imnixxfin jew imsaħħnin ta' annimali tal-ifrat, porċini, ovini, kaprini, jew ta' oriġini tat-tjur. |
| ex 0505 | Ġlud u partijiet oħrajn minn għasafar, bir-rix, rix u bċejjeċ tar-rix (kemm bit-trufijiet mirqumin jew le), mhumiex maħdumin aktar minn imnaddfin, disinfettati jew trattati għall-preservazzjoni; trab u skart mir-rix jew minn bċejjeċ tar-rix | Kollha, inklużi trofej tal-kaċċa tal-għasafar, iżda eskluż ir-rix dekorattiv ittrattat, rix ittrattat li jinġarr minn passiġġieri għall-użu privat tagħhom jew kunsinni ta' rix ittrattat mibgħuta lil individwi privati għal finijiet mhux industrijali.<br>L-Artikolu 25(1)(b) tar-Regolament (UE) Nru 142/2011 jipprojbixxi l-importazzjoni u t-tranżitu mill-Unjoni ta' rix u partijiet ta' rix u rix fin artab (down) mhux ittrattati.<br>Il-kontrolli uffiċjali japplikaw għar-rix indipendentement mit-trattament tagħhom kif imsemmi fil-punt C tal-Kapitolu VII tal-Anness XIII tar-Regolament (UE) Nru 142/2011.<br>Hemm aktar rekwiżiti speċifiċi għat-trofej tal-kaċċa stabbiliti fit-Taqsima 5 tal-Kapitolu II tal-Anness XIV tar-Regolament (UE) Nru 142/2011.<br>It-Taqsima 6 tal-Kapitolu II tal-Anness XIV tar-Regolament (UE) Nru 142/2011 tkopri r-rix li jintuża għall-mili; l-ewwel rix, rix mhux ipproċessat jew rix ieħor. |
| 0506 | Għadam u ċ-ċentri tal-qrun, mhux maħduma, bix-xaħam imneħħi, sempliċement ippreparati (iżda mhux maqtugħin għall-forma), ittrattati bl-aċidu jew deġelatinizzati; trab u skart minn dawn il-prodotti | tkopri l-għadam użat bħala magħda tal-klieb u l-għadam għall-produzzjoni tal-ġelatina, jew tal-kollaġen jekk ikunu derivati minn karkassi li jkunu nqatlu għall-konsum uman.<br>Id-dqiq tal-għadam għall-konsum uman huwa kopert taħt l-intestatura 0410.<br>Ir-rekwiżiti speċifiċi għal prodotti bħal dawn mhux intiżi għall-konsum uman huma stabbiliti fir-Ringiela 6 (trofej tal-kaċċa), fir-Ringiela 11 (għadam u prodotti tal-għadam (ħlief l-għadam mitħun), qrun u prodotti tal-qrun (ħlief il-qrun mitħun) u qwieqeb u prodotti tal-qwieqeb (ħlief qwieqeb mitħuna) għal użi ħlief bħala materjal ta' għalf, fertilizzant organiku jew materjal li jtejjeb il-ħamrija), u r-Ringiela 12 (magħda tal-klieb) tat-Tabella 2 tat-Taqsima 1 tal-Kapitolu II tal-Anness XIV tar-Regolament (UE) Nru 142/2011. |
| 0507 | Avorju, il-qoxra tal-fekruna, l-għadma tal-balieni u x-xagħar tal-għadam tal-balieni, qrejjen, qrejjen imsaġġra, qwieqeb, dwiefer, dwiefer ippuntati u mnaqar, li mhumiex maħduma jew sempliċement ippreparati iżda mhumiex maqtugħin għall-forma; trab u skart minn dawn il-prodotti | Tkopri t-trofej tal-kaċċa ttrattati minn għasafar u minn annimali bid-dwiefer li jkun biss għadam, qrejjen, qwieqeb, dwiefer ippuntati, qrejjen imsaġġra, snien jew ġlud minn pajjiżi terzi.<br>Ir-rekwiżiti speċifiċi għat-trofej tal-kaċċa huma stabbiliti fir-Ringiela 6 tat-Tabella 2 tat-Taqsima 1 tal-Kapitolu II tal-Anness XIV tar-Regolament (UE) Nru 142/2011. |
| ex 0508 00 00 | Qroll u materjali simili, mhux maħdumin jew sempliċiment preparati iżda mhux maħdumin mod ieħor; qxur ta' molluski, krustaċej jew ekinodermi u għadam tas-siċċ, mhux maħdumin jew sempliċiment preparati iżda mhux maqtugħin għall-forma, trab u skart tagħhom | Qxur vojta għall-użu fl-ikel u għall-użu bħala materja prima għall-glukożammina.<br>Barra minn hekk, il-qxur, inkluż l-għadam tas-siċċ, b'laħam jew tessut artab, kif imsemmi fil-punt (k)(i) tal-Artikolu 10 tar-Regolament (KE) Nru 1069/2009 huma koperti. |

| Kodiċi NM | Deskrizzjoni | Kwalifika u spjega |
|---|---|---|
| (1) | (2) | (3) |
| ex 0510 00 00 | Ambra griża, kastorju, żibett u misk, kantaridi, bila, imnixxfa jew le; glandoli u prodotti oħrajn ta' annimali użati fil-preparazzjoni ta' prodotti farmaċewtiċi, friski, imkessħin, friżati jew preservati mod ieħor provviżorjament | L-ambra griża u l-kantaridi huma esklużi.<br>Il-glandoli, prodotti oħra tal-annimali u l-bila huma koperti minn dan il-kodiċi.<br>Il-glandoli mnixxfa u l-prodotti tagħhom huma koperti mill-intestatura 3001.<br>Jistgħu jiġu stabbiliti rekwiżiti speċifiċi fir-Ringiela 14 tat-Tabella 2 fit-Taqsima 1 tal-Kapitolu II tal-Anness XIV tar-Regolament (UE) Nru 142/2011 għal prodotti sekondarji mill-annimali għall-manifattura ta' ikel għall-annimali domestiċi ħlief l-ikel mhux ipproċessat għall-annimali domestiċi u prodotti dderivati minnu għal użi barra mill-katina tal-għalf (għall-farmaċewtiċi u prodotti tekniċi oħra). |
| ex 0511 | Prodotti ġejjin mill-annimali li mhumiex speċifikati jew inklużi band'oħra; annimali mejtin tal-Kapitolu 1 jew 3, li mhumiex tajbin għall-konsum uman | Kollha.<br>Tkopri materjal ġenetiku (semen u embrijuni li ġejjin mill-annimali bħall-ispeċi bovina, ovina, kaprina, ekwina u porċina) u prodotti sekondarji tal-annimali ta' materjali tal-Kategoriji 1 u 2, kif imsemmi fl-Artikoli 8 u 9 tar-Regolament (KE) Nru 1069/2009.<br>Dawn li ġejjin huma eżempji ta' prodotti mill-annimali li jidħlu taħt is-subintestaturi 0511 10 sa 0511 99:<br>0511 10 00 (semen minn annimali tal-ifrat).<br>0511 91 (prodotti tal-ħut jew krustaċji, molluski jew invertebrati akkwatiċi oħrajn): kollha, tkopri l-bajd tal-ħut għat-tifqis, l-annimali mejtin, il-prodotti sekondarji tal-annimali għall-manifattura ta' ikel għall-annimali domestiċi u għall-farmaċewtiċi u prodotti tekniċi oħra. Tkopri l-annimali mejtin kif imsemmi fil-Kapitolu 3, mhux tajbin biex jittieklu jew ikklassifikati li mhumiex tajbin għall-konsum uman, pereżempju, id-daphnids, magħrufin bħala brieghed tal-ilma, u ostrakoda jew fillopodi oħrajn, imnixxfa, biex jitimgħu lill-ħut tal-akkwarji; tkopri l-lixka tal-ħut.<br>ex 0511 99 10 (muskoli jew għeruq; bċejjeċ u skart simili ta' ġlud mhux proċessati.<br>Huma meħtieġa kontrolli uffiċjali għall-ġlud mhux ittrattati kif imsemmi fil-punt C 2 tal-Kapitolu V tal-Anness XIII tar-Regolament (UE) Nru 142/2011, jekk ikunu konformi mal-Artikolu 41(3) tar-Regolament (KE) Nru 1069/2009.<br>ex 0511 99 31 (sponoż naturali mhux ipproċessati ġejjin mill-annimali): kollha, jekk għall-konsum uman; jekk mhux għall-konsum uman, dawk intiżi għall-annimali domestiċi biss. Ir-rekwiżiti speċifiċi għall-konsum mhux mill-bniedem huma stabbiliti fir-Ringiela 12 tat-Tabella 2 fit-Taqsima 1 tal-Kapitolu II tal-Anness XIV tar-Regolament (UE) Nru 142/2011.<br>ex 0511 99 39 (ħlief sponoż naturali mhux ipproċessati ġejjin mill-annimali): kollha, jekk għall-konsum uman; jekk mhux għall-konsum uman, dawk intiżi għall-annimali domestiċi biss. Ir-rekwiżiti speċifiċi mhux għall-konsum uman huma stabbiliti fir-Ringiela 12 tat-Tabella 2 fit-Taqsima 1 tal-Kapitolu II tal-Anness XIV tar-Regolament (UE) Nru 142/2011. |

| Kodiċi NM | Deskrizzjoni | Kwalifika u spjega |
|---|---|---|
| (1) | (2) | (3) |
| | | ex 0511 99 85 (prodotti oħra tal-annimali li mhumiex speċifikati jew inklużi band' oħra; annimali mejtin tal-Kapitolu 1, mhux tajbin għall-konsum uman): Tkopri l-embrijuni, l-ova, is-semen u l-materjal ġenetiku mhux koperti mill-kodiċi 0511 10 u ta' speċijiet għajr l-annimali tal-ifrat li jidħlu taħt din l-intestatura. Tkopri l-prodotti sekondarji tal-annimali għall-manifattura ta' ikel għall-annimali domestiċi jew prodotti tekniċi oħrajn.<br>Tkopri x-xagħar taż-żiemel mhux ittrattat, prodotti tal-apikultura ħlief xama' għall-apikultura jew użu tekniku, spermaċeti għal użu tekniku, annimali mejta msemmija fil-Kapitolu 1 li ma jittiklux jew li mhumiex għall-konsum uman (pereżempju: klieb, qtates, insetti) materjal mill-annimali li l-karatteristiċi essenzjali tiegħu ma jkunux inbidlu, u d-demm tal-annimali li jittiekel li mhux derivat mill-ħut, għall-konsum uman. |

KAPITOLU 6

## Siġar ħajjin u pjanti oħrajn; basal, għeruq u bħalhom; fjuri maqtugħin u weraq ornamentali

### Kummenti ġenerali

Dan il-kapitolu jkopri spawn għall-faqqiegħ f'kompost ta' demel sterilizzat li ġej mill-annimali.

### Estratt min-Noti ta' Spjega għan-NM

"0602 90 10 Spawn għall-faqqiegħ:

It-terminu żergħa bajda tal-fungi huwa referenza għal xibka ta' ħjut fraġli (*Thallus jew Mycelium*) li spiss tinsab taħt l-art, li tgħix u tikber fuq is-superfiċi ta' annimali jew materjal veġetali li jkun qed jiddekomponi u li tiżviluppa fit-tessuti stess u tipproduċi l-faqqiegħ.

Din is-subintestatura tinkludi wkoll prodott magħmul miż-żergħa bajda tal-fungi, mhux kompletament żviluppat, imqiegħed f'ammonti mikroskopiċi fuq saff tal-ħabb taċ-ċereali u mgeżwer f'kompost tad-demel taż-żwiemel sterilizzat (taħlita ta' tiben u demel taż-żwiemel)."

| Kodiċi NM | Deskrizzjoni | Kwalifika u spjega |
|---|---|---|
| (1) | (2) | (3) |
| ex 0602 90 10 | Spawn għall-faqqiegħ | Biss, jekk ikun fih demel ipproċessat li joriġina mill-annimali u r-regoli speċifiċi huma stabbiliti fir-Ringiela 1 tat-Tabella 2 fit-Taqsima 1 tal-Kapitolu II tal-Anness XIV tar-Regolament (UE) Nru 142/2011. |

KAPITOLU 12

## Żrieragħ u frott żejtnin; diversi qmuħ, żrieragħ u frott; pjanti industrijali jew mediċinali; tiben u magħlef

| Kodiċi NM | Deskrizzjoni | Kwalifika u spjega |
|---|---|---|
| (1) | (2) | (3) |
| ex 1212 99 95 | Prodotti veġetali tat-tip li jintuża primarjament għall-konsum uman, li mhumiex speċifikati jew inklużi band'oħra | Polline tan-naħal |

| Kodiċi NM | Deskrizzjoni | Kwalifika u spjega |
|---|---|---|
| (1) | (2) | (3) |
| ex 1213 00 00 | Tiben u ħliefa taċ-ċereali, mhux preparati, kemm jekk imqattgħin bċejjeċ, mitħunin, magħsurin jew forma ta' gerbub jew le | Tiben biss |
| ex 1214 90 | Swedes, mangoldi, għeruq għall-għalf, ħuxlief, xnien (alfalfa), silla, sainfoin, kaboċċi għall-magħlef, lupini, ġulbiena u prodotti simili tal-għalf, kemm jekk f'forma ta' gerbub kemm jekk le: ħlief xnien (alfalfa) mitħun oħxon u gerbub | Ħuxlief biss |

KAPITOLU 15

**Xaħmijiet u żjut ta' annimali jew ħxejjex u prodotti mill-qsim tagħhom; xaħmijiet ippreparati tajbin għall-ikel; xamgħat ta' annimali jew ħxejjex**

**Kummenti ġenerali**

Xaħmijiet u żjut kollha dderivati mill-annimali. Ir-rekwiżiti speċifiċi għall-prodotti li ġejjin huma stabbiliti fl-Anness XIV tar-Regolament (UE) Nru 142/2011:

1. xaħmijiet imdewba u żjut tal-ħut fir-Ringiela 3 tat-Tabella 1 fit-Taqsima 1 tal-Kapitolu I;
2. xaħmijiet imdewba mill-materjali tal-Kategorija 2 għal ċerti finijiet barra l-katina tal-għalf għal annimali mrobbija fl-irziezet (pereżempju finijiet oleokimiċi) fir-Ringiela 17 tat-Tabella 2 fit-Taqsima 1 tal-Kapitolu II;
3. id-derivattivi tax-xaħam fir-Ringiela 18 tat-Tabella 2 fit-Taqsima 1 tal-Kapitolu II.

Id-derivattivi tax-xaħam jinkludu l-prodotti tal-ewwel stadju dderivati minn xaħmijiet u żjut meta jkunu fl-istat pur tagħhom li jiġu prodotti b'metodu stabbilit fil-punt 1 tal-Kapitolu XI tal-Anness XIII tar-Regolament (UE) Nru 142/2011.

Id-derivattivi mħallta ma' materjali oħra huma suġġetti għall-kontrolli uffiċjali.

**Noti relatati mal-Kapitolu 15 (estratt min-Noti relatati ma' dan il-Kapitolu tan-NM)**

"1. Dan il-kapitolu ma jkoprix:

(a) ix-xaħam tal-majjal jew ix-xaħam tat-tjur tal-intestatura 0209;

(b) il-butir, ix-xaħam u ż-żejt tal-kawkaw (l-intestatura 1804);

(c) preparazzjonijiet li jittieklu li fihom aktar minn 15 % bil-piż tal-prodotti tal-intestatura 0405 (ġeneralment il-Kapitolu 21);

(d) fdal li ma dabx (l-intestatura 2301) jew il-fdalijiet tal-intestaturi 2304 sa 2306;

…

3. L-intestatura 1518 ma jkoprix xaħmijiet jew żjut jew il-frazzjonijiet tagħhom, żnaturati biss, li jiġu kklassifikati taħt l-intestatura xierqa għax-xaħmijiet u għaż-żjut u għall-frazzjonijiet korrispondenti tagħhom mhux żnaturati.

4. Sapun sempliċi, tartru u residwi taż-żejt, żift tal-istearina, żift tal-gliċerol u residwi tax-xaħam tas-suf jidħlu fl-intestatura 1522."

**Estratt min-Noti ta' Spjega tas-Sistema Armonizzata**

"L-intestatura 1516 tkopri x-xaħmijiet u ż-żjut tal-annimali u veġetali, li jkunu għaddew minn trasformazzjoni kimika speċifika ta' tip imsemmi hawn taħt, iżda li ma jkunux ġew ippreparati aktar.

L-intestatura tkopri wkoll frazzjonijiet ta' xaħmijiet u żjut tal-annimali jew veġetali li ġew ittrattati b'mod simili.

L-idroġenizzazzjoni, li tiġi affettwata billi l-prodotti jiġu f'kuntatt mal-idroġenu pur f'temperatura u taħt pressjoni adattati fil-preżenza ta' katalista (ġeneralment nikil imfarrak b'mod fin), tgħolli l-punti tat-tidwib tax-xaħmijiet u żżid il-konsistenza taż-żjut billi tittrasforma l-gliċeridi mhux saturati (eż. ta' aċidi olejki jew linolejki) fi gliċeridi saturati b'punti ta' tidwib ogħla (eż. ta' aċidi palmitiċi u steariċi).

"L-intestatura 1518 tkopri taħlitiet jew preparazzjonijiet li ma jittiklux ta' xaħmijiet jew żjut tal-annimali jew veġetali jew ta' frazzjonijiet ta' xaħmijiet jew żjut differenti tal-Kapitolu, li mhumiex speċifikati jew inklużi band'oħra."

Din il-parti tkopri, *inter alia*, iż-żejt tal-qali użat li fih, pereżempju, żejt tal-kolza, żejt tas-sojja u kwantità żgħira ta' xaħam tal-annimali, għall-użu fil-preparazzjoni tal-għalf tal-annimali.

L-intestatura tinkludi wkoll xaħmijiet u żjut idroġenati, interesterifikati, riesterifikati jew elajdinizzati jew il-frazzjonijiet tagħhom, meta l-modifika tkun tinvolvi aktar minn xaħam jew żejt wieħed."

| Kodiċi NM | Deskrizzjoni | Kwalifika u spjega |
|---|---|---|
| (1) | (2) | (3) |
| 1501 | Grass tal-majjal (inkluż ix-xaħam) u grass tat-tjur, ħlief dak tal-intestatura 0209 jew 1503 | Kollha |
| 1502 | Grass ta' annimali tal-ifrat, nagħaġ u mogħoż, ħlief dawk tal-intestatura 1503 | Kollha |
| 1503 00 | Stearina tax-xaħam, żejt tax-xaħam, oleostearina u żejt tax-xaħam tad-dam, mhux emulsifikati jew imħalltin jew preparati b'xi mod ieħor | Kollha |
| 1504 | Xaħmijiet u żjut u l-frazzjonijiet tagħhom, ta' ħut jew mammiferi tal-baħar, raffinati jew le, iżda mhux modifikati kimikament | Kollha, iż-żjut tal-ħut u ż-żjut minn prodotti tas-sajd u minn mammiferi tal-baħar.<br>Preparazzjonijiet diversi tajbin għall-ikel huma koperti b'mod ġenerali taħt l-intestatura 1517 jew il-Kapitolu 21. |
| 1505 00 | Xaħam tas-suf u sustanzi xaħmin idderivati minnu (inkluża l-lanolina) | Kollha, xaħam tas-suf importat bħala xaħam imdewweb kif stipulat fl-Anness XIV tar-Regolament (UE) Nru 142/2011, jew il-lanolina importata bħala prodott intermedju. |
| 1506 00 00 | Xaħam u żjut oħrajn ta' annimali u l-frazzjonijiet tagħhom, raffinati jew le, iżda mhux modifikati kimikament | Kollha<br>Xaħmijiet jew żjut mhux maqsumin, u wkoll il-frazzjonijiet inizjali tagħhom prodotti b'metodu stabbilit fil-punt 1 tal-Kapitolu XI tal-Anness XIII tar-Regolament (UE) Nru 142/2011. |
| 1516 10 | Xaħmijiet u żjut ta' annimali u l-frazzjonijiet tagħhom, parzjalment jew kompletament idroġenati, inter-esterifikati, ri-esterifikati jew elajdinizzati, raffinati jew le, iżda mhux ippreparati aktar | Kollha: xaħmijiet u żjut mill-annimali.<br>Għall-kontrolli uffiċjali d-derivattivi tax-xaħam jinkludu l-prodotti fl-ewwel stadju dderivati minn xaħmijiet u żjut tal-annimali meta fl-istat pur tagħhom prodotti b'metodu stabbilit fil-punt 1 tal-Kapitolu XI tal-Anness XIII tar-Regolament (UE) Nru 142/2011. |
| ex 1517 | Marġerina, taħlitiet li jittieklu jew preparazzjonijiet ta' xaħmijiet jew żjut tal-annimali jew tal-ħxejjex jew frazzjonijiet ta' xaħmijiet jew żjut differenti ta' dan il-kapitolu, minbarra xaħmijiet jew żjut jew frazzjonijiet tagħhom tal-intestatura 1516 | Il-prodotti ġejjin mill-annimali biss. |
| ex 1518 00 91 | Xaħmijiet u żjut ta' annimali u veġetali u l-frazzjonijiet tagħhom, mgħollijin, ossidizzati, deidroġenizzati, ittrattati bil-kubrit, minfuħin, ippolimerizzati bis-sħana f'vakum jew f'gass inert jew mod ieħor modifikati kimikament, esklużi dawk tal-intestatura 1516 | Oriġini ta' annimali biss.<br>Id-derivattivi tax-xaħam prodotti b'metodu stabbilit fil-punt 1 tal-Kapitolu XI tal-Anness XIII tar-Regolament (UE) Nru 142/2011.<br>Rekwiżiti speċifiċi huma stabbiliti fir-Ringiela 17 (xaħmijiet imdewba) u r-Ringiela 18 (derivattivi tax-xaħam) tat-Tabella 2 tat-Taqsima 1 tal-Kapitolu II tal-Anness XIV tar-Regolament (UE) Nru 142/2011. |
| ex 1518 00 95 | Taħlitiet jew preparazzjonijiet ta' xaħmijiet u żjut ta' annimali jew ta' annimali u veġetali mhumiex tajbin għall-ikel jew l-frazzjonijiet tagħhom | Xaħmijiet u preparazzjonijiet ta' żjut, xaħam imdewweb u d-derivattivi dderivati mill-annimali biss; inkluż iż-żejt tat-tisjir użat, maħsub biex jintuża skont il-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1069/2009. |

| Kodiċi NM | Deskrizzjoni | Kwalifika u spjega |
|---|---|---|
| (1) | (2) | (3) |
| | | Id-derivattivi tax-xaħam prodotti b'metodu stabbilit fil-punt 1 tal-Kapitolu XI tal-Anness XIII tar-Regolament (UE) Nru 142/2011. |
| ex 1518 00 99 | Oħrajn | Jekk ikun fihom xaħam li ġej mill-annimali biss. |
| ex 1520 00 00 | Gliċerol, mhux raffinat; ilmijiet u soluzzjonijiet tal-gliċerol | Oriġini ta' annimali biss. |
| 1521 90 91 | Xema' tan-naħal u xemgħat ta' insetti oħrajn mhux ipproċessati | Kollha, tkopri xemgħat naturali f'xehdiet naturali, xema' tan-naħal mhux ipproċessat għall-apikultura jew għal finijiet tekniċi.<br>L-Artikolu 25(1)(c) tar-Regolament (UE) Nru 142/2011 jipprojbixxi l-importazzjoni u t-tranżitu mill-Unjoni ta' xema' tan-naħal fil-forma ta' xehda.<br>Ir-rekwiżiti speċifiċi għall-prodotti sekondarji tal-apikultura huma stabbiliti fir-Ringiela 10 tat-Tabella 2 fit-Taqsima 1 tal-Kapitolu II tal-Anness XIV tar-Regolament (UE) Nru 142/2011. |
| 1521 90 99 | Xema' tan-naħal u xemgħat ta' insetti oħrajn, kemm jekk raffinati jew kuluriti jew le, ħlief dawk mhux ipproċessati | Kollha, tkopri xema', ipproċessata jew irfinuta, kemm jekk ibbliċjata jew ikkulurita u kemm jekk le, għall-apikultura jew għal finijiet tekniċi.<br>Ir-rekwiżiti speċifiċi għall-prodotti sekondarji tal-apikultura huma stabbiliti fir-Ringiela 10 tat-Tabella 2 fit-Taqsima 1 tal-Kapitolu II tal-Anness XIV tar-Regolament (UE) Nru 142/2011.<br>Prodotti sekondarji tal-apikultura ħlief xema' tan-naħal għandhom jiġu sottomessi għall-kontrolli uffiċjali taħt il-kodiċi NM 0511 99 85 'Oħrajn'. |
| ex 1522 00 | Degras; fdal li jibqa' mit-trattament ta' sustanzi xaħmin jew xemgħat ta' annimali jew veġetali | Oriġini ta' annimali biss.<br>Ir-rekwiżiti speċifiċi huma stabbiliti fir-Ringiela 18 (derivattivi tax-xaħam) tat-Tabella 2 fit-Taqsima 1 tal-Kapitolu II tal-Anness XIV tar-Regolament (UE) Nru 142/2011. |

KAPITOLU 16

## Preparazzjonijiet ta' laħam, ta' ħut jew ta' krustaċji, molluski jew invertebrati akkwatiċi oħrajn

### Noti relatati mal-Kapitolu 16 (estratt min-Noti relatati ma' dan il-Kapitolu tan-NM)

"1. Dan il-kapitolu ma jkoprix laħam, fdal tal-laħam, ħut, krustaċej, molluski jew invertebrati akkwatiċi oħrajn, imħejjija u ppreservati bil-proċessi speċifikati fil-Kapitolu 2 jew 3 jew fl-intestatura 0504.

2. Preparazzjonijiet tal-ikel jaqgħu f'dan il-kapitolu sakemm ikollhom aktar minn 20 % skont il-piż f'zalzett, laħam, fdal tal-laħam, demm, ħut jew krustaċej, molluski jew invertebrati akkwatiċi oħrajn, jew kull taħlita tagħhom. Meta l-preparazzjoni jkun fiha tnejn jew aktar mill-prodotti msemmijin fuq, hija tkun klassifikata fl-intestatura tal-Kapitolu 16 li jikkorrispondi għall-komponent jew komponenti li jippredominaw skont il-piż. Dawn id-dispożizzjonijiet ma japplikawx għall-prodotti mimlijin tal-intestatura 1902 jew għall-preparazzjonijiet tal-intestatura 2103 jew 2104.

*Għal preparazzjonijiet li fihom il-fwied, id-dispożizzjonijiet tat-tieni sentenza ma japplikawx biex ikunu determinati s-subintestaturi fl-intestatura 1601 jew 1602.*

…"

| Kodiċi NM | Deskrizzjoni | Kwalifika u spjega |
|---|---|---|
| (1) | (2) | (3) |
| 1601 00 | Zalzett u prodotti simili, ta' laħam, fdal tal-laħam jew demm; preparazzjonijiet tal-ikel ibbażati fuq dawn il-prodotti | Kollha, tkopri laħam ippreservat f'forom differenti. |
| ex 1602 | Laħam, fdal tal-laħam jew demm oħrajn preparati jew preservati | Il-prodotti ġejjin mill-annimali biss. |
| ex 1603 00 | Estratti u sugu ta' laħam, ħut jew krustaċej, molluski jew invertebrati akkwatiċi oħrajn | Il-prodotti ġejjin mill-annimali biss.<br>Kollha, tkopri l-estratti tal-laħam u konċentrati tal-laħam, il-proteini tal-ħut f'forma ta' ġel sew jekk imkessħin sew jekk iffriżati, kif ukoll il-qarquċa tal-klieb il-baħar. |
| ex 1604 | Ħut preparat jew preservat; kavjar u sostituti tal-kavjar imħejjija minn bajd tal-ħut | Il-prodotti ġejjin mill-annimali biss, preparazzjonijiet kulinari msajra jew imsajra minn qabel li jkun fihom il-ħut jew jitħalltu ma' ħut jew prodotti tas-sajd.<br>Tkopri preparazzjonijiet tas-surimi taħt il-kodiċi NM 1604 20 05.<br>Tkopri ħut fil-laned u kavjar fil-laned f'kontenituri bla arja, kif ukoll sushi (sakemm dawn ma jridux jiġu kklassifikati taħt kodiċi NM imsemmi fil-Kapitolu 19).<br>L-hekk imsejħa skewers tal-ħut (laħam tal-ħut/gambli mhux ipproċessat bil-ħaxix ippreżentati fuq stikka tal-injam) huma kklassifikati bil-kodiċi NM 1604 19 97. |
| ex 1605 | Krustaċji, molluski u invertebrati akkwatiċi oħra, ippreparati jew ippreservati | Il-prodotti li joriġinaw mill-annimali biss.<br>Tkopri bebbux ippreparat b'mod sħiħ jew ippreparat minn qabel, krustaċji fil-laned, jew invertebrati akkwatiċi oħrajn kif ukoll trab tal-maskli. |

KAPITOLU 17

## Zokkor u ħelu taz-zokkor

**Noti relatati mal-Kapitolu 17 (estratt min-Noti relatati ma' dan il-Kapitolu tan-NM)**

"1. Dan il-kapitolu ma jkoprix:

…

(b) zokkrijiet kimikament puri (ħlief is-sukrows, il-laktows, il-maltosju, il-glukows u l-fruktows) jew prodotti oħrajn tal-intestatura 2940;

…"

| Kodiċi NM | Deskrizzjoni | Kwalifika u spjega |
|---|---|---|
| (1) | (2) | (3) |
| ex 1702 | Zokkrijiet oħrajn, inklużi laktows kimikament pur, maltosju, glukows u fruktows, f'forma solida; ġuleppijiet taz-zokkor li ma fihomx ħwawar u materjal li jagħti l-kulur miżjudin; għasel artifiċjali, kemm jekk imħallat ma' għasel naturali kif ukoll jekk le | Laktows.<br>Zokkor u għasel artifiċjali, jekk imħallat ma' għasel naturali. |

KAPITOLU 18

**Kawkaw u preparazzjonijiet tal-kawkaw**

**Noti relatati mal-Kapitolu 18 (estratt min-Noti relatati ma' dan il-Kapitolu tan-NM)**

"1. Dan il-kapitolu ma jkoprix il-preparazzjonijiet tal-intestatura 0403, 1901, 1904, 1905, 2105, 2202, 2208, 3003 jew 3004.

2. L-intestatura 1806 tinkludi ħelu taz-zokkor li fih il-kawkaw u, suġġett għan-nota 1 ta' dan il-kapitolu, preparazzjonijiet oħrajn tal-ikel li fihom il-kawkaw.

…"

| Kodiċi NM | Deskrizzjoni | Kwalifika u spjega |
|---|---|---|
| (1) | (2) | (3) |
| ex 1806 | Ċikkulata u preparazzjonijiet oħrajn tal-ikel li fihom il-kawkaw | Prodotti li joriġinaw mill-annimali biss, pereżempju, prodotti tal-ħalib. |

KAPITOLU 19

**Preparazzjonijiet ta' ċereali, dqiq, lamtu jew ħalib; prodotti ta' koki tal-għaġina**

**Noti relatati mal-Kapitolu 19 (estratt min-Noti relatati ma' dan il-Kapitolu tan-NM)**

"1. Dan il-kapitolu ma jkoprix:

(a) ħlief fil-każ ta' prodotti mimlijin tal-intestatura 1902, preparazzjonijiet tal-ikel li fihom aktar minn 20 % skont il-piż ta' zalzett, laħam, fdal tal-laħam, demm, ħut jew krustaċej, molluski jew invertebrati akkwatiċi oħrajn, jew kull taħlita tagħhom (Kapitolu 16);

…"

| Kodiċi NM | Deskrizzjoni | Kwalifika u spjega |
|---|---|---|
| (1) | (2) | (3) |
| ex 1901 | Preparazzjonijiet tal-ikel tad-dqiq, groats (xgħir u barli mitħun oħxon), pasta, lamtu jew estratt tax-xgħir, ma fihomx kawkaw jew fihom inqas minn 40 % skont il-piż kawkaw ikkalkulat fuq bażi totalment mingħajr xaħam, li mhumiex speċifikati jew inklużi band'oħra; preparazzjonijiet tal-ikel ta' oġġetti tal-intestaturi 0401 sa 0404, ma fihomx kawkaw jew fihom inqas minn 5 % kawkaw skont il-piż ikkalkulat fuq bażi totalment mingħajr xaħam, li mhumiex speċifikati jew inklużi band'oħra | Il-prodotti ġejjin mill-annimali biss.<br>Tkopri oġġetti tal-ikel mhux imsajrin (eż. pizez) li jkun fihom prodotti li joriġinaw mill-annimali.<br>Il-preparazzjonijiet kulinari huma koperti mill-Kapitoli 16 u 21. |
| 1902 11 00 | Għaġin mhux imsajjar, mhux mimli jew ippreparat mod ieħor, li fih il-bajd | Kollha |
| ex 1902 20 10 | Għaġin mimli, imsajjar jew ippreparat mod ieħor jew le li fih iktar minn 20 % skont il-piż ħut, krustaċej, molluski jew invertebrati akkwatiċi oħrajn | Il-prodotti ġejjin mill-annimali biss. |
| ex 1902 20 30 | Għaġin mimli, imsajjar jew ippreparat mod ieħor jew le li fih iktar minn 20 % skont il-piż zalzett u bħalu, tal-laħam u fdal tal-laħam ta' kull tip, inklużi xaħam ta' kull tip u oriġini | Il-prodotti ġejjin mill-annimali biss. |
| ex 1902 20 91 | Għaġin mimli msajjar. | Il-prodotti ġejjin mill-annimali biss. |

| Kodiċi NM | Deskrizzjoni | Kwalifika u spjega |
|---|---|---|
| (1) | (2) | (3) |
| ex 1902 20 99 | Oħrajn [għaġin mimli ieħor, mhux imsajjar]. | Il-prodotti ġejjin mill-annimali biss. |
| ex 1902 30 | Għaġin ieħor ħlief l-għaġin tas-subintestaturi 1902 11, 1902 19 u 1902 20. | Il-prodotti ġejjin mill-annimali biss. |
| ex 1902 40 | Kuskus | Il-prodotti ġejjin mill-annimali biss. |
| ex 1904 10 10 | Ikel ippreparat permezz tan-nefħa jew ix-xiwi ta' qamħirrun | Il-prodotti ġejjin mill-annimali biss. |
| ex 1904 90 10 | Ikel ippreparat miksub mir-ross. | Prodotti ġejjin mill-annimali, pereżempju, sushi (sakemm dawn mhux se jiġu kklassifikati fil-Kapitolu 16). |
| ex 1905 | Prodotti tal-għaġina | Il-prodotti ġejjin mill-annimali biss. |

KAPITOLU 20

## Preparazzjonijiet ta' ħxejjex, frott, ġewż u partijiet oħrajn tal-pjanti

### Noti relatati mal-Kapitolu 20 (estratt min-Noti relatati ma' dan il-Kapitolu tan-NM)

"1. Dan il-kapitolu ma jkoprix:

…

(b) il-preparazzjonijiet tal-ikel li fihom aktar minn 20 %, bil-piż, ta' zalzett, laħam, ġewwieni li jittiekel, demm, ħut jew krustaċji, molluski jew invertebrati akkwatiċi oħra, jew kwalunkwe taħlita tagħhom (Kapitolu 16).

…"

| Kodiċi NM | Deskrizzjoni | Kwalifika u spjega |
|---|---|---|
| (1) | (2) | (3) |
| ex 2001 | Ħxejjex, frott, ġewż u partijiet oħrajn ta' pjanti tajbin għall-ikel, ippreparati u ppreservati bil-ħall jew bl-aċtu aċetiku | Il-prodotti ġejjin mill-annimali biss. |
| ex 2004 | Ħxejjex oħrajn, ippreparati jew ippreservati mod ieħor milli bil-ħall jew bl-aċtu aċetiku, iffriżati, ħlief prodotti tal-intestatura 2006 | Il-prodotti ġejjin mill-annimali biss. |
| ex 2005 | Ħxejjex oħrajn, ippreparati jew ippreservati mod ieħor milli bil-ħall jew bl-aċtu aċetiku, iffriżati, ħlief prodotti tal-intestatura 2006 | Il-prodotti ġejjin mill-annimali biss. |

KAPITOLU 21

## Preparazzjonijiet diversi tajbin għall-ikel

### Noti relatati mal-Kapitolu 21 (estratt min-Noti relatati ma' dan il-Kapitolu tan-NM)

"1. Dan il-kapitolu ma jkoprix:

…

(e) preparazzjonijiet tal-ikel għajr il-prodotti deskritti f'2103 jew f'2104 li fihom aktar minn 20 % skont il-piż f'zalzett, laħam, ġewwieni li jittiekel, demm, ħut jew krustaċji, molluski jew invertebrati akkwatiċi oħrajn, jew kull taħlita tagħhom (Kapitolu 16).

…

3. Għall-għanijiet tal-intestatura 2104, l-espressjoni “preparazzjonijiet komposti ta-ikel omoġenizzati” tfisser preparazzjonijiet magħmulin minn taħlita omoġenizzata fina ta’ żewġ ingredjenti bażiċi jew aktar bħal laħam, ħut, ħxejjex frott jew ġewż, ippreżentati għall-bejgħ bl-imnut bħala ikel għat-trabi jew għal għanijiet dietetiċi, f’kontenituri b’kontenut ta’ piż nett li ma jaqbiżx il-250 g. Għall-applikazzjoni ta’ din it-tifsira, ma għandhomx jitqiesu kwantitajiet żgħar ta’ xi ingredjenti li jistgħu jiżdiedu mat-taħlita għat-taħwir, preservazzjoni jew għanijiet oħrajn. Dawn il-preparazzjonijiet jistgħu jkun fihom kwantità żgħira ta’ bċejjeċ viżibbli ta’ ingredjenti.

**Noti addizzjonali**

…

5. Preparazzjonijiet oħra tal-ikel ippreżentati f’dożi mkejlin, bħalma huma l-kapsuli, il-pastilji u l-pilloli, u li huma intiżi biex jintużaw bħala supplimenti tal-ikel, għandhom ikunu kklassifikati fl-intestatura 2106, sakemm ma humiex speċifikati jew inklużi xi mkien ieħor.

…”

| Kodiċi NM | Deskrizzjoni | Kwalifika u spjega |
|---|---|---|
| (1) | (2) | (3) |
| ex 2103 90 90 | Zlazi u preparazzjonijiet tagħhom; kondimenti mħalltin u ħwawar imħalltin; dqiq u pasta tal-mustarda u mustarda ppreparata — Oħrajn | Il-prodotti ġejjin mill-annimali biss. |
| ex 2104 | Sopop u brodi u preparazzjonijiet tagħhom; preparazzjonijiet tal-ikel komposti omoġenizzati | Prodotti ġejjin mill-annimali biss. Inkluż ikel tat-trabi f’kontenituri b’kontenut ta’ piż nett li ma jaqbiżx il-250 g. |
| ex 2105 00 | Ġelati u silġ ieħor tajjeb għall-ikel, kemm jekk fihom il-kawkaw jew le | Il-prodotti ġejjin mill-annimali biss. |
| ex 2106 10 | Konċentrati ta’ proteini u sustanzi ta’ proteini minsuġin | Il-prodotti ġejjin mill-annimali biss. ħlief supplimenti tal-ikel ippakkjati għall-konsumatur finali, li fihom ammonti żgħar (inqas minn 20 % b’kollox) ta’ prodotti pproċessati mill-annimali (inkluż il-glukożammina, il-kondrojtin u/jew il-kitosan) ħlief il-prodotti tal-laħam.” |
| ex 2106 90 51 | Ġulepp tal-laktows | Il-prodotti ġejjin mill-annimali biss. ħlief supplimenti tal-ikel ippakkjati għall-konsumatur finali, li fihom ammonti żgħar (inqas minn 20 % b’kollox) ta’ prodotti pproċessati mill-annimali (inkluż il-glukożammina, il-kondrojtin u/jew il-kitosan) ħlief il-prodotti tal-laħam.” |
| ex 2106 90 92 | Preparazzjonijiet tal-ikel oħrajn mhux speċifikati jew inklużi band’oħra, li ma fihomx xaħmijiet tal-ħalib, sukrows, isoglukows, glukows jew lamtu jew fihom, bil-piż, inqas minn 1,5 % xaħam tal-ħalib, 5 % sukrows jew isoglukows, 5 % glukows jew lamtu. | Il-prodotti ġejjin mill-annimali biss. ħlief supplimenti tal-ikel ippakkjati għall-konsumatur finali, li fihom ammonti żgħar (inqas minn 20 % b’kollox) ta’ prodotti pproċessati mill-annimali (inkluż il-glukożammina, il-kondrojtin u/jew il-kitosan) ħlief il-prodotti tal-laħam.” |
| ex 2106 90 98 | Preparazzjonijiet oħra tal-ikel mhux speċifikati jew inklużi band’oħra | Il-prodotti ġejjin mill-annimali biss. ħlief supplimenti tal-ikel ippakkjati għall-konsumatur finali, li fihom ammonti żgħar (inqas minn 20 % b’kollox) ta’ prodotti pproċessati mill-annimali (inkluż il-glukożammina, il-kondrojtin u/jew il-kitosan) ħlief il-prodotti tal-laħam.” |

KAPITOLU 22

**Xorb, Spirti u Ħall**

**Noti relatati mal-Kapitolu 22 (estratt min-Noti relatati ma' dan il-Kapitolu tan-NM)**

"…

3. Għall-għanijiet tal-intestatura 2202, it-terminu "xorb mhux alkoħoliku" ifisser xorb ta' qawwa alkoħolika skont il-volum li ma tkunx iktar minn 0,5 % vol. Ix-xorb alkoħoliku huwa kklassifikat fl-intestaturi 2203 sa 2206 jew fl-intestatura 2208 skont ir-rilevanza.

..."

| Kodiċi NM | Deskrizzjoni | Kwalifika u spjega |
|---|---|---|
| (1) | (2) | (3) |
| ex 2202 99 99 | Xorb ieħor mhux alkoħoliku, mhux meraq tal-frott jew tal-ħxejjex tal-intestatura 2009 u li fih 2 % jtal-piż tagħhom magħmul minn xaħam miksub mill-prodotti tal-intestaturi 0401 sa 0404. | Ħalib u prodotti tal-ħalib biss. |

KAPITOLU 23

**Fdal u skart mill-industrija tal-ikel; għalf tal-annimali ppreparat**

**Nota dwar il-Kapitolu 23 (estratt min-Noti relatati ma' dan il-Kapitolu tan-NM)**

"1. L-intestatura 2309 tinkludi prodotti ta' kwalità użata għall-għalf tal-annimali, mhux speċifikati jew imsemmijin band'oħra, magħmulin bl-ipproċessar ta' materjali veġetali jew annimali f'tali stat li jkunu tilfu l-karatteristiċi essenzjali tal-materjal oriġinali, ħlief skart veġetali, fdal veġetali u riżultati ta' dan l-ipproċessar.

…"

**Estratt min-Noti ta' Spjega tas-Sistema Armonizzata**

"Qrieqeċ, it-tessuti tal-membrana li jifdal wara li jkunu ddewbu ix-xaħmijiet tal-ħnieżer jew ta' annimali oħra. Dawn jintużaw prinċipalment fil-preparazzjoni tal-ikel tal-annimali (eż., gallettini tal-klieb), iżda dawn jibqgħu taħt l-intestatura 2301, anki jekk ikunu tajbin għall-konsum uman."

| Kodiċi NM | Deskrizzjoni | Kwalifika u spjega |
|---|---|---|
| (1) | (2) | (3) |
| 2301 | Dqiq, pasta u gerbub, ta' laħam jew fdal ta' laħam, ta' ħut jew ta' krustaċji, molluski jew invertebrati akkwatiċi oħrajn, mhumiex tajbin għal konsum uman; skart tax-xaħam ta' dam (greaves) | Kollha, tkopri l-proteini pproċessati mill-annimali mhux għall-konsum uman, pasta tal-laħam mhux għall-konsum uman, u skart tax-xaħam ta' dam (greaves), għall-konsum uman jew le.<br>Il-pasta tar-rix huwa kopert fl-intestatura 0505.<br>Ir-rekwiżiti speċifiċi għal proteina pproċessata mill-annimali huma mniżżla fir-Ringiela 1 tat-Tabella 1 fit-Taqsima 1 tal-Kapitolu I tal-Anness XIV tar-Regolament (UE) Nru 142/2011. |
| ex 2309 | Preparazzjonijiet ta' tip użati għall-għalf tal-annimali | Kollha, jekk ikun fihom prodotti li joriġinaw mill-annimali, ħlief is-subintestaturi 2309 90 20 u 2309 90 91. |

| Kodiċi NM | Deskrizzjoni | Kwalifika u spjega |
|---|---|---|
| (1) | (2) | (3) |
| | | Tkopri, fost affarijiet oħra, ikel tal-klieb jew tal-qtates, ippreżentat għal bejgħ bl-imnut (subintestatura 2309 10), li jkun fih prodotti ġejjin mill-annimali u sustanzi li jinħallu tal-ħut jew tal-mammiferi tal-baħar (kodiċi NM 2309 90 10). Prodotti għal finijiet ta' għalf tal-annimali, inklużi taħlitiet ta' pasti (bħal qawqab u qrun).<br>Din is-subintestatura tkopri l-ħalib likwidu, kolostru u prodotti li fihom prodotti tal-ħalib, kolostru jew karboidrati, ilkoll mhumiex tajbin għall-konsum uman iżda tajbin għall-għalf tal-annimali.<br>tkopri l-ikel tal-annimali domestiċi, il-magħda tal-klieb u t-taħlitiet ta' pasti; it-taħlitiet jistgħu jinkludu insetti mejta.<br>Ir-rekwiżiti speċifiċi għall-ikel tal-annimali domestiċi inkluż il-magħda tal-klieb huma stabbiliti fir-Ringiela 12 tat-Tabella 2 tat-Taqsima 1 tal-Kapitolu II tal-Anness XIV tar-Regolament (UE) Nru 142/2011.<br>Tkopri l-prodotti tal-bajd mhux għall-konsum uman u prodotti pproċessati oħra li joriġinaw mill-annimali li mhumiex għall-konsum uman.<br>Ir-rekwiżiti speċifiċi għall-prodotti tal-bajd huma stabbiliti fir-Ringiela 9 tat-Tabella 1 fit-Taqsima 1 tal-Kapitolu I tal-Anness XIV tar-Regolament (UE) Nru 142/2011. |

KAPITOLU 28

## Kimiċi inorganiċi; komposti organiċi jew inorganiċi ta' metalli prezzjużi, ta' elementi kimiċi metalliċi rari (rare-earth metals), ta' elementi radjuattivi jew ta' isotopi

| Kodiċi NM | Deskrizzjoni | Kwalifika u spjega |
|---|---|---|
| (1) | (2) | (3) |
| ex 2835 25 00 | Idroġenuortofosfat tal-kalċju ("fosfat tad-dikalċju") | Oriġini mill-annimali biss.<br>Ir-rekwiżiti speċifiċi għall-fosfat tad-dikalċju huma stabbiliti fir-Ringiela 6 tat-Tabella 1 fit-Taqsima 1 tal-Kapitolu I tal-Anness XIV tar-Regolament (UE) Nru 142/2011. |
| ex 2835 26 00 | Fosfati oħrajn tal-kalċju | Il-fosfat trikalċiku ġej mill-annimali biss.<br>Ir-rekwiżiti speċifiċi għall-fosfat trikalċiku huma stabbiliti fir-Ringiela 7 tat-Tabella 1 fit-Taqsima 1 tal-Kapitolu I tal-Anness XIV tar-Regolament (UE) Nru 142/2011. |

KAPITOLU 29

## Kimiċi organiċi

| Kodiċi NM | Deskrizzjoni | Kwalifika u spjega |
|---|---|---|
| (1) | (2) | (3) |
| ex 2922 49 | Amino-aċti, ħlief dawk li fihom iktar minn tip wieħed ta' funzjoni-ossiġnu, u l-esteri tagħhom; melħ tagħhom | Oriġini ta' annimali biss. |

| Kodiċi NM | Deskrizzjoni | Kwalifika u spjega |
|---|---|---|
| (1) | (2) | (3) |
| ex 2925 29 00 | Imini oħra u d-derivattivi tagħhom ħlief il-Klordimeformi (ISO); melħ tagħhom | Kreatina li toriġina mill-annimali. |
| ex 2930 | Komposti organo-sulfuriċi | Amino-aċti ġejjin mill-annimali bħal:<br>— ex 2930 90 13 Ċistejn u ċistin;<br>— ex 2930 90 16 Derivattivi ta' ċistejn jew ċistin. |
| ex 2932 99 00 | Komposti eteroċikliċi b'etero-atomu(i) ta' ossiġnu biss. | Oriġini mill-annimali biss, pereżempju, il-glukożammina, il-glukożammina-6-fosfat u s-sulfati tagħhom. |
| ex 2942 00 00 | Komposti organiċi oħrajn | Oriġini mill-annimali biss. |

KAPITOLU 30

## Prodotti farmaċewtiċi

### Kummenti ġenerali

Il-prodotti mediċinali lesti, li mhumiex koperti mir-Regolament (KE) Nru 1069/2009 u mir-Regolament (UE) Nru 142/2011, huma esklużi mil-lista. Il-prodotti intermedji huma inklużi.

Fl-intestatura 3001, (Glandoli u organi oħrajn għal użi organo-terapewtiċi, imnixxfin, magħmulin trab jew le; estratti ta' glandoli jew organi oħrajn jew tat-tnixxijiet tagħhom għal użi organo-terapewtiċi; ħeparina u l-melħ tagħha; sustanzi oħrajn umani jew annimali ppreparati għal użi terapewtiċi jew profilattiċi, li mhumiex speċifikati jew inklużi band'oħra) huma biss prodotti dderivati mill-annimali tas-subintestaturi 3001 20 u 3001 90 li huma rilevanti għall-kontrolli uffiċjali. Irreferi għall-ħtiġijiet speċifiċi li ġejjin fl-Anness XIV tar-Regolament (UE) Nru 142/2011:

1. Ir-Ringiela 2 tat-Tabella 2 fit-Taqsima 1 tal-Kapitolu II għall-prodotti tad-demm għall-prodotti tekniċi esklużi dawk mill-ekwidi, u
2. Ir-Ringiela 3 tat-Tabella 2 fit-Taqsima 1 tal-Kapitolu II għad-demm u prodotti tad-demm mill-ekwidi, u
3. Ir-Ringiela 14 tat-Tabella 2 fit-Taqsima 1 tal-Kapitolu II għall-prodotti sekondarji mill-annimali għall-fabbrikazzjoni ta' ikel tal-annimali domestiċi ħlief ikel mhux ipproċessat tal-annimali domestiċi u ta' prodotti derivati għal użu barra mill-katina alimentari.

Fl-intestatura 3002 (demm uman; demm ta' annimali ppreparat għal użi terapewtiċi, profilattiċi jew dijanjostiċi; antisera u frazzjonijiet oħrajn tad-demm u prodotti immunoloġiċi modifikati, miksubin permezz ta' proċessi bijoteknoloġiċi jew le; vaċċini, tossini, kolturi ta' mikro-organiżmi (ħlief ħmira) u prodotti simili) is-subintestaturi 3002 12 u 3002 90 biss huma rilevanti għall-kontrolli uffiċjali. Id-demm uman ta' 3002 90 10 u l-vaċċini tas-subintestaturi 3002 20 u 3002 30 m'għandhomx għalfejn ikunu soġġetti għall-kontrolli uffiċjali.

| Kodiċi NM | Deskrizzjoni | Kwalifika u spjega |
|---|---|---|
| (1) | (2) | (3) |
| 3001 20 90 | Estratti ta' glandoli jew ta' organi oħrajn jew tat-tnixxijiet tagħhom, ta' oriġini mhux mill-bniedem | Kollha; tkopri prodott li jaġixxi bħala sostitut għall-kolostru matern u li jintuża biex jintgħallfu l-għoġġiela. |
| ex 3001 90 91 | Sustanzi tal-annimali ppreparati għal użi terapewtiċi jew profilattiċi: ħeparina u l-melħ tagħha. | Il-prodotti kollha tal-annimali ddestinati għal aktar ipproċessar f'konformità mal-Artikolu 34(1) tar-Regolament (KE) Nru 1069/2009 għall-manifattura tal-prodotti derivati msemmija fil-punti (a) sa (f) tal-Artikolu 33 tal-istess Regolament. |
| 3001 90 98 | Sustanzi oħrajn mill-annimali ħlief il-ħeparina u l-melħ tagħha ppreparati għal użi terapewtiċi jew profilattiċi, li mhumiex speċifikati jew inklużi band'oħra. | Kollha.<br>Bħala żieda għall-glandoli u l-organi l-oħrajn imsemmijin fin-Noti ta' Spjega tas-Sistema Armonizzata għall-intestatura 3001, (A), din is-subintestatura tinkludi l-ipofisi, il-kapsuli surrenali u l-glandola tat-tirojde; ħlief dawk speċifikati fl-Artikolu 33 tar-Regolament (KE) Nru 1069/2009. |

| Kodiċi NM | Deskrizzjoni | Kwalifika u spjega |
|---|---|---|
| (1) | (2) | (3) |
| ex 3002 12 00 | Antiseri u frazzjonijiet tad-demm oħra | Prodotti dderivati mill-annimali biss.<br>Teskludi l-prodotti mediċinali lesti għall-konsumatur finali.<br>Teskludi l-antikorpi u d-DNA.<br>Taħt l-intestatura 3002, ir-rekwiżiti speċifiċi huma stabbiliti għall-prodotti sekondarji mill-prodotti koperti bit-Tabella 2 fit-Taqsima 1 tal-Kapitolu II tal-Anness XIV tar-Regolament (UE) Nru 142/2011 u speċifikati fir-ringieli li ġejjin:<br>Ir-Ringiela 2: prodotti tad-demm ħlief mill-ekwidi;<br>Ir-Ringiela 3: demm u prodotti tad-demm mill-ekwidi. |
| 3002 90 30 | Demm tal annimali ppreparat għal użi terapewtiċi, profilattiċi jew dijanjostiċi | Kollha |
| ex 3002 90 50 | Kolturi ta' mikro-organiżmi | Patoġeni u kolturi ta' patoġeni għall-annimali biss. |
| ex 3002 90 90 | Oħrajn | Patoġeni u kolturi ta' patoġeni għall-annimali biss. |
| ex 3006 92 00 | Farmaċewtiċi skart | Prodotti derivati mill-annimali biss.<br>Skart farmaċewtiku, prodotti farmaċewtiċi li mhumiex tajbin għall-iskop oriġinali maħsubin għalih. |

KAPITOLU 31

## Fertilizzanti

**Noti relatati mal-Kapitolu 31 (estratt min-Noti relatati ma' dan il-Kapitolu tan-NM)**

"1. Dan il-kapitolu ma jkoprix:

(a) id-demm tal-annimali tal-intestatura 0511;

…"

| Kodiċi NM | Deskrizzjoni | Kwalifika u spjega |
|---|---|---|
| (1) | (2) | (3) |
| ex 3101 00 00 | Fertilizzanti ta' annimali jew veġetali, imħalltin flimkien jew trattati kimikament jew le; fertilizzanti magħmulin bit-taħlit jew trattament kimiku ta' prodotti ta' annimali jew veġetali | Prodotti dderivati mill-annimali biss f'forma mhux adulterata.<br>Tkopri l-gwanu ħlief il-gwanu mineralizzat.<br>Tkopri d-demel imħallat bi proteina pproċessata mill-annimali, jekk jintuża bħala fertilizzant; iżda t-taħlitiet tad-demel u tas-sustanzi kimiċi użati bħala fertilizzanti huma esklużi (ara l-intestatura 3105, li tkopri biss il-fertilizzanti minerali jew kimiċi).<br>Ir-rekwiżiti speċifiċi għal demel, demel ipproċessat jew prodotti tad-demel ipproċessati huma stabbiliti fir-Ringiela 1 tat-Tabella 2 fit-Taqsima 1 tal-Kapitolu II tal-Anness XIV tar-Regolament (UE) Nru 142/2011. |
| ex 3105 10 00 | Oġġetti ta' dan il-kapitolu f'għamla ta' bċejjeċ jew forom simili jew f'pakki ta' piż gross mhux aktar minn 10 kg | Fertilizzanti li jkun fihom prodotti dderivati mill-annimali biss.<br>Ir-rekwiżiti speċifiċi għad-demel, għad-demel ipproċessat jew għall-prodotti tad-demel ipproċessat huma stabbiliti fir-Ringiela 1 tat-Tabella 2 fit-Taqsima 1 tal-Kapitolu II tal-Anness XIV tar-Regolament (UE) Nru 142/2011. |

KAPITOLU 32

**Estratti għall-ikkunzar jew għaż-żbigħ; tannini u derivattivi tagħhom; żebgħa, pigmenti u materjal ieħor taż-żbigħ; żebgħa u verniċi; stokk u gomom oħrajn; linek**

**Noti relatati mal-Kapitolu 32 (estratt min-Noti relatati ma' dan il-Kapitolu tan-NM)**

"...

3. L-intestaturi 3203, 3204, 3205 u 3206 japplikaw ukoll għal preparazzjonijiet ibbażati fuq materjal taż-żbigħ (inklużi, fil-każ tal-intestatura 3206, pigmenti taż-żbigħ tal-intestatura 2530 jew tal-Kapitolu 28, qxur tal-metall u trab tal-metall), ta' tip użati għaż-żbigħ ta' kull materjal jew użati bħala ingredjenti fil-manifattura ta' preparazzjonijiet għaż-żbigħ. L-intestaturi ma japplikawx, iżda, għal pigmenti mferrxin f'mezzi, f'forma likwida jew ta' pasta, ta' tip użati fil-manifattura taż-żebgħa, inklużi enamel (intestatura 3212), jew għal preparazzjonijiet oħrajn tal-intestaturi 3207, 3208, 3209, 3210, 3212, 3213 jew 3215.

…"

| Kodiċi NM | Deskrizzjoni | Kwalifika u spjega |
|---|---|---|
| (1) | (2) | (3) |
| ex 3203 | Materjal taż-żbigħ ta' oriġni veġetali jew ta' annimali (inklużi estratti taż-żbigħ iżda eskluż iswed ta' annimali), definiti kimikament jew le; preparazzjonijiet kif speċifikat fin-nota 3 ta' dan il-kapitolu bbażati fuq materjal taż-żbigħ ta' oriġni veġetali jew ta' annimali | Id-dispersjonijiet tal-kulur fil-bażi tax-xaħam fil-ħalib biss, użati għall-produzzjoni tal-ikel jew tal-għalf. |
| ex 3204 | Materjal taż-żbigħ organiku sintetiku, definit kimikament jew le; preparazzjonijiet kif speċifikati fin-nota 3 għal dan il-kapitolu bbażati fuq materjal taż-żbigħ organiku sintetiku; prodotti organiċi sintetiċi ta' tip użati bħala aġenti li jdawlu fluworexxenti jew bħala luminofori, definiti kimikament jew le | Id-dispersjonijiet tal-kulur fil-bażi tax-xaħam fil-ħalib biss, użati għall-produzzjoni tal-ikel jew tal-għalf. |

KAPITOLU 33

**Żjut essenzjali u reżinojdi; preparazzjonijiet ta' fwejjaħ, kosmetiċi jew tat-twaletta**

| Kodiċi NM | Deskrizzjoni | Kwalifika u spjega |
|---|---|---|
| (1) | (2) | (3) |
| ex 3302 | Taħlit ta' sustanzi li jfuħu u taħlit (inklużi soluzzjonijiet alkoholiċi) b'bażi ta' waħda jew aktar minn dawn is-sustanzi, ta' tip użati bħala materja prima fl-industrija; preparazzjonijiet oħrajn ibbażati fuq sustanzi li jfuħu, ta' tip użati għall-manifattura tax-xorb | It-taħwir fil-bażi tax-xaħam fil-ħalib biss, użat għall-produzzjoni tal-ikel jew tal-għalf." |

KAPITOLU 35

**Sustanzi albuminojdali; lamti modifikati; kolol; enzimi**

| Kodiċi NM | Deskrizzjoni | Kwalifika u spjega |
|---|---|---|
| (1) | (2) | (3) |
| ex 3501 | Kaseina, kaseinati u derivattivi oħrajn ta' kaseina; kolol ta' kaseina | Kaseina għall-konsum uman, għalf tal-annimali jew finijiet tekniċi. |

| Kodiċi NM | Deskrizzjoni | Kwalifika u spjega |
|---|---|---|
| (1) | (2) | (3) |
| | | Ir-rekwiżiti speċifiċi għall-ħalib, għall-prodotti bbażati fuq il-ħalib u għall-kolostru li mhumiex tajbin għall-konsum uman huma stabbiliti fir-Ringiela 4 tat-Tabella 1 fit-Taqsima 1 tal-Kapitolu I tal-Anness XIV tar-Regolament (UE) Nru 142/2011. |
| ex 3502 | Albumini (inklużi konċentrati ta' żewġ proteini jew aktar tax-xorrox, li fihom skont il-piż iktar minn 80 % ta' proteini tax-xorrox, meqjusin fuq il-materjal xott), albuminati u derivattivi oħrajn ta' albumina | Tkopri prodotti derivati mill-bajd u derivati mill-ħalib kemm jekk għall-konsum uman jew mhux għall-konsum uman (inkluż għal finijiet tal-għalf tal-annimali).<br>Ir-rekwiżiti speċifiċi għall-ħalib, għall-prodotti bbażati fuq il-ħalib u l-kolostru li mhumiex tajbin għall-konsum uman huma stabbiliti fir-Ringiela 4 tat-Tabella 1 fit-Taqsima 1 tal-Kapitolu I tal-Anness XIV tar-Regolament (UE) Nru 142/2011 u dawk għall-prodotti tal-bajd li mhumiex tajbin għall-konsum uman huma stabbiliti fir-Ringiela 9 tat-Tabella 1 fit-Taqsima 1 tal-Kapitolu I tal-Anness XIV tar-Regolament (UE) Nru 142/2011. |
| 3503 00 | Ġelatina (inkluża ġelatina f'folji rettangulari (inklużi kwadri), kemm jekk bil-wiċċ maħdum jew ikkulurit jew le) u derivattivi tal-ġelatina; ġeli ċar (isinglass); kolol oħrajn ta' oriġni ta' annimali, ħlief kolol tal-kaseina tal-intestatura 3501; | Tkopri l-ġelatina għall-konsum uman, għall-għalf tal-annimali u għall-użu tekniku.<br>Il-ġelatina kklassifikata taħt l-intestatura 3913 (proteini mwebbsin) u taħt l-intestatura 9602 (ġelatina maħduma, mhux imwebbsa u oġġetti tal-ġelatina mhux imwebbsa), pereżempju, kapsuli vojta jekk mhux maħsuba għall-konsum uman jew mill-annimali, huma esklużi mill-kontrolli uffiċjali.<br>Ir-rekwiżiti speċifiċi huma stabbiliti fir-Ringiela 5 tat-Tabella 1 fit-Taqsima 1 tal-Kapitolu I tal-Anness XIV tar-Regolament (UE) Nru 142/2011 għall-ġelatina u għall-proteina idrolizzata mhux għall-konsum uman u fit-Taqsima 11 tal-Kapitolu II tal-Anness XIV ta' dak ir-Regolament għall-fotoġelatina." |
| ex 3504 00 | Peptuni u derivattivi tagħhom; sustanzi oħrajn ta' proteini u derivattivi tagħhom, li mhumiex speċifikati jew inklużi band'oħra; trab għal ġilda (hide powder), kromat jew le. | Tkopri l-kollaġen u l-proteini idrolizzati għall-konsum uman, għall-għalf tal-annimali u għall-użu tekniku.<br>Tkopri l-prodotti tal-kollaġen ibbażati fuq il-proteini derivati mill-ġlud u mill-għeruq (tendons) tal-annimali, inkluż l-għadam fil-każ tal-ħnieżer, tat-tjur u tal-ħut.<br>Tkopri l-proteini idrolizzati li jikkonsistu minn polipeptidi, peptidi jew amminoaċidi, u taħlitiet tagħhom, miksuba permezz tal-idroliżi tal-prodotti sekondarji tal-annimali. Dawn huma esklużi minn kontrolli uffiċjali meta jintużaw bħala addittivi fil-preparazzjonijiet tal-ikel (l-intestatura 2106).<br>Tkopri kwalunkwe prodotti sekondarji tal-ħalib għall-konsum uman fil-każ li ma jkunux koperti fl-intestatura 0404.<br>Ir-rekwiżiti speċifiċi għall-kollaġen huma stabbiliti fir-Ringiela 8 u għall-proteina idrolizzata fir-Ringiela 5 tat-Tabella 1 fit-Taqsima 1 tal-Kapitolu I tal-Anness XIV tar-Regolament (UE) Nru 142/2011. |
| ex 3507 10 00 | Tames u konċentrati tiegħu | Tames u konċentrati għall-konsum uman, li ġejjin minn prodotti tal-annimali biss. |

| Kodiċi NM | Deskrizzjoni | Kwalifika u spjega |
|---|---|---|
| (1) | (2) | (3) |
| ex 3507 90 90 | Enzimi oħra ħlief l-ilma tat-tames u l-konċentrati magħmula minnu, il-lipażi tal-lipoproteina u l-proteażi alkalina tal-Aspergillus. | Oriġini ta' annimali biss. |

KAPITOLU 38

## Diversi prodotti kimiċi

### Noti relatati mal-Kapitolu 38 (estratt min-Noti relatati ma' dan il-Kapitolu tan-NM)

"…

4. Fin-nomenklatura kollha, "skart muniċipali" tfisser skart ta' tip li jinġabar mid-djar, lukandi, ristoranti, sptarijiet, ħwienet, uffiċċji, eċċ., knis tat-triq u tal-bankina, kif ukoll skart tal-kostruzzjoni u tat-twaqqigħ. L-iskart muniċipali ġeneralment ikun fih varjetà kbira ta' materjali bħal plastik, gomma, injam, karta, tessuti, ħġieġ, metalli, materjali tal-ikel, għamara mkissra u oġġetti oħrajn imkissrin jew mormijin.

..."

| Kodiċi NM | Deskrizzjoni | Kwalifika u spjega |
|---|---|---|
| (1) | (2) | (3) |
| ex 3822 00 00 | Reaġenti dijanjostiċi jew ta' laboratorju fuq rinforz, reaġenti ppreparati dijanjostiċi jew ta' laboratorju fuq rinforz jew le, ħlief dawk tal-intestatura 3002 jew 3006; materjali ta' referenza ċertifikati | Li ġejjin minn prodotti tal-annimali biss, ħlief apparat mediku kif iddefinit fl-Artikolu 1(2)(a) tad-Direttiva tal-Kunsill 93/42/KEE [1] u apparat mediku dijanjostiku *in vitro* kif iddefiniti fl-Artikolu 1 (2)(b) tad-Direttiva 98/79/KE [2]. |
| ex 3825 10 00 | Skart muniċipali | L-iskart tal-catering li fih prodotti tal-annimali biss, jekk dan ikun jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-punt (g) tal-Artikolu 2(2) tar-Regolament (KE) Nru 1069/2009, ħlief l-iskart tal-catering li joriġina direttament minn mezzi ta' trasport li joperaw internazzjonalment u li jintrema skont l-Artikolu 12(d) tal-istess Regolament.<br>Iż-żejt tal-ikel użat maħsub biex jintuża fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1069/2009, pereżempju, għall-fertilizzant organiku jew għall-bijogass, jista' jkun kopert minn dan il-kodiċi NM. |

[1] Id-Direttiva tal-Kunsill 93/42/KEE tal-14 ta' Ġunju 1993 dwar mezzi mediċi (ĠU L 169, 12.7.1993, p. 1).
[2] Id-Direttiva 98/79/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Ottubru 1998 dwar il-mezzi mediċi dijanjostiċi in vitro (ĠU L 331, 7.12.1998, p. 1).

KAPITOLU 39

## Plastiks u oġġetti tagħhom

| Kodiċi NM | Deskrizzjoni | Kwalifika u spjega |
|---|---|---|
| (1) | (2) | (3) |
| ex 3913 90 00 | Polimeri naturali oħra (ħlief l-aċtu alġiniku, il-melħ u l-esteri tiegħu) u polimeri naturali modifikati (pereżempju, proteini mwebbsin, derivattivi kimiċi ta'gomma (lastiku) naturali), li mhumiex speċifikati jew inklużi band'oħra, f'forom primarji. | Prodotti dderivati mill-annimali biss, pereżempju, is-sulfat tal-kondrojtin, il-kitosan, il-ġelatina mwebbsa. |

| Kodiċi NM | Deskrizzjoni | Kwalifika u spjega |
|---|---|---|
| (1) | (2) | (3) |
| ex 3917 10 10 | Imsaren artifiċjali (tubi għaz-zalzett) ta' proteina mwebbsa jew ta' materjali ċellulożiċi | Prodotti dderivati mill-annimali biss. |
| ex 3926 90 92 | Oġġetti oħrajn tal-plastiks u oġġetti ta' materjali oħrajn tal-intestaturi 3901 sa 3914 magħmula mill-folja. | Kapsuli vojta ta' ġelatina mwebbsa għall-konsum mill-annimali; ir-rekwiżiti speċifiċi huma stabbiliti fir-Ringiela 5 tat-Tabella 1 fit-Taqsima 1 tal-Kapitolu I tal-Anness XIV tar-Regolament (UE) Nru 142/2011. |
| ex 3926 90 97 | Oġġetti oħrajn tal-plastiks u oġġetti ta' materjali oħrajn tal-intestaturi 3901 sa 3914 li mhumiex magħmula mill-folja. | Kapsuli vojta ta' ġelatina mwebbsa għall-konsum mill-annimali; ir-rekwiżiti speċifiċi huma stabbiliti fir-Ringiela 5 tat-Tabella 1 fit-Taqsima 1 tal-Kapitolu I tal-Anness XIV tar-Regolament (UE) Nru 142/2011. |

KAPITOLU 41

## Ġlud mhux maħdumin u ġlud (ħlief ferijiet) u ġilda

### Kummenti ġenerali

Ġlud tal-ungulati koperti fl-intestaturi 4101, 4102, 4103 biss għandhom ikunu soġġetti għall-kontrolli uffiċjali.

Ir-rekwiżiti speċifiċi għall-ġlud tal-annimali bid-dwiefer huma stabbiliti fir-Ringiela 4 u 5 tat-Tabella 2 fit-Taqsima 1 tal-Kapitolu II tal-Anness XIV tar-Regolament (UE) Nru 142/2011.

### Noti relatati mal-Kapitolu 41 (estratt min-Noti relatati ma' dan il-Kapitolu tan-NM)

"1. Dan il-kapitolu ma jkoprix:

(a) bċejjeċ maqtugħin jew skart simili, ta' ġlud mhux proċessati (intestatura 0511);

(b) ġlud jew partijiet mill-ġlud ta' għasafar, bir-rix jew xagħar fin tagħhom, tal-intestaturi 0505 jew 6701; jew

(c) ġlud, bix-xagħar jew bis-suf, mhux maħdumin, ikkunzati jew imħejjijin (Kapitolu 43); dawn li ġejjin, iżda, għandhom ikunu kklassifikati fil-Kapitolu 41, jiġifieri, ġlud mhux maħdumin bix-xagħar jew bis-suf, ta' annimali tal-ifrat (inkluż tal-buflu), ta' annimali ekwini, ta' nagħaġ jew ħrief (ħlief ħrief Astrakhan, Broadtail, Karakul, Persjani jew ħrief simili, ħrief Indjani, Ċiniżi, Mongoljani jew Tibetjani), ta' mogħoż jew gidien (ħlief mogħoż u gidien tal-Jemen, Mongoljani jew Tibetjani), ta' majjal (inkluż qasquż pekari), ta' kamoxx, ta' għażżiela, tal-iġmla (inklużi dromedarji), ta' renna, ta' elk, ta' ċerva, ta' ċriev irġiel jew ta' klieb.

…"

| Kodiċi NM | Deskrizzjoni | Kwalifika u spjega |
|---|---|---|
| (1) | (2) | (3) |
| ex 4101 | Ġlud mhux maħdumin ta' bhejjem tal-ifrat (inkluż buflu) jew annimali ekwini (friski, jew immellħin, imnixxfin, trattati bil-ġir, imnaddfin jew ippreparati mod ieħor, iżda mhux ikkunzati, mħejjijin għal parċmina jew ippreparati aktar), bix-xagħar imneħħi jew maqsumin jew le | Ġlud u qxur friski, imkesshin jew ittrattati biss, inklużi mnixxfin, immellħin fix-xott, jew ippreservati bi proċess ħlief bi proċess ta' kkunzar jew proċess ekwivalenti.<br>Tista' tkun possibbli l-importazzjoni mingħajr restrizzjonijiet għall-ġlud ittrattati kif imsemmi fil-punt C 2 tal-Kapitolu V tal-Anness XIII tar-Regolament (UE) Nru 142/2011, jekk ikunu konformi mal-Artikolu 41(3) tar-Regolament (KE) Nru 1069/2009, b'mod partikolari għall-ex 4101 20 80 u l-ex 4101 50 90. |

| Kodiċi NM | Deskrizzjoni | Kwalifika u spjega |
|---|---|---|
| (1) | (2) | (3) |
| ex 4102 | Ġlud mhux maħdumin ta' nagħaġ jew ħrief (friski, jew immellħin, imnixxfin, trattati bil-ġir, imnaddfin jew ippreparati mod ieħor, iżda mhux ikkunzati, imħejjijin għal parċmina jew ippreparati aktar), bis-suf imneħħi jew maqsumin jew le, ħlief dawk imħollijin barra bin-nota 1 (c) ta' dan il-kapitolu | Ġlud u qxur friski, imkessħin jew ittrattati biss, inklużi mnixxfin, immellħin fix-xott, jew ippreservati bi proċess ħlief bi proċess ta' kkunzar jew proċess ekwivalenti.<br>Tista' tkun possibbli l-importazzjoni mingħajr restrizzjonijiet għall-ġlud ittrattati kif imsemmi fil-punt C 2 tal-Kapitolu V tal-Anness XIII tar-Regolament (UE) Nru 142/2011, jekk ikunu konformi mal-Artikolu 41(3) tar-Regolament (KE) Nru 1069/2009, b'mod partikolari għall-ex 4102 21 00 u l-ex 4102 29 00. |
| ex 4103 | Ġlud mhux maħdumin oħrajn (friski, jew immellħin, imnixxfin, ittrattati bil-ġir, imnaddfin jew ippreparati mod ieħor, iżda mhux ikkunzati, imħejjijin għall-parċmina jew ippreparati aktar), bix-xagħar imneħħi jew maqsumin jew le, ħlief dawk imħollijin barra bin-Nota 1 (b) jew 1 (c) ta' dan il-Kapitolu | Ġlud u qxur friski, imkessħin jew ittrattati biss, inklużi mnixxfin, immellħin fix-xott, jew ippreservati bi proċess ħlief bi proċess ta' kkunzar jew proċess ekwivalenti.<br>Tista' tkun possibbli l-importazzjoni mingħajr restrizzjonijiet għall-ġlud ittrattati kif imsemmi fil-punt C 2 tal-Kapitolu V tal-Anness XIII tar-Regolament (UE) Nru 142/2011, jekk ikunu konformi mal-Artikolu 41(3) tar-Regolament (KE) Nru 1069/2009, b'mod partikolari għall-ex 4103 90 00. |

KAPITOLU 42

## Oġġetti tal-ġilda; oġġetti tas-sarraġ u xedd; oġġetti għas-safar, boroż tal-idejn u kontenituri simili; oġġetti tal-musrana ta' annimali (ħlief musrana tad-dudu tal-ħarir)

### Noti relatati mal-Kapitolu 42 (estratt min-Noti relatati ma' dan il-Kapitolu tan-NM)

"…

2. Dan il-kapitolu ma jkoprix (fost prodotti oħra) dawn li ġejjin ta' interess uffiċjali:

(a) korda tal-musrana kirurġika sterili jew materjali għas-sutura sterili simili (intestatura 3006);

…

(ij) kordi, ġlud għat-tnabar jew bħalhom, jew oħrajn ta' strumenti mużikali (intestatura 9209).

…"

| Kodiċi NM | Deskrizzjoni | Kwalifika u spjega |
|---|---|---|
| (1) | (2) | (3) |
| ex 4205 00 90 | Oġġetti oħrajn tal-ġilda jew ta' ġilda artifiċjali | Tkopri l-magħda tal-klieb u materjal għall-manifattura tal-magħda tal-klieb. |
| ex 4206 00 00 | Oġġetti mill-imsaren (ħlief musrana tad-dudu tal-ħarir), goldbeater's skin, mill-bżieżaq tal-awrina jew mill-għeruq | Tkopri l-magħda tal-klieb u materjal għall-manifattura tal-magħda tal-klieb. |

KAPITOLU 43

## Ferijiet u fer artifiċjali; manifatturi tagħhom

### Noti relatati mal-Kapitolu 43 (estratt min-Noti relatati ma' dan il-Kapitolu tan-NM)

"1. Matul in-nomenklatura, riferenzi għal "ferijiet", ħlief għal ferijiet mhux maħdumin tal-intestatura 4301, japplikaw għal ġlud tal-annimali kollha li kienu kkunzati jew ippreparati bix-xagħar jew suf mhux imneħħi.

2. Dan il-kapitolu ma jkoprix:

(a) ġlud ta' għasafar jew partijiet ta' ġlud ta' għasafar, bir-rix jew bl-ewwel rix tagħhom (intestatura 0505 jew 6701);

(b) ġlud mhux maħdumin, bix-xagħar jew suf mhux imneħħi, tal-Kapitolu 41 (ara n-nota 1(c) ta' dak il-kapitolu);

..."

### Estratt min-Noti ta' Spjega tas-Sistema Armonizzata

"Intestatura 4301: Il-ferijiet jitqiesu bħala mhux maħdumin u jaqgħu taħt din l-intestatura mhux biss meta jkunu fl-istat naturali, iżda wkoll jekk ikunu mnaddfin u ppreservati minn deterjorazzjoni, eż., billi jiġu mnixxfin jew immellħin (fin-niedi jew fin-niexef).

| Kodiċi NM | Deskrizzjoni | Kwalifika u spjega |
|---|---|---|
| (1) | (2) | (3) |
| ex 4301 | Ferijiet mhux maħdumin (bl-irjus, dnub, saqajn u bċejjeċ jew qatgħat oħrajn, tajbin għal użu ta' min jaħdem il-fer), ħlief ġlud mhux maħdumin tal-intestaturi 4101, 4102 jew 4103 | Kollha, eskluż ferijiet ittrattati f'konformità mal-Kapitolu VIII tal-Anness XIII tar-Regolament (UE) Nru 142/2011, jekk f'konformità mal-Artikolu 41 (3) tar-Regolament (KE) Nru 1069/2009.<br>Tkopri s-subintestaturi li ġejjin:<br>— ex 4301 10 00 (tal-mink, sħiħ, bir-ras, denb jew saqajn jew mingħajrhom): ir-rekwiżiti speċifiċi għal prodotti derivati għal użi barra mill-katina tal-għalf (fer) huma stabbiliti fir-Ringiela 14 tat-Tabella 2 fit-Taqsima 1 tal-Kapitolu II tal-Anness XIV tar-Regolament (UE) Nru 142/2011.<br>— ex 4301 30 00 (tal-ħaruf, kif ġejjin: Astrakhan, Broadtail, Karakul, Persjani jew ħrief simili, ħrief Indjani, Ċiniżi, Mongoljani jew Tibetjani, sħaħ, bir-ras, denb jew saqajn jew mingħajrhom): ir-rekwiżiti speċifiċi għal ġlud tal-ungulati huma stabbiliti fir-Ringiela 5 tat-Tabella 2 fit-Taqsima 1 tal-Kapitolu II tal-Anness XIV tar-Regolament (UE) Nru 142/2011.<br>— ex 4301 60 00 (tal-volpi, sħiħ, bir-ras, denb jew saqajn jew mingħajrhom): ir-rekwiżiti speċifiċi għal prodotti derivati għal użi barra mill-katina tal-għalf (fer) huma stabbiliti fir-Ringiela 14 tat-Tabella 2 fit-Taqsima 1 tal-Kapitolu II tal-Anness XIV tar-Regolament (UE) Nru 142/2011.<br>— ex 4301 80 00 (ferijiet oħrajn, sħaħ, bir-ras, denb jew saqajn jew mingħajrhom): ħlief ungulati, pereżempju firien il-ġebel, felini slavaġ, foki, nutria. Ir-rekwiżiti speċifiċi għal prodotti derivati għal użi barra mill-katina tal-għalf (fer) huma stabbiliti fir-Ringiela 14 tat-Tabella 2 fit-Taqsima 1 tal-Kapitolu II tal-Anness XIV tar-Regolament (UE) Nru 142/2011. |

| Kodiċi NM | Deskrizzjoni | Kwalifika u spjega |
|---|---|---|
| (1) | (2) | (3) |
| | | — ex 4301 90 00 (irjus, dnub, saqajn u bċejjeċ jew qatgħat oħra tajbin għall-użu ta' min jaħdem il-fer): ir-rekwiżiti speċifiċi għal prodotti derivati għal użi barra mill-katina tal-għalf (fer) huma stabbiliti fir-Ringiela 14 tat-Tabella 2 fit-Taqsima 1 tal-Kapitolu II tal-Anness XIV tar-Regolament (UE) Nru 142/2011. |

KAPITOLU 51

## Suf, xagħar fin jew aħrax ta' annimali; ħjut u drapp minsuġin minn krin

### Kummenti ġenerali

Għall-intestaturi minn 5101 sa 5103 huma stabbiliti rekwiżiti speċifiċi għal suf u xagħar mhux ittrattat fir-Ringiela 8 tat-Tabella 2 fit-Taqsima 1 tal-Kapitolu II tal-Anness XIV tar-Regolament (UE) Nru 142/2011.

### Nota dwar il-Kapitolu 51 (estratt min-Noti relatati ma' dan il-Kapitolu tan-NM)

"1. Matul in-nomenklatura:

(a) "suf" tfisser il-fibra naturali imkabbra minn nagħaġ jew ħrief.

(b) "xagħar fin ta' annimali" tfisser xagħar ta' alpaka, ljama, vikunja, ġemel (inkluż dromedarju), jak, mogħoż angora, Tibetani, Kaxmer jew bħalhom (iżda mhux mogħoż komuni), fenek (inkluż fenek angora), liebru, kastur, nutria jew far tal-misk tal-ilma.

(c) "xagħar aħrax ta' annimali" tfisser ix-xagħar ta' annimali mhux imsemmijin hawn fuq, ħlief xagħar u lanżit għal manifattura ta' xkupilji jew pniezel (intestatura 0502) u krin (intestatura 0511).

### Estratt min-Noti ta' Spjega tas-Sistema Armonizzata

"Matul in-nomenklatura, it-terminu "xagħar aħrax tal-annimali" tfisser ix-xagħar kollu tal-annimali li mhux "xagħar fin tal-annimali" ħlief suf (intestatura 5101), xagħar tal-krinieri jew tad-dnub ta' annimali ekwini jew bovini (ikklassifikati bħala 'krin "intestatura 0511), lanżit u xagħar tal-ħnieżer, majjali tas-simna (hogs) jew ċingjali; xagħar tal-baġer u xagħar ieħor għall-manifattura tal-ixkupilji (intestatura 0502) (ara n-Nota 1 (c))."

| Kodiċi NM | Deskrizzjoni | Kwalifika u spjega |
|---|---|---|
| (1) | (2) | (3) |
| ex 5101 | Suf, mhux mimxut jew imqardex | Suf mhux ittrattat. |
| ex 5102 | Xagħar fin jew aħrax ta' annimali, mhux mimxut jew imqardex | Xagħar mhux ittrattat, inkluż xagħar aħrax mit-taħrika tal-falda tal-annimali tal-ifrat (bovini) jew ekwini. |
| ex 5103 | Skart tas-suf jew ta' xagħar fin jew aħrax ta' annimali, inkluż skart tal-ħjut iżda eskluż materjal "garnetted" | Suf jew xagħar mhux itrattat. |

KAPITOLU 67

## Rix u l-ewwel rix (down) ippreparati u oġġetti magħmulin minn rix jew mill-ewwel rix; fjuri artifiċjali; oġġetti tax-xagħar uman

### Estratt min-Noti ta' Spjega tas-Sistema Armonizzata

"L-intestatura 6701 tkopri:

(A) Ġlud u partijiet oħrajn minn għasafar bir-rix jew l-ewwel rix tagħhom, ir-rix u l-ewwel rix, u partijiet mir-rix, li għalkemm għadhom ma jikkostitwixxux oġġetti magħmula, għaddew minn proċess ħlief trattament sempliċi ta' tindif, diżinfettar jew preservazzjoni (ara n-Nota ta' Spjega għall-intestatura 0505); l-oġġetti ta' din is-subintestatura jistgħu, pereżempju, ikunu bbliċjati, miżbugħa, innukklati jew mibruma.

(B) Oġġetti magħmula minn ġlud jew partijiet oħra ta' għasafar bir-rix jew l-ewwel rix tagħhom, oġġetti magħmulin mir-rix jew l-ewwel rix jew partijiet mir-rix, anke jekk ir-rix jew l-ewwel rix, eċċ., mhumiex maħdumin iżda sempliċement imnaddfin, iżda dawn ma jinkludux oġġetti magħmulin minn zkuk jew rix. L-intestatura għalhekk tinkludi:

(1) Rix waħdiet li ġew marbuta bil-fili jew għall-użu bħala, pereżempju muntaturi milinerji, u rix waħdiet komposti wkoll immuntati minn elementi differenti.

(2) Rix immuntat fi gruppi, u rix jew l-ewwel rix magħqud flimkien permezz ta' kolol jew twaħħil fuq drapp tat-tessut jew bażi oħra.

(3) Tiżjin magħmul minn għasafar, partijiet ta' għasafar, rix jew l-ewwel rix għal kpiepel, boas, kullari, kapep jew oġġetti oħra ta' lbies jew aċċessorji tal-ħwejjeġ.

(4) Fannijiet magħmula minn rix ornamentali, b'oqsfa ta' kwalunkwe materjal. Madankollu, il-fannijiet b'oqsfa jew metall prezzjuż huma kklassifikati fl-intestatura 7113."

| Kodiċi NM | Deskrizzjoni | Kwalifika u spjega |
|---|---|---|
| (1) | (2) | (3) |
| ex 6701 00 00 | Ġlud u partijiet oħrajn ta' għasafar bir-rix jew bl-ewwel rix, rix, partijiet tar-rix, l-ewwel rix u partijiet tiegħu (ħlief oġġetti tal-intestatura 0505 u pinen tal-ġwienaħ u qasab tar-rix maħdumin) | Ġlud u partijiet oħrajn ta' għasafar bir-rix jew bl-ewwel rix tagħhom, bir-rix u bl-ewwel rix, u partijiet mir-rix.<br>Oġġetti ta' ġlud mhux maħdumin jew sempliċiment imnaddfa, rix jew l-ewwel rix, u partijiet mir-rix;<br>Eskluż ir-rix dekorattiv ittrattat, ir-rix ittrattat li jinġarr minn vjaġġaturi għall-użu personali tagħhom jew kunsinni ta' rix ittrattat mibgħuta lil individwi privati għal finijiet mhux industrijali.<br>Ir-rekwiżiti speċifiċi għar-rix huma stabbiliti fir-Ringiela 9 tat-Tabella 2 fit-Taqsima 1 tal-Kapitolu II tal-Anness XIV tar-Regolament (UE) Nru 142/2011. |

KAPITOLU 71

## Perli naturali jew kultivati, ħaġar prezzjuż jew semi-prezzjuż, metalli prezzjużi, metalli miksijin b'metall prezzjuż, u oġġetti tagħhom; ġojjelli artifiċjali; munita

### Opinjoni ta' Klassifikazzjoni tas-Sistema Armonizzata 7101.21/1:

"Il-gajdri li mhumiex tajbin għall-konsum uman, li fihom perla kultivata waħda jew aktar, ippreservati fis-salmura u mqiegħda f'kontenituri tal-metall mitbuqa."

| Kodiċi NM | Deskrizzjoni | Kwalifika u spjega |
|---|---|---|
| (1) | (2) | (3) |
| ex 7101 21 00 | Perli kultivati mhux madumin. | Jinkludu gajdri li mhumiex tajbin għall-konsum uman, li fihom perla kultivata waħda jew aktar, ippreservati fis-salmura jew b'metodi differenti, ippakkjati f'kontenituri mitbuqa.<br>Perli kultivati mhux maħduma kif stabbilit fit-Taqsima 2 tal-Kapitolu IV tal-Anness XIV tar-Regolament (UE) Nru 142/2011 sakemm ma jkunux esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1069/2009 kif stipulat fil-punt (f) tal-Artikolu 2(2) ta' dak ir-Regolament. |

KAPITOLU 95

## Ġugarelli, logħob u rekwiżiti tal-isports; partijiet u aċċessorji tagħhom

**Estratt min-Noti ta' Spjega tas-Sistema Armonizzata**

"Divertiment tal-fieri, ċirkli li jivvjaġġaw, wirjiet tal-annimali li jivvjaġġaw u teatri li jivvjaġġaw jaqgħu taħt l-intestatura 9508 sakemm dawn jinkludu l-unitajiet essenzjali kollha meħtieġa għall-operazzjoni normali tagħhom. L-intestatura tinkludi wkoll oġġetti ta' tagħmir awżiljarju sakemm dawn ikunu ppreżentati ma' dawn id-diversi forom ta' divertiment, u bħala komponenti tagħhom, minkejja li meta jiġu ppreżentati separatament, dawn l-oġġetti (eż. tined, annimali, strumenti mużikali, impjanti tal-enerġija, muturi, fittings tad-dawl, sits u armi u munizzjon jaqgħu taħt intestaturi oħra tan-Nomenklatura."

| Kodiċi NM | Deskrizzjoni | Kwalifika u spjega |
|---|---|---|
| (1) | (2) | (3) |
| ex 9508 10 00 | Ċirkli u wirjiet ta' annimali li jivvjaġġaw minn post għal ieħor | Annimali ħajjin biss. |
| ex 9508 90 00 | Oħrajn: divertiment tal-fieri, teatri li jivvjaġġaw | Annimali ħajjin biss. |

KAPITOLU 96

## Oġġetti manifatturati varji

**Estratt min-Noti ta' Spjega tas-Sistema Armonizzata**

Għall-għanijiet ta' din l-intestatura, l-espressjoni "maħdum" tirreferi għall-materjali li jkunu għaddew minn proċessi li jestendu lil hinn mill-preparazzjonijiet sempliċi permessi fl-intestatura għall-materja prima in kwistjoni (ara n-Noti ta' Spjega tal-intestaturi 05.05 sa 05.08). L-intestatura għalhekk tkopri biċċiet ta' avorju, vireg, eċċ., maqtugħin għall-forma (inkluż kwadru jew rettangulari) jew illostrati jew maħdumin mod ieħor bi tħin, titqib, tidwir, eċċ. Madankollu, il-biċċiet li huma identifikabbli bħala partijiet ta' oġġetti huma esklużi minn din l-intestatura jekk tali partijiet ikunu koperti minn intestatura oħra tan-Nomenklatura. Għalhekk, il-pjanċi fil-qafas tat-tasti tal-pjanu u l-pjanċi li jiddaħħlu fil-manku tal-armi tan-nar jidħlu taħt l-intestaturi 92.09 u 93.05 rispettivament. Madankollu, materjali maħduma mhux identifikabbli bħala komponenti minn oġġetti jibqgħu kklassifikati f'din l-intestatura (eż. diski sempliċi, pjanċi jew strixxi għall-intarsjar, eċċ., jew għall-użu sussegwenti fil-manifattura tat-tasti tal-pjanu).

L-intestatura 9602 tinkludi l-folji tal-ġelatina mhux imwebbsa maqtugħin għal forma mhux kwadra jew rettangolari. Folji maqtugħin f'forma rettangolari (inkluża forma kwadra), kemm jekk bil-wiċċ maħdum sew jekk le, jidħlu taħt l-intestatura 35.03 jew taħt il-Kapitolu 49 (eż. kartolini) (ara n-Noti ta' Spjega għall-intestatura 35.03). L-oġġetti tal-ġelatina mhux imwebbsa jinkludu, pereżempju:

(i) Diski żgħar biex jitwaħħlu l-ponot tal-istikek tal-biljard.

(ii) Kapsuli għal prodotti farmaċewtiċi u għal karburant mekkaniku iktar ħafif."

| Kodiċi NM | Deskrizzjoni | Kwalifika u spjega |
|---|---|---|
| (1) | (2) | (3) |
| ex 9602 00 00 | Ġelatina maħduma, mhux imwebbsa (ħlief il-ġelatina tal-intestatura 3503) u oġġetti tal-ġelatina mhux imwebbsa | Kapsuli vojta tal-ġelatina mhux imwebbsa għall-ikel jew għall-konsum mill-annimali; ir-rekwiżiti speċifiċi huma stabbiliti fir-Ringiela 5 tat-Tabella 1 fit-Taqsima 1 tal-Kapitolu I tal-Anness XIV tar-Regolament (UE) Nru 142/2011 għall-konsum mill-annimali. |

KAPITOLU 97

## Xogħlijiet tal-arti, biċċiet tal-kollezzjoni u antikitajiet

**Estratt min-Noti ta' Spjega tas-Sistema Armonizzata**

"(A) **L-intestatura tinkludi l-kollezzjonijiet u l-biċċiet tal-kollezzjoni ta' interess żooloġiku, botaniku, tal-mineraloġija jew anatomiku, bħal:**

(1) Annimali mejtin ta' kwalunkwe speċi, ippreservati fin-niexef jew f'likwidu; annimali bbalzmati għall-kollezzjonijiet.

(2) Bajd żvujtat bl-infiħ jew bl-aspirazzjoni; insetti f'kaxxi, frejmijiet, eċċ. (ħlief oġġetti mmuntati li jikkostitwixxu ġojjelli artifiċjali); qxur vojta, ħlief dawk ta' tip adattat għal użu industrijali.

(3) Żrieragħ jew pjanti, imnixxfin jew ippreservati f'likwidu; erbarji.

(4) Kampjuni ta' minerali (li mhumiex ħaġar prezzjuż jew semi-prezzjuż li jaqgħu taħt il-Kapitolu 71); kampjuni ta' petrifikazzjoni.

(5) Kampjuni osteoloġiċi (skanetri, irjus ta' skanetri, għadam).

(6) Kampjuni anatomiċi u patoloġiċi."

| Kodiċi NM | Deskrizzjoni | Kwalifika u spjega |
|---|---|---|
| (1) | (2) | (3) |
| ex 9705 00 00 | Kollezzjonijiet u biċċiet tal-kollezzjoni ta' interess żooloġiku, botaniku, tal-mineraloġija, anatomiku, storiku, arkeoloġiku, paleontoloġiku, etnografiku jew numismatiku | Prodotti derivati mill-annimali biss.<br>Teskludi trofej tal-kaċċa u preparazzjonijiet oħra ta' kwalunkwe speċi ta' annimali li jkunu għaddew minn trattament komplut ta' bbalzmar li jiżgura l-preservazzjoni tagħhom f'temperaturi ambjentali.<br>Teskludi trofej tal-kaċċa u preparazzjonijiet oħra ta' speċijiet ħlief annimali ungulati u għasafar (kemm jekk ittrattati kif ukoll jekk le).<br>Ir-rekwiżiti speċifiċi għal trofej tal-kaċċa huma stabbiliti fir-Ringiela 6 tat-Tabella 2 fit-Taqsima 1 tal-Kapitolu II tal-Anness XIV tar-Regolament (UE) Nru 142/2011. |

KAPITOLU 99

## Kodiċijiet speċjali tan-Nomenklatura Magħquda

### Kodiċijiet tan-Nomenklatura Magħquda għal ċerti movimenti speċifiċi ta' oġġetti

### Kummenti ġenerali

Dan il-kapitolu jkopri oġġetti li joriġinaw minn pajjiżi terzi u jitwasslu lil bastimenti u inġenji tal-ajru fl-Unjoni Ewropea taħt proċedura ta' tranżitu doganali (T1).

| Kodiċi NM | Deskrizzjoni | Kwalifika u spjega |
|---|---|---|
| (1) | (2) | (3) |
| ex 9930 24 00 | L-oġġetti tal-Kapitoli 1 sa 24 tan-NM li jitwasslu lill-bastimenti u lill-inġenji tal-ajru. | Prodotti li joriġinaw mill-annimali ddestinati għall-provvista tal-bastimenti kif previst fl-Artikolu 77 (1)(c) tar-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]). |
| ex 9930 99 00 | Oġġetti kklassifikati band'oħra li jitwasslu lill-bastimenti u lill-inġenji tal-ajru. | Prodotti li joriġinaw mill-annimali ddestinati għall-provvista ta' bastimenti kif previst fl-Artikolu 77(1) (c) tar-Regolament (UE) 2017/625. |

([1]) Ir-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2017 dwar il-kontrolli uffiċjali u attivitajiet uffiċjali oħra mwettqa biex jiżguraw l-applikazzjoni tal-liġi tal-ikel u tal-għalf, ta' regoli dwar is-saħħa u t-trattament xieraq tal-annimali, dwar is-saħħa tal-pjanti u dwar prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 999/2001, (KE) Nru 396/2005, (KE) Nru 1069/2009, (KE) Nru 1107/2009, (UE) Nru 1151/2012, (UE) Nru 652/2014, (UE) 2016/429 u (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1/2005 u (KE) Nru 1099/2009 u d-Direttivi tal-Kunsill 98/58/KE, 1999/74/KE, 2007/43/KE, 2008/119/KE u 2008/120/KE, u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 854/2004 u (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kunsill 89/608/KEE, 89/662/KEE, 90/425/KEE, 91/496/KEE, 96/23/KE, 96/93/KE u 97/78/KE u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 92/438/KEE (Regolament dwar il-Kontrolli Uffiċjali) (ĠU L 95, 7.4.2017, p. 1).

*ANNESS II*

L-Annessi I u II tad-Deċiżjoni 2007/275/KE huma emendati kif ġej:

(1) L-Anness I huwa emendat kif ġej:

(a) l-intestatura hija sostitwita b'dan li ġej:

"**Lista ta' prodotti komposti soġġetti għal kontrolli uffiċjali kif imsemmi fl-Artikolu 3**";

(b) l-ewwel sentenza hija sostitwita b'dan li ġej:

"Din il-lista tistabbilixxi l-prodotti komposti f'konformità man-nomenklatura tal-oġġetti li qed tintuża fl-Unjoni sabiex tiġi determinata l-għażla tal-kunsinni li jridu jiġu sottomessi għal kontrolli uffiċjali f'post ta' kontroll fuq il-fruntiera.";

(c) fin-noti tat-tabella, jitħassar il-punt (1);

(d) fin-noti tat-tabella, fil-punt (4), it-tieni paragrafu qed huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Meta jintuża kodiċi b'erba' ċifri: sakemm ma jiġix speċifikat mod ieħor, il-prodotti kollha prefissi bi jew koperti minn dawn l-erba' ċifri jridu jiġu sottomessi għal kontrolli uffiċjali f'post ta' kontroll fuq il-fruntiera. Fil-maġġoranza ta' dawn il-każijiet, il-kodiċijiet NM rilevanti inklużi fis-sistema TRACES stabbilita bl-Artikolu 133(4) tar-Regolament (UE) 2017/625 huma mqassma f'kodiċi b'sitt jew tmien ċifri.";

(e) fin-noti tat-tabella, il-punt (6) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"6. **Kolonna (3) – Kwalifika u spjega**

Din il-kolonna tagħti d-dettalji tal-prodotti koperti. Aktar informazzjoni dwar il-prodotti komposti koperti fil-Kapitoli differenti tan-NM tista' tinstab fl-aktar verżjoni riċenti tan-Noti ta' Spjega għan-Nomenklatura Magħquda tal-Unjoni Ewropea (*).

(*) Noti ta' Spjega għan-Nomenklatura Magħquda tal-Unjoni Ewropea (ĠU C 119, 29.3.2019, p. 1), kif sussegwentement emendata.";

(f) Il-Kapitoli 1, 2, 3, 4, 5, 6, 12, 23, 28, 29, 30, 31, 32, 33, 35, 38, 39, 41, 42, 43, 51, 67, 71, 95, 96 u 97 huma mħassra;

(g) fil-Kapitoli 15, 16, 17, 18, 19, 20, 21 u 22, l-entrati kollha fil-Kolonna (3) — Kwalifika u spjega fit-tabelli huma sostitwiti b'dan li ġej:

"Prodotti komposti biss (ara l-Artikoli 4 u 6 ta' din id-Deċiżjoni)

Għall-prodotti ħlief il-prodotti komposti, ara l-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/2007 (*)

(*) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE)2019/2007 tat-18 ta' Novembru 2019 li jistabbilixxi r-regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-listi ta' annimali, prodotti li joriġinaw mill-annimali, prodotti ġerminali, prodotti sekondarji tal-annimali u prodotti dderivati minnhom u ħuxlief u tiben soġġetti għal kontrolli uffiċjali fil-postijiet ta' kontroll fuq il-fruntiera u li jemenda d-Deċiżjoni 2007/275/KE (ĠU L 312, 29.11.2019, p.1).";

(h) Il-Kapitolu 99 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"KAPITOLU 99

**Kodiċi speċjali tan-nomenklatura magħquda**

*Subkapitolu II*

*Kodiċijiet tan-Nomenklatura Magħquda għal ċerti movimenti speċifiċi ta' oġġetti*

**Kummenti ġenerali**

Dan il-kapitolu jkopri l-prodotti komposti li joriġinaw minn pajjiżi terzi u jitwasslu lill-bastimenti u lill-inġenji tal-ajru fi ħdan l-Unjoni Ewropea skont il-proċedura ta' tranżitu doganali (T1).

| Kodiċi NM | Deskrizzjoni | Kwalifika u spjega |
|---|---|---|
| (1) | (2) | (3) |
| ex 9930 24 00 | L-oġġetti tal-Kapitoli 1 sa 24 tan-NM li jitwasslu lill-bastimenti u lill-inġenji tal-ajru. | Prodotti komposti ddestinati għall-provvista tal-bastimenti kif previst fil-punt (c) tal-Artikolu 77(1) tar-Regolament (UE) 2017/625. |
| ex 9930 99 00 | Oġġetti kklassifikati band'oħra li jitwasslu lill-bastimenti u lill-inġenji tal-ajru. | Prodotti komposti ddestinati għall-provvista tal-bastimenti kif previst fil-punt (c) tal-Artikolu 77(1) tar-Regolament (UE) 2017/625."; |

(2) L-Anness II huwa emendat kif ġej:

(a) it-titolu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"**Lista tal-prodotti komposti li mhumiex soġġetti għall-kontrolli uffiċjali kif imsemmi fil-punt (b) tal-Artikolu 6(1)**";

(b) l-ewwel sentenza hija sostitwita b'dan li ġej:

"Din il-lista tistabbilixxi l-prodotti komposti skont in-nomenklatura tal-oġġetti li qed tintuża fl-Unjoni li ma għandhomx għalfejn jiġu sottomessi għall-kontrolli uffiċjali fil-post ta' kontroll fuq il-fruntiera.";

(c) fin-noti relatati mat-tabella, fl-entrata "Kolonna (1) — kodiċi NM", it-tieni paragrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Meta jintuża kodiċi b'erba' ċifri: sakemm ma jiġix speċifikat mod ieħor, il-prodotti komposti kollha prefissi bi jew koperti minn dawn l-erba' ċifri mhumiex meħtieġa li jiġu sottomessi għall-kontrolli uffiċjali f'post ta' kontroll fuq il-fruntiera.";

(d) fin-noti relatati mat-tabella, l-entrata "Kolonna (2) — Spjega" hija sostitwita b'dan li ġej:

"Kolonna (2) — Spjega

Din il-kolonna tagħti d-dettalji tal-prodotti komposti koperti bid-deroga mill-kontrolli uffiċjali fil-postijiet ta' kontroll fuq il-fruntiera. Meta jkun meħtieġ, il-persunal uffiċjali fil-postijiet ta' kontroll fuq il-fruntiera jrid jivvaluta l-ingredjenti ta' prodott kompost u jispeċifika, jekk il-prodott mill-annimali li jkun hemm fil-prodott kompost ikunx ipproċessat biżżejjed sabiex ma jkunux meħtieġa l-kontrolli uffiċjali previsti fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni.".

# DEĊIŻJONIJIET

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2019/2008

**tat-28 ta' Novembru 2019**

**dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed, f'isem l-Unjoni Ewropea, fl-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali matul il-31 sessjoni tal-Assemblea tagħha dwar l-adozzjoni ta' emendi għar-riżoluzzjoni A.658(16) dwar l-Użu u t-twaħħil ta' materjali retroriflettivi fuq apparat tas-salvataġġ u dwar l-adozzjoni ta' riżoluzzjoni dwar Linji Gwida għall-Istħarriġ taħt is-Sistema Armonizzata tal-Istħarriġ u ċ-Ċertifikazzjoni (HSSC)**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 100(2) flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Jenħtieġ li l-azzjoni tal-Unjoni fis-settur tat-trasport marittimu timmira li tipproteġi l-ambjent tal-baħar u li ttejjeb is-sikurezza marittima.

(2) L-Assemblea tal-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali (OMI), matul il-31 sessjoni tagħha mill-25 ta' Novembru sal-4 ta' Diċembru 2019 ("A 31"), hija mistennija tadotta emendi għar-riżoluzzjoni A.658(16) dwar l-Użu u t-twaħħil ta' materjali retroriflettivi fuq apparat tas-salvataġġ (ir-"Riżoluzzjoni A.658(16)") u li tadotta riżoluzzjoni dwar il-Linji Gwida għall-Istħarriġ taħt is-Sistema Armonizzata tal-Istħarriġ u ċ-Ċertifikazzjoni (HSSC) (il-"Linji Gwida għall-Istħarriġ").

(3) Jenħtieġ li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni matul l-A 31, peress li l-emendi għar-Riżoluzzjoni A.658(16) u r-riżoluzzjoni dwar il-Linji Gwida għall-Istħarriġ ser ikunu jistgħu jinfluwenzaw b'mod deċiżiv il-kontenut tad-dritt tal-Unjoni, jiġifieri d-Direttiva 2014/90/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]), ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1397 ([2]) u r-Regolament (KE) Nru 391/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]).

(4) Il-101 sessjoni tal-Kumitat tas-Sikurezza Marittima ("MSC 101"), li saret f'Londra mill-5 sal-14 ta' Ġunju 2019, fakkret li fis-sessjoni preċedenti tiegħu, wara li ġie kkunsidrat id-dokument MSC 100/19/4 tal-OMI li ppropona emendi għar-Riżoluzzjoni A.658(16), il-Kumitat tas-Sikurezza Marittima kien qabel li jitħassar il-kliem "ark tal-karbonju" fil-paragrafu 4.10 ta' dik ir-riżoluzzjoni u kien talab lis-Segretarjat tal-OMI biex iħejji abbozz ta' riżoluzzjoni rilevanti tal-Assemblea tal-OMI għal approvazzjoni waqt il-MSC 101, bl-għan li jiġi sottomess fl-A 31 għall-adozzjoni (MSC 100/20, paragrafi 19.14 u 19.15). L-MSC 101 imbagħad approva l-abbozz tar-riżoluzzjoni tal-Assemblea tal-OMI dwar l-Emendi għar-Riżoluzzjoni A.658(16).

(5) L-Istati Uniti u l-Assoċjazzjoni Internazzjonali tas-Soċjetajiet ta' Klassifikazzjoni ssottomettew proposta alternattiva għall-emendi fil-paragrafu 4.10 tar-Riżoluzzjoni A.658(16) lill-A 31 (dokument A 31/10/4 tal-OMI).

---

([1]) Id-Direttiva 2014/90/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Lulju 2014 dwar tagħmir tal-baħar u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 96/98/KE (ĠU L 257, 28.8.2014, p. 146).

([2]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1397 tas-6 ta' Awwissu 2019 dwar ir-rekwiżiti ta' disinn, ta' kostruzzjoni u ta' prestazzjoni u l-istandards tal-ittestjar għat-tagħmir tal-baħar u li jħassar ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/773 (ĠU L 237, 13.9.2019, p. 1).

([3]) Ir-Regolament (KE) Nru 391/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar ir-regoli u l-istandards komuni għall-organizzazzjonijiet għall-ispezzjoni u l-perizji tal-vapuri (ĠU L 131, 28.5.2009, p. 11).

(6) Is-Sottokumitat dwar l-Implimentazzjoni tal-Istrumenti tal-OMI (is-"Sottokumitat") fakkar fil-ħames sessjoni tiegħu li fis-sessjoni preċedenti tiegħu huwa kien stabbilixxa l-Grupp ta' Korrispondenza dwar ir-Rieżami tal-Linji Gwida għall-Istħarriġ taħt l-HSSC u l-Lista Mhux Eżawrjenti tal-Obbligi taħt l-Istrumenti Rilevanti għall-Kodiċi tal-Implimentazzjoni tal-Istrumenti tal-OMI (Kodiċi III) biex ikompli jaġġorna l-Linji Gwida għall-Istħarriġ biex jiġu inklużi r-rekwiżiti li jirriżultaw mill-emendi fl-istrumenti rilevanti tal-OMI li jidħlu fis-seħħ sa u inkluż il-31 ta' Diċembru 2019, bl-għan li jiġi ppreżentat abbozz tal-Linji Gwida għall-Istħarriġ emendati lill-A 31 għall-adozzjoni. L-MSC 101 awtorizza lis-Sottokumitat biex jippreżenta r-riżultat tal-ħidma tiegħu direttament fl-A 31 għall-adozzjoni. Fis-sitt sessjoni tiegħu, is-Sottokumitat qabel li jippreżenta l-abbozz tal-Linji Gwida għall-Istħarriġ emendati lill-A 31 għall-kunsiderazzjoni u għall-adozzjoni.

(7) L-Unjoni mhijiex Membru tal-OMI, u lanqas ma hija parti kontraenti għall-konvenzjonijiet u l-kodiċijiet rilevanti. Għalhekk jenħtieġ li l-Kunsill jawtorizza lill-Istati Membri biex jesprimu l-pożizzjoni tal-Unjoni fl-A 31 u biex jesprimu l-kunsens tagħhom li jintrabtu bl-emendi u r-riżoluzzjoni li għandha tiġi adottata mill-A 31, sa fejn dawk l-emendi u dik ir-riżoluzzjoni jaqgħu taħt il-kompetenza esklużiva tal-Unjoni,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-31 sessjoni tal-Assemblea tal-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali (OMI) għandha tkun li hija taqbel ma':

(a) l-adozzjoni ta' emendi għar-riżoluzzjoni A.658(16) dwar l-Użu u t-twaħħil ta' materjali retroriflettivi fuq apparat tas-salvataġġ, kif stabbiliti fl-Anness 27 għad-dokument MSC 101/24/Add.1 tal-OMI, jew alternattivament tal-emendi proposti fid-dokument A 31/10/4 tal-OMI; u

(b) l-adozzjoni ta' riżoluzzjoni dwar Linji Gwida għall-Istħarriġ taħt is-Sistema Armonizzata tal-Istħarriġ u ċ-Ċertifikazzjoni (HSSC) u r-revoka tar-riżoluzzjoni A.1120(30), kif stabbilita fl-Anness 11 għad-dokument III 6/15/Add.1 tal-OMI.

*Artikolu 2*

1. Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni kif stabbilita fl-Artikolu 1 għandhom jesprimuha l-Istati Membri, li huma kollha membri tal-OMI, billi jaġixxu b'mod konġunt fl-interessi tal-Unjoni.

2. Jista' jintlaħaq qbil dwar bidliet minuri għall-pożizzjoni msemmija fl-Artikolu 1 mingħajr il-ħtieġa ta' deċiżjoni ulterjuri mill-Kunsill.

*Artikolu 3*

L-Istati Membri huma b'dan awtorizzati li jagħtu l-approvazzjoni tagħhom li jintrabtu, fl-interessi tal-Unjoni, bl-emendi msemmija fl-Artikolu 1(a) u r-riżoluzzjoni msemmija fl-Artikolu 1(b), sa fejn dawk l-emendi u dik ir-riżoluzzjoni jaqgħu taħt il-kompetenza esklużiva tal-Unjoni.

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, it-28 ta' Novembru 2019.

*Għall-Kunsill*
*Il-President*
T. HARAKKA

**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2019/2009**

**tat-2 ta' Diċembru 2019**

**b'appoġġ għall-Isforzi tal-Ukrajna għall-Ġlieda Kontra t-Traffikar Illeċitu ta' Armi, Munizzjon u Splussivi, f'kooperazzjoni mal-OSKE**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 28(1) u 31(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fid-19 ta' Novembru 2018, il-Kunsill adotta l-Istrateġija tal-UE kontra l-armi tan-nar, armi ħfief u ta' kalibru żgħir (SALW) illeċiti u l-munizzjon tagħhom "Aktar Sigurtà fuq l-Armi biex Nipproteġu liċ-Ċittadini" (L-'Istrateġija tal-UE dwar is-SALW'). L-għan tal-Istrateġija tal-UE dwar is-SALW huwa li tiggwida azzjoni Ewropea integrata, kollettiva u kkoordinata għall-prevenzjoni u t-trażżin tal-akkwist illeċitu ta' SALW u l-munizzjon tagħhom minn terroristi, kriminali u atturi oħra li mhumiex awtorizzati, u għall-promozzjoni tal-obbligu ta' rendikont u r-responsabbiltà fir-rigward tal-kummerċ fl-armi legali.

(2) Fuq livell reġjonali, l-Istrateġija tal-UE dwar is-SALW torbot lill-Unjoni u l-Istati Membri tagħha li jassistu fit-tisħiħ tal-kapaċitajiet tal-infurzar tal-liġi sabiex jiġu identifikati, sfrattati u pprojbiti netwerks tat-traffikar u armi tan-nar jiġu pprevenuti milli jilħqu terroristi u kriminali permezz tas-suq illeċitu, fost l-oħrajn billi jiġu imblukkati l-finanzjament u t-trasport illeċiti ta' armi u billi jissaħħaħ ir-rwol tal-pulizija tal-fruntieri u tal-awtoritajiet doganali u tal-portijiet fl-indirizzar ta' flussi ta' armi illeċiti permezz ta' trasport marittimu.

(3) L-Istrateġija tal-UE dwar is-SALW tiddikjara li l-instabbiltà attwali fl-Ewropa tal-Lvant żiedet il-livell ta' traffikar illeċitu ta' armi tan-nar f'diversi pajjiżi fir-reġjun, bħall-Ukrajna. Dan jippreżenta theddida sinifikanti għas-sigurtà fit-tul kemm għall-Ukrajna kif ukoll għall-Unjoni. Il-kooperazzjoni bejn l-Unjoni u l-Ukrajna fuq din il-kwistjoni għalhekk hija ta' interess reċiproku. L-Unjoni qiegħda tkompli bl-impenn bilaterali tagħha mal-Ukrajna u pajjiżi oħra fir-reġjun u b'mod sistematiku tintegra l-ġlieda kontra SALW illeċiti fi kwalunkwe djalogu dwar kwistjonijiet ta' sigurtà ma' pajjiżi sħab fil-viċinat.

(4) F'Mejju 2016, is-Servizz tal-Gwardja tal-Fruntiera tal-Istat tal-Ukrajna talab lis-Segretarjat tal-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa (OSKE) biex iwettaq valutazzjoni tal-ħtiġijiet għall-ġlieda kontra t-traffikar illeċitu ta' armi, munizzjon u splussivi fl-Ukrajna u minn naħa għall-oħra tal-fruntieri tagħha. Il-valutazzjoni tal-ħtiġijiet saret b'appoġġ minn Franza u l-Ġermanja u ġiet ippubblikata f'April 2018. Ir-riżultati tal-valutazzjoni tal-ħtiġijiet ġew ikkonfermati mill-aġenziji tal-infurzar tal-liġi u tas-sigurtà ewlenin fl-Ukrajna waqt laqgħa ta' livell għoli organizzata f'Kiev fis-7 ta' Ġunju 2018.

(5) Is-Servizz tal-Gwardja tal-Fruntiera tal-Istat tal-Ukrajna, is-Servizz Fiskali Statali/is-Servizz Doganali Statali tal-Ukrajna u l-Ministeru għall-Affarijiet Interni tal-Ukrajna uffiċjalment, bil-miktub, esprimew interess u talbu kooperazzjoni mas-Segretarjat tal-OSKE u l-Koordinatur tal-Proġett tal-OSKE fl-Ukrajna fl-appoġġ għall-isforzi tal-Ukrajna fil-ġlieda kontra t-traffikar illeċitu ta' armi, munizzjon u splussivi, f'konformità mar-riżultati tal-valutazzjoni tal-ħtiġijiet.

(6) L-assistenza mingħand l-Unjoni lill-Ukrajna relatata mal-kontroll tal-fruntieri, bħall-Istrateġija għal Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri appoġġata mill-Istrument Ewropew ta' Viċinat tal-Kummissjoni u l-missjonijiet ċivili tal-Politika tas-Sigurtà u d-Difiża Komuni tal-Unjoni, jiġifieri l-Missjoni ta' Konsulenza tal-Unjoni Ewropea għar-Riforma tas-Settur tas-Sigurtà Ċivili fl-Ukrajna (EUAM Ukraine) u l-Missjoni tal-Unjoni Ewropea ta' Assistenza fil-Fruntiera bejn il-Moldova u l-Ukrajna (EUBAM Moldova-Ukraine), u l-attivitajiet ta' appoġġ tagħhom għall-kontroll tal-fruntieri ma jinkludux appoġġ speċifikament immirat għall-ġlieda kontra t-traffikar illeċitu ta' armi, munizzjon u splussivi.

(7) Fit-30 ta' Ġunju 2018, it-tielet Konferenza tan-Nazzjonijiet Uniti għar-Rieżami tal-Progress li sar fl-Implimentazzjoni tal-Programm ta' Azzjoni tan-NU kontra Armi Ħfief u ta' Kalibru Żgħir adottat dokument ta' eżitu li fih l-Istati jġeddu l-impenn tagħhom għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra d-devjazzjoni ta' armi ħfief u ta' kalibru żgħir. L-Istati tennew ir-rieda tagħhom li jaħdmu għal kooperazzjoni internazzjonali u li jsaħħu l-kooperazzjoni reġjonali permezz ta' koordinazzjoni, konsultazzjoni, skambju ta' informazzjoni u kooperazzjoni operazzjonali mtejba, bl-involviment ta' organizzazzjonijiet reġjonali u subreġjonali rilevanti, kif ukoll awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi, tal-kontroll tal-fruntieri u tal-ħruġ ta' liċenzji ta' esportazzjoni u importazzjoni.

(8) L-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli ttenni li huwa meħtieġ li jiġi miġġieled il-kummerċ illeċitu ta' armi ħfief u ta' kalibru żgħir għall-kisba ta' ħafna għanijiet ta' żvilupp sostenibbli, fosthom dawk relatati mal-paċi, il-ġustizzja u l-istituzzjonijiet b'saħħithom, it-tnaqqis tal-faqar, it-tkabbir ekonomiku, is-saħħa, l-ugwaljanza bejn is-sessi u l-bliet sikuri. Għalhekk, fl-Għan ta' Żvilupp Sostenibbli 16.4, l-Istati kollha impenjaw ruħhom li jnaqqsu b'mod sinifikanti l-flussi illeċiti finanzjarji u tal-armi.

(9) Fl-Aġenda tiegħu għad-Diżarm "*Securing our Common Future*" ("Niżguraw il-Ġejjieni Komuni Tagħna"), li ġiet ippreżentata fl-24 ta' Mejju 2018, is-Segretarju Ġenerali tan-NU appella biex tiġi indirizzata l-akkumulazzjoni eċċessiva ta' u l-kummerċ illeċitu f'armi konvenzjonali u biex jingħata appoġġ lill-approċċi għall-armi żgħar fil-livell ta' pajjiżi.

(10) Fil-25 ta' Ottubru 2012, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2012/662/PESK ([1]) b'appoġġ għall-attivitajiet biex jitnaqqas ir-riskju tal-kummerċ illeċitu fi, u l-akkumulazzjoni eċċessiva ta' Armi Ħfief u ta' Kalibru Żgħir fir-reġjun kopert mill-OSKE u, fl-4 ta' Awwissu 2017, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2017/1424/ ([2]) b'appoġġ għall-attivitajiet tal-OSKE biex jitnaqqas ir-riskju tat-traffikar illeċitu u l-akkumulazzjoni eċċessiva ta' armi ħfief u ta' kalibru żgħir u munizzjon konvenzjonali fl-Eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja u l-Georgia,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

1. L-għan ta' din id-Deċiżjoni huwa li jissaħħu l-kapaċitajiet tas-Servizz tal-Gwardja tal-Fruntiera tal-Istat tal-Ukrajna, il-Ministeru għall-Affarijiet Interni tal-Ukrajna u s-Servizz Fiskali Statali/is-Servizz Doganali Statali tal-Ukrajna fil-ġlieda kontra t-traffikar illeċitu ta' armi, munizzjon u splussivi fl-Ukrajna.

2. Skont il-paragrafu 1, l-objettivi ta' din id-Deċiżjoni huma dawn li ġejjin:

(a) it-tisħiħ tal-kapaċitajiet tas-Servizz tal-Gwardja tal-Fruntiera tal-Istat, tal-Ministeru għall-Affarijiet Interni u tas-Servizz Fiskali Statali/is-Servizz Doganali Statali tal-Ukrajna fir-rigward tal-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-traffikar illeċitu ta' armi, munizzjon u splussivi;

(b) it-tisħiħ tal-kapaċitajiet superviżorji tal-Ministeru għall-Affarijiet Interni fir-rigward tal-kontroll tagħhom tal-manifattura, l-immarkar u ż-żamma ta' rekords ta' armi, munizzjon u splussivi li jikkorrispondu għall-ħtiġijiet identifikati fil-valutazzjoni tal-ħtiġijiet;

(c) it-tisħiħ tal-kapaċitajiet operazzjonali tal-Ministeru għall-Affarijiet Interni u l-Pulizija Nazzjonali tal-Ukrajna, li tirrapporta lill-Ministeru għall-Affarijiet Interni, fir-rigward tal-forensika, l-analiżi, id-detezzjoni, it-traċċar, u l-investigazzjoni tat-traffikar illeċitu ta' armi, munizzjon u splussivi;

(d) it-tisħiħ tal-kapaċitajiet tal-Ministeru għall-Affarijiet Interni għat-titjib tal-mekkaniżmi leġislattivi għar-regolamentazzjoni u l-kontroll taċ-ċirkolazzjoni u l-użu ta' armi, munizzjon u splussivi kif ukoll is-sensibilizzazzjoni tal-pubbliku dwar ir-riskji relatati mal-pussess illegali, l-użu ħażin u t-traffikar ta' armi, munizzjon u splussivi skont il-ħtiġijiet identifikati fil-valutazzjoni tal-ħtiġijiet;

(e) it-tisħiħ tal-koordinazzjoni u l-kooperazzjoni bejn l-aġenziji li jirriżulta fl-iżvilupp ta' approċċ strateġiku, ġbir ta' data u analiżi fil-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-traffikar illeċitu ta' armi, munizzjon u splussivi fl-Ukrajna skont il-ħtiġijiet identifikati fil-valutazzjoni tal-ħtiġijiet.

([1]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/662/PESK tal-25 ta' Ottubru 2012 b'appoġġ għall-attivitajiet biex jitnaqqas ir-riskju tal-kummerċ illeċitu fi, u l-akkumulazzjoni eċċessiva ta' Armi Ħfief u ta' Kalibru Żgħir fir-reġjun kopert mill-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa (OSKE) (ĠU L 297, 26.10.2012, p. 29).

([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2017/1424 tal-4 ta' Awwissu 2017 b'appoġġ għall-attivitajiet tal-OSKE biex jitnaqqas ir-riskju tat-traffikar illeċitu u l-akkumulazzjoni eċċessiva ta' armi ħfief u ta' kalibru żgħir u munizzjon konvenzjonali fl-Eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja u l-Georgia (ĠU L 204, 5.8.2017, p. 82).

3. Skont il-paragrafu 2, l-Unjoni għandha tappoġġa l-azzjonijiet li ġejjin:

(a) it-tisħiħ tal-qafas normattiv u leġislattiv rilevanti;

(b) il-ġbir, il-kompilazzjoni u l-kondiviżjoni ta' data rilevanti, inkluż l-iżvilupp u l-unifikazzjoni ta' bażijiet ta' data elettroniċi;

(c) l-iżvilupp tal-kapaċitajiet tal-istituzzjonijiet rilevanti;

(d) l-għoti ta' taħriġ;

(e) l-akkwist ta' tagħmir u infrastruttura speċjalizzati, fosthom kapaċitajiet ta' detezzjoni tal-klieb;

(f) il-ħolqien ta' pjattaformi għal koordinazzjoni nazzjonali msaħħa bejn l-aġenziji nazzjonali u l-kjarifika ta' mandati, biex b'hekk jiġu ffaċilitati l-kooperazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni;

(g) is-sensibilizzazzjoni tal-pubbliku ġenerali;

(h) l-iskambju u l-kooperazzjoni reġjonali u internazzjonali.

4. Il-benefiċjarji tal-proġett għandhom ikunu l-awtoritajiet nazzjonali tal-Ukrajna responsabbli għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-traffikar illeċitu ta' armi, munizzjon u splussivi. L-awtoritajiet nazzjonali primarjament fil-mira huma: is-Servizz tal-Gwardja tal-Fruntiera tal-Istat, il-Ministeru għall-Affarijiet Interni u l-Pulizija Nazzjonali tal-Ukrajna, li tirrapporta lill-Ministeru għall-Affarijiet Interni, u s-Servizz Fiskali Statali/is-Servizz Doganali Statali. Awtoritajiet nazzjonali oħra b'mandat, bħas-Servizz tas-Sigurtà tal-Ukrajna għandhom ikunu involuti fuq il-bażi ta' każ b'każ.

5. Deskrizzjoni dettaljata tal-proġett tinsab fl-Anness għal din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

1. Ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà ("RGħ") għandu jkun responsabbli għall-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

2. L-implimentazzjoni teknika tal-proġett imsemmi fl-Artikolu 1 ("il-proġett") għandha titwettaq mis-Segretarjat tal-OSKE.

3. Is-Segretarjat tal-OSKE għandu jwettaq il-kompiti tiegħu taħt ir-responsabbiltà tar-RGħ. Għal dak il-għan, ir-RGħ għandu jidħol fl-arranġamenti meħtieġa mas-Segretarjat tal-OSKE.

*Artikolu 3*

1. L-ammont ta' referenza finanzjarja għall-implimentazzjoni tal-proġett iffinanzjat mill-Unjoni għandu jkun ta' EUR 5 151 579.

2. In-nefqa ffinanzjata mill-ammont ta' referenza stipulat fil-paragrafu 1 għandha tkun amministrata konformement mal-proċeduri u r-regoli applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni.

3. Il-Kummissjoni għandha tissorvelja l-amministrazzjoni xierqa tan-nefqa msemmija fil-paragrafu 1. Għal dan il-għan, hija għandha tikkonkludi l-ftehim ta' finanzjament mas-Segretarjat tal-OSKE. Il-ftehim ta' finanzjament għandu jistipula li s-Segretarjat tal-OSKE jrid jiżgura l-viżibbiltà tal-kontribuzzjoni tal-Unjoni, adatta għad-daqs tagħha.

4. Il-Kummissjoni għandha tagħmel ħilitha biex tikkonkludi l-ftehim ta' finanzjament imsemmi fil-paragrafu 3 malajr kemm jista' jkun wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni. Hija għandha tinforma lill-Kunsill bi kwalunkwe diffikultà f'dak il-proċess u bid-data tal-konklużjoni tal-ftehim ta' finanzjament.

*Artikolu 4*

1. Ir-RGħ għandu jirrapporta lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni abbażi ta' rapporti narrattivi regolari ta' kull sitt xhur mħejjija mis-Segretarjat tal-OSKE. Dawk ir-rapporti għandhom jifformaw il-bażi għall-evalwazzjoni li għandha ssir mill-Kunsill.

2. Il-Kummissjoni għandha tirrapporta dwar l-aspetti finanzjarji tal-proġett imsemmi fl-Artikolu 1.

*Artikolu 5*

1. Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

2. Din id-Deċiżjoni għandha tiskadi 36 xahar wara d-data tal-konklużjoni tal-ftehim ta' finanzjament imsemmi fl-Artikolu 3(3). Madankollu, għandha tiskadi sitt xhur wara d-data tad-dħul fis-seħħ tagħha jekk ma jkun ġie konkluż ebda ftehim sa dak iż-żmien.

Magħmul fi Brussell, it-2 ta' Diċembru 2019.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

M. OHISALO

*ANNESS*

**PROGRAMM KOMPRENSIV TAL-OSKE DWAR L-APPOĠĠ GĦALL-ISFORZI TAL-UKRAJNA GĦALL-ĠLIEDA KONTRA T-TRAFFIKAR ILLEĊITU F'ARMI, MUNIZZJON U SPLUSSIVI**

1. Sfond

F'dawn l-aħħar snin, l-Ukrajna kienet qed tħabbat wiċċha ma' riskji sinifikanti ta' sikurezza u sigurtà u sfidi relatati mal-firxa ta' armi, munizzjon u splussivi (WAE) illeċiti minn fuq il-fruntieri tagħha u fit-territorju tagħha. Dawn ġew partikolarment aggravati mill-kriżi fl-Ukrajna u madwarha u rriżultaw f'pussess illegali, użu ħażin u traffikar f'WAE.

L-Ukrajna tibqa' sors ta' tħassib u sfida importanti fl-Istrateġija tal-UE kontra l-armi tan-nar, l-armi ħfief u ta' kalibru żgħir (SALW) u l-munizzjon tagħhom ("l-Istrateġija tal-UE dwar is-SALW"). L-Istrateġija tal-UE dwar is-SALW tgħid li "[l]-instabbiltà attwali fl-Ewropa tal-Lvant żiedet il-livell ta' traffikar illeċitu ta' armi tan-nar f'diversi pajjiżi fir-reġjun, bħall-Ukrajna. Dan jippreżenta theddida sinifikanti għas-sigurtà fuq perjodu twil kemm għall-Ukrajna u kemm għall-UE. Il-kooperazzjoni bejn l-UE u l-Ukrajna fuq din il-kwistjoni għalhekk hija ta' interess reċiproku. L-UE qiegħda ssegwi l-ingaġġ bilaterali tagħha mal-Ukrajna u pajjiżi oħra fir-reġjun u b'mod sistematiku tintegra l-ġlieda kontra SALW illeċiti fi kwalunkwe djalogu dwar kwistjonijiet ta' sigurtà ma' pajjiżi msieħba fil-viċinat.".

Għalhekk, b'referenza għall-Viċinat tal-Lvant b'mod ġenerali u l-Ukrajna b'mod partikolari l-istrateġija tal-UE dwar is-SALW tippreżenta l-azzjonijiet li ġejjin:

— "L-UE u l-Istati Membri tagħha se jintegraw il-ġlieda kontra t-traffikar tal-armi tan-nar/SALW fil-kuntest tad-djalogu dwar kwistjonijiet ta' sigurtà ma' pajjiżi msieħba fil-viċinat, bħall-Ukrajna;

— L-UE u l-Istati Membri tagħha se jistabbilixxu kanali ta' komunikazzjoni bejn esperti tal-UE u Ukreni, jidentifikaw punt ta' kuntatt sabiex jiżguraw kooperazzjoni bla xkiel, iżidu l-għarfien, jaqsmu l-aħjar prattiki u l-għarfien espert, u jidentifikaw ħtiġijiet ta' taħriġ u miżuri ta' appoġġ oħra biex isaħħu l-kapaċitajiet tal-Ukrajna fil-qasam; u

— L-UE u l-Istati Membri tagħha se jkomplu jaħdmu fuq diskussjoni permanenti teknika madwar mejda mal-Ukrajna biex jindirizzaw il-problema urġenti tat-traffikar illeċitu ta' armi tan-nar u r-riskji assoċjati mal-possibbiltà li tali armi jiġu f'idejn terroristi u gruppi ta' kriminalità organizzata.".

Fuq il-bażi tat-talba inizjali tas-Servizz tal-Gwardja tal-Fruntiera tal-Istat tal-Ukrajna (SBGS) li saret f'Mejju 2016, is-Segretarjat tal-OSKE wettaq valutazzjoni tal-ħtiġijiet għall-ġlieda kontra t-traffikar illeċitu f'armi, munizzjon u splussivi fi/u minn fuq il-fruntieri tal-Ukrajna ("il-valutazzjoni tal-ħtiġijiet"). Il-valutazzjoni tal-ħtiġijiet, ippubblikata f'April 2018, involviet diversi ministeri u aġenziji tar-regolamentazzjoni ta' WAE, tal-infurzar tal-liġi u tas-sigurtà. Wriet li l-approċċ attwali għad-detezzjoni u t-trażżin tat-traffikar illeċitu f'WAE fi ħdan il-fruntieri tal-Ukrajna u minn fuqhom qed jirriżulta diffiċli. L-appoġġ f'termini ta' żvilupp ta' riżorsi umani u tekniċi, leġislazzjoni li tinftiehem b'mod ċar u koordinazzjoni fil-livell ta' bejn l-aġenziji, kif ukoll l-appoġġ u l-kooperazzjoni internazzjonali, jeħtieġ li jissaħħu. Il-valutazzjoni tal-ħtiġijiet stabbiliet ukoll il-linja ta' referenza għall-għoti ta' assistenza teknika u appoġġ istituzzjonali biex jiġu żviluppati l-kapaċitajiet tal-awtoritajiet Ukreni fl-isforzi tagħhom biex jiġġieldu kontra t-traffikar ta' WAE b'mod olistiku u sostenibbli.

Fis-7 ta' Ġunju 2018, il-ministeri u l-aġenziji ewlenin tar-regolamentazzjoni, tal-infurzar tal-liġi u tas-sigurtà relatati ma' WAE fl-Ukrajna kkonfermaw ir-riżultati tal-valutazzjoni tal-ħtiġijiet f'laqgħa ta' livell għoli organizzata fi Kiev. Huma tennew li jifhmu b'mod ċar it-theddid attwali u imminenti tat-traffikar illeċitu ta' WAE u l-impenji biex titjieb is-sitwazzjoni fuq il-post. Dawn inkludew l-approvazzjoni tal-pjan direzzjonali, żviluppat permezz tal-valutazzjoni tal-ħtiġijiet, li jappoġġa approċċ integrat, komprensiv u kooperattiv għal żvilupp effettiv ta' kapaċitajiet u ħidma effettiva tas-sistema għall-ġlieda kontra t-traffikar illeċitu ta' WAE fl-Ukrajna.

Fit-12 ta' Marzu 2019, l-istess awtoritajiet iltaqgħu fit-tieni laqgħa ta' livell għoli fi Kiev fejn ġie nnutat b'mod ċar il-progress fid-diskussjoni tal-isfidi, il-ħtiġijiet reali u l-inizjattivi relatati mal-ġlieda kontra t-traffikar illeċitu f'WAE fl-Ukrajna u minn fuq il-fruntieri tagħha. Barra minn hekk, f'din il-laqgħa ttieħdu wkoll l-impenji nazzjonali u internazzjonali biex tissaħħaħ l-azzjoni.

Diversi ministeri u aġenziji tal-infurzar tal-liġi u tas-sigurtà uffiċjalment, bil-miktub, urew interess u talbu kooperazzjoni mas-Segretarjat tal-OSKE fl-appoġġ tal-isforzi tal-Ukrajna biex tiġġieled it-traffikar illeċitu f'WAE, jiġifieri s-SBGS f'Mejju 2016, is-Servizz Fiskali Statali (SFS)/is-Servizz Doganali Statali (SCS) f'Lulju 2018, u l-Ministeru għall-Affarijiet Interni tal-Ukrajna f'Marzu 2019. Dawn il-ministeri u l-aġenziji indirizzaw lill-Koordinatur tal-Proġett tal-OSKE fl-Ukrajna biex jappoġġa l-implimentazzjoni prattika tal-attivitajiet tal-proġett sa nofs Settembru 2019.

## 2. Objettiv ġenerali

It-tisħiħ tal-kapaċitajiet tal-awtoritajiet Ukreni fil-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-traffikar illeċitu ta' armi, munizzjon u splussivi.

## 3. Deskrizzjoni tal-Azzjoni

L-azzjoni hija msejsa fuq is-sejbiet u r-rakkomandazzjonijiet tal-valutazzjoni tal-ħtiġijiet għall-ġlieda kontra t-traffikar illeċitu ta' WAE fi/u minn fuq il-Fruntieri tal-Ukrajna tas-Segretarjat tal-OSKE. Barra minn hekk, kompliet tiġi żviluppata bi tweġiba għat-talbiet espliċiti għal kooperazzjoni u assistenza indirizzati lis-Segretarjat tal-OSKE u lill-Koordinatur tal-OSKE għall-Proġetti fl-Ukrajna (PCU) mis-SBGS,, is-SFS u l-Ministeru għall-Affarijiet Interni tal-Ukrajna. It-talbiet kienu segwiti minn konsultazzjonijiet tekniċi komprensivi bejn l-OSKE u l-atturi statali msemmijin.

F'kooperazzjoni mill-qrib mal-awtoritajiet Ukreni rilevanti, l-OSKE ħejjiet tliet proġetti li jindirizzaw diversi aspetti tal-mandati tagħhom relatati mal-ġlieda kontra t-traffikar illeċitu f'WAE. Il-proġetti jingħaqdu fi programm komprensiv unifikat bil-ħsieb li tissaħħaħ is-sikurezza u s-sigurtà ġenerali fl-Ukrajna. Il-programm komprensiv jappoġġa l-Istrateġija tal-UE kontra l-armi tan-nar, l-armi ħfief u ta' kalibru żgħir (SALW) illeċiti u l-munizzjon tagħhom (2018) b'mod partikolari azzjonijiet fil-Viċinat tal-Lvant.

### 3.1. Proġett 1: Appoġġ lis-Servizz tal-Gwardja tal-Fruntiera tal-Ukrajna fil-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-traffikar illeċitu ta' armi, munizzjon u splussivi (WAE)

#### 3.1.1. Objettiv

L-objettiv tal-proġett huwa li jassisti lis-Servizz tal-Gwardja tal-Fruntiera tal-Istat tal-Ukrajna (SBGS) sabiex isaħħaħ il-kapaċità tiegħu fil-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-traffikar illeċitu ta' WAE.

#### 3.1.2. Deskrizzjoni

Is-Servizz tal-Gwardja tal-Fruntiera tal-Istat huwa waħda mill-aġenziji tal-infurzar tal-liġi fl-Ukrajna b'mandat li tiġġieled kontra t-traffikar illeċitu ta' WAE. Għandu r-responsabbiltajiet li jiżgura l-invjolabbiltà tal-fruntieri tal-istat u l-protezzjoni tad-drittijiet sovrani tal-Ukrajna fi ħdan iż-żona ekonomika esklużiva (marittima) tagħha.

Il-proġett ser ikollu l-għan li jindirizza diskrepanzi ta' kapaċitajiet verifikati fi ħdan is-SBGS permezz ta': (a) taħriġ, żvilupp tal-kapaċitajiet tekniċi u operazzjonali għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-traffikar illeċitu ta' WAE; u (b) it-trasferiment ta' prattiki tajba internazzjonali u skambji ta' informazzjoni b'mod partikolari fir-rigward tal-Istati Membri tal-UE, is-sħab tal-Balkani tal-Punent u l-istati ġirien.

#### 3.1.3. Riżultat Mistenni

Riżultat 1: Tisħiħ tal-kapaċitajiet tas-Servizz tal-Gwardja tal-Fruntiera tal-Istat fil-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-traffikar illeċitu ta' WAE

Indikaturi:

— aktar kompetenzi (organizzattivi, tekniki, għarfien) tal-persunal tas-Servizz tal-Gwardja tal-Fruntiera tal-Istat li hu benefiċjarju tal-proġett fl-istituzzjonijiet edukattivi u ta' taħriġ rilevanti, fl-unitajiet ta' analitika u ta' investigazzjoni, u fl-unitajiet operazzjonali b'appoġġ għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-traffikar illeċitu ta' WAE, u applikati fil-proċessi ta' ħidma regolari tagħhom;

— miżuri ta' kooperazzjoni u netwerking ta' esperti - f'kuntesti nazzjonali, subreġjonali u internazzjonali - li jikkontribwixxu għall-interoperabbiltà tal-benefiċjarji tal-proġett mal-kontropartijiet tagħhom, u applikati fil-proċessi ta' ħidma regolari tal-unitajiet u l-istituzzjonijiet rilevanti tal-benefiċjarji tal-proġett;

— is-sejbiet dokumentati tal-evalwazzjonijiet u l-approċċi għall-ġestjoni tal-kwalità jiġu kondiviżi u applikati fil-prattika u kkunsidrati għal skopijiet ta' tisħiħ tal-kapaċitajiet minn partijiet ikkonċernati tal-proġett (benefiċjarji tal-proġett - primarji u sekondarji, il-komunità tad-donaturi u l-OSKE).

3.1.4. Attivitajiet

3.1.4.1. Programm ta’ Taħriġ Komprensiv fil-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-traffikar illeċitu ta’ WAE għas-Servizz tal-Gwardja tal-Fruntiera tal-Istat skont il-ħtiġijiet identifikati fil-valutazzjoni tal-ħtiġijiet

L-attività ser tinkludi:

— programm ta’ taħriġ komprensiv fil-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-traffikar illeċitu ta’ WAE li ser isegwi approċċ fuq żewġ livelli: (a) bl-iżvilupp u t-tisħiħ tal-għarfien, il-ħiliet u l-attitudnijiet meħtieġa tal-istrutturi u l-edukaturi, jiġifieri approċċ ta’ ħarreġ lil min iħarreġ; u (b) bl-iżvilupp u t-tisħiħ tal-għarfien espert tematiku f’oqsma speċjalizzati bħall-analiżi tar-riskju u t-tfassil ta’ profili, l-analiżi kriminali, l-introduzzjoni ta’ mezzi tekniċi, teknoloġiji u proċeduri ġodda u aġġornamenti tagħhom.

3.1.4.2. Programm ta’ assistenza b’rabta mat-tagħmir fil-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-traffikar illeċitu ta’ WAE għas-Servizz tal-Gwardja tal-Fruntiera tal-Istat skont il-ħtiġijiet identifikati fil-valutazzjoni tal-ħtiġijiet

Din l-attività ser tinkludi:

— il-forniment ta’ ammont limitat ta’ tagħmir fiss u mobbli, kif ukoll tipi oħra ta’ mezzi tekniċi u teknoloġiji b’appoġġ għall-ittestjar, l-evalwazzjoni u l-introduzzjoni ta’ soluzzjonijiet teknoloġiċi u proċedurali ġodda fid-detezzjoni ta’ traffikar illeċitu ta’ WAE. It-tagħmir ser jiġi pprovdut lil strutturi organizzattivi magħżula fi ħdan is-Servizz tal-Gwardja tal-Fruntiera tal-Istat, jiġifieri unitajiet ta’ kontroll fuq il-fruntiera (iffukati fuq it-Tramuntana u l-Majjistral tal-Ukrajna), strutturi ta’ kmand u istituzzjonijiet edukattivi. Barra minn hekk, l-attività hija integrata fi programm ta’ taħriġ komprensiv, jiġifieri toħloq inizjattiva usa’ ta’ taħriġ u tagħmir għas-Servizz tal-Gwardja tal-Fruntiera tal-Istat. It-tagħmir ipprovdut ser ikun skont il-ħtiġijiet identifikati fil-valutazzjoni tal-ħtiġijiet.

3.1.4.3. Programm ta’ assistenza b’rabta mal-klieb fil-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-traffikar illeċitu ta’ WAE għas-Servizz tal-Gwardja tal-Fruntiera tal-Istat skont il-ħtiġijiet identifikati fil-valutazzjoni tal-ħtiġijiet

Din l-attività ser tinkludi:

— l-organizzazzjoni ta’ żjarat ta’ skambju għall-familjarizzazzjoni tal-persunal espert u l-edukaturi rilevanti tas-Servizz tal-Gwardja tal-Fruntiera tal-Istat ma’ esperjenzi internazzjonali u prattiki tajba fl-użu ta’ kapaċitajiet tal-klieb fil-ġlieda kontra t-traffikar illeċitu ta’ WAE, u għall-appoġġ tan-netwerking tal-esperti; u

— ir-rieżami u l-aġġornament ta’ metodoloġiji ta’ taħriġ u proċeduri operazzjonali fl-użu ta’ kapaċitajiet tal-klieb fil-ġlieda kontra t-traffikar illeċitu ta’ WAE.

3.2. Proġett 2: L-appoġġ għall-Ministeru għall-Affarijiet Interni tal-Ukrajna u l-Pulizija Nazzjonali tal-Ukrajna, li tirrapporta lill-MIA, fil-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-traffikar illeċitu ta’ armi, munizzjon u splussivi

3.2.1. Objettiv

L-objettiv tal-proġett huwa li jassisti lill-MIA u lill-NPU, li tirrapporta lill-MIA, fil-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-traffikar illeċitu ta’ WAE.

3.2.2. Deskrizzjoni

L-MIA huwa wieħed mill-awtoritajiet nazzjonali ewlenin fl-Ukrajna li mhux biss jirregola u jikkontrolla l-użu leċitu ta’ WAE, iżda li jeżegwixxi miżuri operazzjonali u ta’ koordinazzjoni fil-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-traffikar illeċitu ta’ WAE jew direttament jew inkella permezz tal-aġenziji subordinati tiegħu.

Il-proġett jindirizza diskrepanzi fil-kapaċitajiet verifikati fi ħdan l-MIA biex jipprevjeni u jiġġieled b’mod effettiv it-traffikar illeċitu ta’ WAE billi jappoġġa titjib fl-MIA fir-rigward ta’: (a) il-kapaċitajiet superviżorji tiegħu fil-kontrolli tal-manifattura legali, l-immarkar u ż-żamma ta’ rekords ta’ WAE; (b) il-kapaċitajiet operazzjonali tiegħu fil-forensika, l-analiżi, id-detezzjoni u l-investigazzjoni tat-traffikar illeċitu ta’ WAE; (c) il-mekkaniżmi leġislattivi tiegħu għar-regolamentazzjoni u l-kontroll taċ-ċirkolazzjoni legali u l-użu ta’ WAE kif ukoll sensibilizzazzjoni akbar dwar il-pussess illegali, l-użu ħażin u t-traffikar ta’ WAE; u (d) il-mekkaniżmi koordinattivi u kooperattivi tiegħu għall-appoġġ ta’ approċċi strateġiċi u operazzjonali konġunti fil-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-traffikar illeċitu ta’ WAE ma’ aġenziji nazzjonali rilevanti oħra.

3.2.3. Riżultati mistennija

Riżultat 1: Kapaċitajiet superviżorji msaħħa tal-MIA fil-kontroll tiegħu tal-manifattura, l-immarkar u ż-żamma ta’ rekords ta’ WAE li jikkorrispondu għall-ħtiġijiet identifikati fil-valutazzjoni tal-ħtiġijiet.

Indikaturi:

— Emendi u proposti għall-qafas leġislattiv nazzjonali, ir-regolamenti tal-MIA u l-proċeduri amministrattivi dwar il-kontroll tal-manifattura, l-immarkar u ż-żamma ta' rekords ta' WAE fl-Ukrajna;

— Emendi u proposti għall-qafas leġislattiv nazzjonali, ir-regolamenti tal-MIA u l-proċeduri amministrattivi għall-prevenzjoni tal-manifattura illeċita ta' armi tan-nar permezz tal-użu ta' partijiet stampati 3D, l-attivazzjoni mill-ġdid illeċita ta' armi tan-nar diżattivati, il-produzzjoni artiġjanali ta' armi tan-nar u l-konverżjoni illeċita ta' pistoli li jintużaw għall-allarm jew biex jagħtu sinjal ddisinjati għal munizzjon inbjank jew pistoli flobert;

— Sistema ta' klassifikazzjoni elettronika uniformi ta' WAE li tkun ġiet żviluppata, ittestjata u rregolata għall-introduzzjoni bil-ħsieb li tintuża b'mod regolari fi ħdan l-MIA u entitajiet governattivi interessati oħra kif ukoll li tkun ġiet integrata fir-reġistru ta' WAE tal-MIA.

Riżultat 2: Kapaċitajiet operazzjonali msaħħa tal-MIA u l-NPU fil-forensika, l-analiżi, id-detezzjoni, it-traċċar, u l-investigazzjoni tat-traffikar illeċitu ta' WAE.

Indikaturi:

— Kapaċitajiet ta' politika, operazzjonali u tekniċi mtejba b'rabta mat-traffikar illeċitu ta' WAE kif ukoll għarfien, ħiliet u attitudnijiet msaħħa tal-persunal tal-MIA b'rabta ma' ħidma forensika, inkluż it-traċċar ta' armi tan-nar sekwestrati, u applikati fil-proċessi ta' ħidma regolari;

— Kapaċitajiet ta' politika, operazzjonali u tekniċi mtejba tal-NPU b'rabta mal-ġlieda kontra t-traffikar illeċitu ta' WAE u d-detezzjoni tiegħu, inkluż apparat esploživ improvviżat u materjali esplożivi illeċiti, kif ukoll għarfien, ħiliet u attitudnijiet msaħħa tal-persunal tal-NPU, u applikati fil-proċessi ta' ħidma regolari.

Riżultat 3: Kapaċitajiet imsaħħa tal-MIA għat-titjib tal-mekkaniżmi leġislattivi għar-regolamentazzjoni u l-kontroll taċ-ċirkolazzjoni u l-użu ta' WAE kif ukoll sensibilizzazzjoni akbar tal-pubbliku dwar ir-riskji relatati mal-pussess illegali, l-użu ħażin u t-traffikar ta' WAE skont il-ħtiġijiet identifikati fil-valutazzjoni tal-ħtiġijiet.

Indikaturi:

— Fehim ċar tal-perċezzjonijiet, il-ħtiġijiet u il-fehmiet fi ħdan is-soċjetà Ukrena u gruppi ffukati fuq ir-regolamentazzjoni u l-kontroll taċ-ċirkolazzjoni u l-użu tal-armi tan-nar u kwistjonijiet oħra ta' WAE;

— Sensibilizzazzjoni msaħħa taċ-ċittadini Ukreni dwar ir-riskji li jirriżultaw mill-pussess illegali, l-użu ħażin u t-traffikar ta' WAE permezz tat-twettiq ta' kampanji ta' sensibilizzazzjoni tal-pubbliku;

— Valutazzjoni komprensiva u analiżi tad-diskrepanzi tal-qafas leġislattiv nazzjonali dwar ir-regolamentazzjoni u l-kontroll taċ-ċirkolazzjoni u l-użu ta' WAE;

— Emendi u proposti għall-qafas leġislattiv nazzjonali dwar ir-regolamentazzjoni u l-kontroll taċ-ċirkolazzjoni u l-użu ta' WAE.

Riżultat 4: Koordinazzjoni u kooperazzjoni msaħħa bejn l-aġenziji li tirriżulta fl-iżvilupp ta' approċċ strateġiku, il-ġbir ta' data u l-analiżi tal-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-traffikar illeċitu ta' WAE fl-Ukrajna skont il-ħtiġijiet identifikati fil-valutazzjoni tal-ħtiġijiet.

Indikaturi:

— Implimentazzjoni effettiva ta' mekkaniżmi ta' koordinazzjoni u kooperazzjoni li jikkontribwixxu għall-ippjanar, l-iżvilupp, l-implimentazzjoni (inkluż monitoraġġ u kontroll) u l-evalwazzjoni armonizzati ta' approċċ strateġiku konġunt;

— Introduzzjoni u użu effettivi ta' indikaturi statistiċi armonizzati madwar il-pajjiż kollu dwar it-traffikar illeċitu ta' WAE fl-Ukrajna;

— Rakkomandazzjonijiet bil-ħsieb ta' titjib tal-koordinazzjoni u l-kooperazzjoni bejn l-aġenziji fdat lil korp nazzjonali ta' koordinazzjoni fil-qasam tal-kontroll tas-SALW żviluppati permezz ta' dan il-proġett;

— Kapaċitajiet analitiċi mtejba u analiżi istituzzjonalizzata ta' data dwar armi tan-nar illeċiti.

3.2.4. Attivitajiet

3.2.4.1. Promozzjoni u trasferiment ta' standards internazzjonali u Ewropej u prattiki tajba għall-kontroll tal-manifattura, l-immarkar u ż-żamma ta' rekords ta' WAE fl-Ukrajna, inkluż dwar il-prevenzjoni tal-manifattura illeċita ta' WAE inkluż permezz tal-attivazzjoni mill-ġdid, il-konverżjoni jew metodi illeċiti oħra.

Din l-attività ser tinkludi:

— l-għoti ta' sessjoni ta' taħriġ speċjalizzat mfassla apposta għal dawk li jfasslu l-politika u l-esperti ewlenin tal-MIA, inkluż id-Dipartiment tal-Ħruġ ta' Liċenzji, iċ-ċentru xjentifiku u ta' riċerka tal-kriminalità u l-kriminoloġija, il-Pulizija Nazzjonali u aġenziji oħra tal-infurzar tal-liġi; u

— studju tal-fattibbiltà tal-immarkar ta' armi tan-nar li huma proprjetà tal-aġenziji tal-infurzar tal-liġi tal-Ukrajna u taċ-ċivili li jiffoka fuq l-immarkar ta' wara l-produzzjoni u tal-importazzjoni.

3.2.4.2. Żvilupp u introduzzjoni tas-sistema ta' klassifikazzjoni elettronika uniformi ta' WAE u l-integrazzjoni tagħha fir-reġistru ta' WAE

Din l-attività ser tinkludi:

— l-iżvilupp u l-ittestjar tas-sistema ta' klassifikazzjoni elettronika uniformi ta' WAE; u

— appoġġ tekniku għall-introduzzjoni tas-sistema ta' klassifikazzjoni elettronika uniformi ta' WAE fir-reġistru ta' WAE tal-MIA u għat-taħriġ dwaru (sa 25 avveniment ta' taħriġ).

3.2.4.3. Promozzjoni ta' prattiki tajba u trasferiment ta' għarfien fil-qasam tal-forensika u l-investigazzjonijiet ta' traffikar illeċitu ta' WAE

Din l-attività ser tinkludi:

— l-għoti ta' żewġ sessjonijiet ta' taħriġ speċjalizzat imfassla apposta għall-esperti ewlenin tal-MIA, inkluż iċ-ċentru xjentifiku u ta' riċerka tal-kriminalità u l-kriminoloġija u l-Pulizija Nazzjonali u aġenziji oħra tal-infurzar tal-liġi bħas-servizz statali tad-dwana u l-uffiċċju tal-prosekutur ġenerali. Il-lista indikattiva tas-sessjonijiet ta' taħriġ ser tinkludi: ir-rekwiżiti u t-tekniki tal-immarkar tal-importazzjoni tal-armi tan-nar; il-protezzjoni tal-post tad-delitt (l-ewwel intervent tal-pulizija); l-ispezzjoni tal-post tad-delitt u l-protezzjoni, l-imballaġġ u l-ispezzjoni tal-evidenza (persunal tekniku tal-kriminalità); l-appoġġ għat-traċċar domestiku u internazzjonali (persunal tekniku tal-laboratorju); u l-iżvilupp, il-fehim u d-disseminazzjoni ta' intelligence ballistika relatata mal-kriminalità tal-armi tan-nar.

3.2.4.4. Promozzjoni ta' prattiki tajba, trasferiment ta' għarfien u programm ta' assistenza b'rabta ma' tagħmir fil-ġlieda kontra t-traffikar illeċitu ta' WAE u fid-detezzjoni tiegħu għall-NPU

Din l-attività ser tinkludi:

— l-għoti ta' sessjoni ta' taħriġ speċjalizzat imfassla apposta għall-esperti ewlenin tal-Pulizija Nazzjonali u ta' aġenziji oħra tal-infurzar tal-liġi bħas-Servizz tal-Gwardja tal-Fruntiera tal-Istat u s-Servizz Fiskali Statali/Servizz Doganali Statali tal-Ukrajna kif ukoll il-konnessjoni man-netwerk Ewropew tal-armi tan-nar tal-EMPACT li jiġbor l-uffiċjali nazzjonali tal-infurzar tal-liġi; u

— l-akkwist ta' ammont limitat ta' tagħmir tekniku għall-Unitajiet Investigattivi Kriminali tal-Pulizija Nazzjonali tal-Ukrajna b'appoġġ għal metodoloġiji u soluzzjonijiet teknoloġiċi ġodda dwar il-ġlieda kontra t-traffikar illeċitu ta' WAE u d-detezzjoni tiegħu.

3.2.4.5. Stħarriġ tal-opinjoni pubblika madwar il-pajjiż kollu, studju tal-attitudnijiet u kampanji ta' sensibilizzazzjoni u ta' komunikazzjoni dwar ir-riskji relatati mal-pussess illegali, l-użu ħażin u t-traffikar ta' WAE.

Din l-attività ser tinkludi:

— it-twettiq ta' riċerka u l-analiżi tal-opinjoni pubblika dwar il-pussess illegali, l-użu ħażin u t-traffikar ta' WAE;

— studju fil-fond tal-attitudnijiet b'diskussjonijiet ffukati fi gruppi dwar il-pussess illegali, l-użu ħażin u t-traffikar ta' WAE; u

— kampanji ta' sensibilizzazzjoni u ta' komunikazzjoni dwar regolamenti legali u riskji relatati mal-pussess illegali, l-użu ħażin u t-traffikar ta' WAE u analiżi tal-impatt.

3.2.4.6. Promozzjoni tat-titjib ta' mekkaniżmi leġislattivi għar-regolamentazzjoni u l-kontroll taċ-ċirkolazzjoni u l-użu ta' WAE u l-implimentazzjoni tagħhom

Din l-attività ser tinkludi:

— valutazzjoni komprensiva u analiżi tal-lakuni tal-leġislazzjoni u r-regolamenti attwali dwar il-ġestjoni u l-kontroll taċ-ċirkolazzjoni u l-użu ta' WAE, inkluż ftehimiet u leġislazzjonijiet internazzjonali, appoġġ għat-traduzzjoni, u evalwazzjoni tal-implimentazzjoni prattika tagħhom; u

— l-għoti ta' assistenza esperta dwar it-tfassil tal-leġislazzjoni u l-abbozzar għar-regolamentazzjoni u l-kontroll taċ-ċirkolazzjoni u l-użu ta' WAE, inkluż kunsiderazzjoni tal-armonizzazzjoni tal-leġislazzjoni u ta' kwistjonijiet regolatorji mar-regolamenti u l-istandards internazzjonali ta' rilevanza għall-Ukrajna.

3.2.4.7. Promozzjoni tal-iżvilupp ta' approċċ strateġiku fil-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-traffikar illeċitu ta' WAE fl-Ukrajna

Din l-attività ser tinkludi:

— is-sensibilizzazzjoni, l-għoti ta' pariri u appoġġ espert għall-istabbiliment ta' NCB permanenti bejn l-aġenziji fil-qasam tal-kontroll tas-SALW magħmul mill-awtoritajiet nazzjonali rilevanti b'mandat fl-Ukrajna (6 laqgħat formali); il-korp ta' koordinazzjoni nazzjonali ser jiġi żviluppat permezz ta' dan il-proġett u ser ikun ippresedut mill-MIA; u

— l-immappjar u ż-żamma ta' reġistru tal-inizjattivi kollha relatati mas-SALW fl-Ukrajna inkluż dwar ir-riżorsi tal-komunità ta' donaturi.

3.2.4.8. Il-promozzjoni tal-iżvilupp ta' sistema ta' ġbir, analiżi u disseminazzjoni ta' data bejn l-aġenziji dwar is-sjieda illeċita, l-użu ħażin u t-traffikar illeċitu ta' WAE

Din l-attività ser tinkludi:

— il-promozzjoni ta' metodoloġija komuni għall-kumpilazzjoni, l-immappjar, it-tqabbil u l-użu ta' statistika uffiċjali, indikaturi tal-prestazzjoni komparabbli konġunti u trasversali, u format konġunt meħtieġ għall-kondiviżjoni ta' informazzjoni awtomatizzata dwar is-sjieda illeċita, l-użu ħażin u t-traffikar illeċitu ta' WAE; u

— l-għoti ta' żewġ sessjonijiet ta' taħriġ dwar il-ġbir u l-analiżi ta' data, inkluż il-valutazzjoni tar-riskju u tat-theddid;

— l-għoti ta' assistenza għall-elaborazzjoni ta' rapport analitiku dwar metodi u rotot ta' traffikar aggregati mid-data miġbura fost l-aġenziji Ukreni;

— il-promozzjoni tal-ġbir ta' data diżaggregata u l-kondiviżjoni ta' data bejn l-aġenziji fost l-awtoritajiet nazzjonali rilevanti b'mandat.

3.3. Proġett 3: Appoġġ lis-Servizz Fiskali Statali/Servizz Doganali Statali tal-Ukrajna fil-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-traffikar illeċitu ta' WAE

3.3.1. Objettiv

L-objettiv tal-proġett huwa li jassisti lis-SFS/SCS sabiex tissaħħaħ il-kapaċità tagħhom fil-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-traffikar illeċitu ta' WAE.

3.3.2. Deskrizzjoni

Is-SFS/SCS għandhom mandat biex jipprevjenu u jiġġieldu l-kuntrabandu u biex jiġġieldu kontra l-ksur ta' regolamenti doganali fil-punti ta' passaġġ mill-fruntiera statali tal-Ukrajna, fit-territorji tal-portijiet tal-baħar u tax-xmajjar, fl-ajruporti, fl-istazzjonijiet ferrovjarji u f'postijiet oħra determinati mill-Kodiċi Doganali tal-Ukrajna. Dan jinkludi miżuri għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-traffikar illeċitu ta' WAE.

Il-proġett ser ikollu l-għan li jindirizza diskrepanzi fil-kapaċitajiet verifikati fi ħdan is-SFS: (a) fit-taħriġ u fil-kapaċitajiet tekniċi u operazzjonali fil-ġlieda kontra t-traffikar illeċitu ta' armi, munizzjon u splussivi, u (b) fit-trasferiment ta' prattiki tajba internazzjonali u f'skambji ta' informazzjoni b'mod partikolari fir-rigward tal-Istati Membri tal-UE, is-sħab tal-Balkani tal-Punent u l-istati ġirien.

### 3.3.3. Riżultati mistennija

Riżultat 1: Kapaċitajiet imsaħħa tas-SFS/SCS fil-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-traffikar illeċitu ta' WAE

Indikaturi:

— Aktar kompetenzi tal-persunal benefiċjarju tal-proġett fl-istituzzjonijiet edukattivi u ta' taħriġ rilevanti, fl-unitajiet ta' analitika u ta' investigazzjoni, u fl-unitajiet operazzjonali b'appoġġ għall-ġlieda kontra t-traffikar illeċitu ta' WAE, u applikati fil-proċessi ta' ħidma regolari;

— Aktar kapaċitajiet organizzattivi u tekniċi tal-benefiċjarji tal-proġett fl-istituzzjonijiet edukattivi u ta' taħriġ rilevanti, fl-unitajiet ta' analitika u ta' investigazzjoni, u fl-unitajiet operazzjonali b'appoġġ għall-ġlieda kontra t-traffikar illeċitu ta' WAE, u applikati fil-proċessi ta' ħidma regolari;

— Miżuri ta' kooperazzjoni u netwerking ta' esperti - f'kuntesti nazzjonali, subreġjonali u internazzjonali - li jikkontribwixxu għall-interoperabbiltà tal-benefiċjarji tal-proġett mal-kontropartijiet tagħhom, u applikati fi proċessi ta' ħidma regolari tal-unitajiet u l-istituzzjonijiet rilevanti tal-benefiċjarju tal-proġett;

— sejbiet dokumentati ta' evalwazzjonijiet u approċċi għall-ġestjoni tal-kwalità huma kondiviżi u applikati fil-prattika u kkunsidrati għal skopijiet ta' tisħiħ tal-kapaċitajiet minn partijiet ikkonċernati tal-proġett (benefiċjarji tal-proġett - primarji u sekondarji, il-komunità tad-donaturi u l-OSKE).

### 3.3.4. Attivitajiet

#### 3.3.4.1. Programm ta' Taħriġ Komprensiv fil-ġlieda kontra t-traffikar illeċitu ta' WAE għas-SFS/SCS li jikkorrispondi għall-ħtiġijiet identifikati fil-valutazzjoni tal-ħtiġijiet.

Din l-attività ser tinkludi:

— programm ta' taħriġ komprensiv fil-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-traffikar illeċitu ta' WAE li ser isegwi approċċ fuq żewġ livelli: (a) bl-iżvilupp u t-tisħiħ tal-għarfien, il-ħiliet u l-attitudnijiet meħtieġa tal-istrutturi u l-edukaturi, jiġifieri approċċ ta' ħarreġ lil min iħarreġ; u (b) bl-iżvilupp u t-tisħiħ tal-għarfien espert tematiku f'oqsma speċjalizzati bħall-ksur tal-leġislazzjoni doganali, it-timijiet tal-klieb tas-servizz, it-taħriġ dwar mezzi tekniċi, teknoloġiji u proċeduri ġodda u aġġornati.

#### 3.3.4.2. Programm ta' assistenza b'rabta ma' tagħmir fil-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-traffikar ta' WAE għas-Servizz Fiskali Statali/Servizz Doganali Statali li jikkorrispondi għall-ħtiġijiet identifikati fil-valutazzjoni tal-ħtiġijiet

Din l-attività ser tinkludi:

— il-forniment ta' ammont limitat ta' tagħmir fiss u mobbli, kif ukoll tipi oħra ta' mezzi tekniċi u teknoloġiji b'appoġġ għall-ittestjar, l-evalwazzjoni u l-introduzzjoni ta' soluzzjonijiet teknoloġiċi u proċedurali ġodda fid-detezzjoni ta' traffikar illeċitu ta' WAE. It-tagħmir ser jiġi pprovdut lil strutturi organizzattivi magħżula fi ħdan l-apparat ewlieni tas-SFS/SCS, l-awtoritajiet territorjali (iffukati fuq it-Tramuntana, il-Majjistral u l-Punent tal-Ukrajna) u d-dipartimenti speċjalizzati. Barra minn hekk, l-attività hija integrata b'mod aktar fluwidu f'programm ta' taħriġ komprensiv, jiġifieri toħloq inizjattiva usa' ta' taħriġ u tagħmir għas-SFS/SCS; u

— appoġġ tekniku għall-implimentazzjoni, l-aġġustament u l-integrazzjoni tal-programm ta' taħriġ f'kurrikuli ta' taħriġ regolari.

#### 3.3.4.3. Programm ta' assistenza tal-klieb fil-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-traffikar ta' WAE għas-SFS/SCS

Din l-attività ser tinkludi:

— l-organizzazzjoni ta' żjarat ta' skambju għall-familjarizzazzjoni tal-persunal espert u l-edukaturi rilevanti tas-SFS/SCS ma' esperjenzi internazzjonali u prattiki tajba fl-użu ta' kapaċitajiet tal-klieb fil-ġlieda kontra t-traffikar illeċitu ta' WAE, u għall-appoġġ tan-netwerking tal-esperti;

— ir-rieżami u l-aġġornament ta' metodoloġiji ta' taħriġ u proċeduri operazzjonali fl-użu ta' kapaċitajiet tal-klieb fil-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-traffikar illeċitu ta' WAE;

— appoġġ tekniku għat-taħriġ u soluzzjonijiet mobbli għall-appoġġ ta' operazzjonijiet tal-klieb fil-ġlieda kontra t-traffikar illeċitu ta' WAE.

## 4. Ġestjoni ta' proġetti u appoġġ amministrattiv għall-implimentazzjoni tal-azzjoni

Il-persunal dedikat tal-proġett fis-Segretarjat tal-OSKE u fl-uffiċċju tal-Koordinatur tal-Proġetti tal-OSKE fl-Ukrajna ser jikkoordina u jimmaniġġja l-implimentazzjoni tal-azzjoni u l-attivitajiet tal-proġetti relatati tagħha kif stabbilit fit-Taqsima 3. Il-persunal dedikat tal-proġett - organizzat f'timijiet ta' ġestjoni u implimentazzjoni tal-proġetti - ser ikompli jappoġġa l-iżvilupp tal-qafas kollaborattiv bejn is-sħab Ukreni kif ukoll il-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni mal-komunità internazzjonali.

Il-persunal dedikat tal-proġett ser iwettaq il-kompiti li ġejjin:

— il-ġestjoni ta' proġetti tul il-passi kollha taċ-ċiklu tal-proġett;

— it-twettiq ta' sorveljanza finanzjarja ta' kuljum tal-proġetti;

— l-għoti ta' għarfien espert tekniku u legali, l-appoġġ għall-akkwisti ta' proġetti;

— l-involviment ta' organizzazzjonijiet u programmi internazzjonali oħra u l-koordinazzjoni magħhom;

— it-twettiq ta' garanzija tal-kwalità u ta' kontroll tal-kwalità tar-riżultati tanġibbli tal-proġetti approvati;

— l-appoġġ lill-awtoritajiet Ukreni fl-iżvilupp ta' miżuri nazzjonali ġodda biex jissaħħu l-kapaċitajiet u l-isforzi kollettivi fil-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-traffikar illeċitu ta' WAE.

## 5. Ġeneru

Sabiex tiżdied l-effettività tal-politiki dwar il-kontroll ta' WAE u biex jiġi żgurat li l-implimentazzjoni tagħhom ittejjeb is-sigurtà kemm għan-nisa kif ukoll għall-irġiel, il-perspettiva ta' ugwaljanza bejn is-sessi ser tiġi integrata fl-azzjonijiet appoġġati minn din id-deċiżjoni u ser tiġi indirizzata permezz ta' pariri u għarfien espert tekniċi, l-iżvilupp ta' prodotti ta' għarfien u t-taħriġ.

## 6. Benefiċjarji

Il-benefiċjarji diretti tal-azzjoni ser ikunu l-awtoritajiet nazzjonali tal-Ukrajna responsabbli għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-traffikar illeċitu ta' WAE. L-awtoritajiet nazzjonali immirati primarjament huma: l-MIA, inkluż is-servizzi esperti u tal-ħruġ ta' liċenzji tiegħu, l-NPU, is-SBGS u s-SFS/SCS. Awtoritajiet nazzjonali oħra b'mandat - bħas-Servizz tas-Sigurtà tal-Ukrajna - ser ikunu involuti fuq bażi ta' każ b'każ.

Il-benefiċjarji indiretti tal-azzjoni ser ikunu l-popolazzjonijiet fl-Ukrajna u fil-viċinat Ewropew tagħha li huma f'riskju minħabba l-użu ta' WAE illeċitu f'attivitajiet kriminali, it-terroriżmu u l-użu ħażin vjolenti.

L-UE u l-Istati Membri tagħha ser ikunu wkoll benefiċjarji indiretti tal-proġett peress li ser jibbenefikaw mill-feedback tal-awtoritajiet Ukreni dwar ir-rotot ta' traffikar identifikati ta' armi illeċiti.

## 7. Viżibbiltà tal-Unjoni

L-OSKE għandha tieħu l-miżuri adatti kollha biex tirreklama l-fatt li l-azzjoni tkun ġiet iffinanzjata mill-Unjoni. Tali miżuri ser jitwettqu f'konformità mal-Manwal tal-Kummissjoni ta' Komunikazzjoni u Viżibbiltà għall-Azzjonijiet Esterni tal-Unjoni Ewropea. B'dan il-mod, l-OSKE ser tiżgura l-viżibbiltà tal-kontribut tal-Unjoni permezz ta' branding u pubbliċità adatti, li jenfasizzaw ir-rwol tal-Unjoni, jiżguraw it-trasparenza tal-azzjonijiet tagħha u s-sensibilizzazzjoni tar-raġunijiet għad-Deċiżjoni kif ukoll l-appoġġ tal-Unjoni għad-Deċiżjoni u r-riżultati ta' dan l-appoġġ. Il-materjal prodott bil-proġett ser juri b'mod prominenti l-bandiera tal-Unjoni Ewropea f'konformità mal-linji gwida tal-Unjoni għall-użu u r-riproduzzjoni preċiżi tal-bandiera.

Minħabba li l-attivitajiet ippjanati jvarjaw ħafna fl-ambitu u l-karattru, ser tintuża firxa ta' għodod promozzjonali, inkluż: media tradizzjonali; siti web; media soċjali; u materjal informattiv u promozzjonali inkluż infografiċi, fuljetti, bullettini, stqarrijiet għall-istampa u oħrajn kif adattat. Pubblikazzjonijiet, avvenimenti pubbliċi, kampanji, tagħmir u xogħlijiet ta' kostruzzjoni akkwistati taħt il-proġett ser jiġu mmarkati kif xieraq. Biex jiġi amplifikat aktar l-impatt permezz tas-sensibilizzazzjoni fost diversi gvernijiet nazzjonali u l-pubbliku, il-komunità internazzjonali u l-media lokali u internazzjonali, kull wieħed mill-gruppi fil-mira tal-proġett ser jiġi indirizzat permezz tal-lingwa adatta.

## 8. Tul ta' żmien

Abbażi tal-esperjenza fl-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni (PESK) 2017/1424, u b'kont meħud tal-ambitu wiesa' tal-azzjoni, l-għadd ta' benefiċjarji u l-għadd u l-kumplessità tal-attivitajiet ippjanati, il-perijodu ta' żmien għall-implimentazzjoni huwa 36 xahar.

## 9. Entità tal-implimentazzjoni teknika

L-implimentazzjoni teknika ta' din id-Deċiżjoni ser tiġi fdata lis-Segretarjat tal-OSKE/iċ-Ċentru għall-Prevenzjoni ta' Kunflitti (CPC) u l-PCU tal-OSKE. L-OSKE ser timplimenta l-attivitajiet taħt din id-Deċiżjoni f'koordinazzjoni u kooperazzjoni ma' organizzazzjonijiet u aġenziji internazzjonali oħra, b'mod partikolari bil-ħsieb li jiġu żgurati sinerġiji effettivi u li tiġi evitata d-duplikazzjoni tal-attivitajiet.

10. Kumitat ta' Tmexxija

Il-Kumitat ta' Tmexxija għal dan il-proġett ser ikun magħmul minn rappreżentanti tar-Rappreżentant Għoli, mid-Delegazzjoni tal-UE f'Kiev u mill-entità ta' implimentazzjoni msemmija fil-paragrafu 6 ta' dan l-Anness. L-entità ta' implimentazzjoni, megħjuna mill-Kumitat ta' Tmexxija, ser tiżgura li l-implimentazzjoni tal-proġett isseħħ f'koordinazzjoni mal-assistenza relatata l-oħra tal-UE lill-Ukrajna, bħall-Istrateġija għal Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri (appoġġata mill-Istrument Ewropew ta' Viċinat tal-Kummissjoni), il-kooperazzjoni reġjonali mal-Balkani tal-Punent fil-qasam tal-kontroll tas-SALW implimentat mill-UNDP/SEESAC (appoġġata bid-Deċiżjonijiet tal-Kunsill (PESK) 2018/1788 ([1]) u (PESK) 2016/2356 ([2])), il-kooperazzjoni bejn l-UE u l-Ukrajna b'rabta mal-infurzar tal-liġi fil-qasam tat-traffikar tal-armi tan-nar (appoġġata mid-DG HOME tal-Kummissjoni, il-Europol u EMPACT-Armi tan-nar), il-ħidma ta' Conflict Armament Research fl-Ukrajna (appoġġata mid-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2017/2283 ([3])), il-missjonijiet ta' Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni tal-UE EUAM Ukraine u EUBAM Moldova-Ukraine u l-attivitajiet ta' appoġġ tagħhom għall-kontroll tal-fruntieri, u l-ħidma tal-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Migrazzjoni (IOM) dwar id-Diżarm, id-Demobilizzazzjoni u r-Reintegrazzjoni tal-ex-ġellieda (appoġġata mill-Istrument tal-Kummissjoni għall-Istabbiltà u l-Paċi). Il-Kumitat ta' Tmexxija ser jistieden fuq bażi regolari rappreżentanti tas-sħab governattivi tal-Ukrajna. Il-Kumitat ta' Tmexxija jista' jistieden ukoll rappreżentanti ta' entitajiet involuti fi proġetti fl-Ukrajna li għandhom objettiv simili jew relatat. Il-Kumitat ta' Tmexxija ser jirrieżamina l-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni regolarment, mill-anqas darba kull sitt xhur, inkluż bl-użu ta' mezzi elettroniċi ta' komunikazzjoni.

11. Rapportar

Ir-rapportar, kemm narrattiv kif ukoll finanzjarju, għandu jkopri l-azzjoni kollha deskritta fil-ftehim speċifiku għall-kontribut rilevanti u l-baġit mehmuż tiegħu, irrispettivament minn jekk din l-azzjoni hijiex kompletament iffinanzjata jew kofinanzjata mid-Deċiżjoni tal-Kunsill.

---

([1]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2018/1788 tad-19 ta' Novembru 2018 b'appoġġ għaċ-Ċentru tax-Xlokk u tal-Lvant tal-Ewropa għall-kontroll tal-Armi Ħfief u ta' Kalibru Żgħir (SEESAC) għall-implimentazzjoni tal-Pjan Direzzjonali Reġjonali għall-ġlieda kontra t-traffikar illeċitu ta' armi fil-Balkani tal-Punent (ĠU L 293, 20.11.2018, p. 11).

([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/2356 tad-19 ta' Diċembru 2016 b'appoġġ għall-attivitajiet tas-SEESAC rigward id-diżarm u l-kontroll tal-armi fix-Xlokk tal-Ewropa fil-qafas tal-Istrateġija tal-UE għall-ġlieda kontra l-akkumulazzjoni u t-traffikar illeċiti ta' SALW u l-munizzjon tagħhom (ĠU L 348, 21.12.2016, p. 60).

([3]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2017/2283 tal-11 ta' Diċembru 2017 b'appoġġ għal mekkaniżmu globali ta' rappurtar dwar armi ħfief u ta' kalibru żgħir illeċiti u armi konvenzjonali oħrajn u munizzjoni illeċiti biex jitnaqqas ir-riskju tal-kummerċ illeċitu tagħhom ("iTrace III") (ĠU L 328, 12.12.2017, p. 20).

## DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2019/2010

**tat-12 ta' Novembru 2019**

**li tistabbilixxi l-konklużjonijiet dwar l-aħjar metodi tekniċi disponibbli (il-BAT) skont id-Direttiva 2010/75/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-emissjonijiet industrijali, għall-inċinerazzjoni tal-iskart**

*(notifikata bid-dokument C(2019) 7987)*

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2010/75/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 dwar l-emissjonijiet industrijali (il-prevenzjoni u l-kontroll integrati tat-tniġġis) ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 13(5) tagħha,

Billi:

(1) Il-konklużjonijiet dwar l-aħjar metodi tekniċi disponibbli (il-BAT) huma l-punt ta' referenza biex jiġu stabbiliti l-kundizzjonijiet għall-permessi għall-installazzjonijiet koperti mill-Kapitolu II tad-Direttiva 2010/75/UE, u jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jiffissaw valuri ta' limitu li jiżguraw li f'kundizzjonijiet normali tat-tħaddim l-emissjonijiet ma jaqbżux il-livelli tal-emissjonijiet assoċjati mal-aħjar metodi tekniċi disponibbli kif inhuma stabbiliti fil-konklużjonijiet dwar il-BAT.

(2) Il-forum magħmul mir-rappreżentanti tal-Istati Membri, tal-industriji kkonċernati u tal-organizzazzjonijiet mhux governattivi li jippromwovu l-ħarsien tal-ambjent, stabbilit bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tas-16 ta' Mejju 2011 ([2]), ta l-opinjoni tiegħu dwar il-kontenut propost tad-dokument ta' referenza tal-BAT dwar l-inċinerazzjoni tal-iskart lill-Kummissjoni fis-27 ta' Frar 2019. Dik l-opinjoni hija disponibbli għall-pubbliku.

(3) Il-konklużjonijiet dwar il-BAT stabbiliti fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni huma l-element ewlieni ta' dak id-dokument ta' referenza għall-BAT.

(4) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 75(1) tad-Direttiva 2010/75/UE,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Huma adottati l-konklużjonijiet dwar l-aħjar metodi tekniċi disponibbli (il-BAT) għall-inċinerazzjoni tal-iskart kif stabbiliti fl-Anness.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, it-12 ta' Novembru 2019.

*Għall-Kummissjoni*
Karmenu VELLA
*Membru tal-Kummissjoni*

---

([1]) ĠU L 334, 17.12.2010, p. 17.

([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tas-16 ta' Mejju 2011 li tistabbilixxi forum għall-iskambju tal-informazzjoni skont l-Artikolu 13 tad-Direttiva 2010/75/UE dwar l-emissjonijiet industrijali (ĠU C 146, 17.5.2011, p. 3).

*ANNESS*

**IL-KONKLUŻJONIJIET TAL-AQWA TEKNIKI DISPONIBBLI (BAT) GĦALL-INĊINERAZZJONI TAL-ISKART**

KAMP TA' APPLIKAZZJONI

Dawn il-konklużjonijiet tal-BAT jikkonċernaw l-attivitajiet segwenti speċifikati fl-Anness I tad-Direttiva 2010/75/UE:

5.2. Ir-rimi jew l-irkupru tal-iskart fl-impjanti tal-inċinerazzjoni tal-iskart:

(a) għall-iskart mhux perikoluż b'kapaċità li taqbeż it-3 tunnellati metriċi fis-siegħa;

(b) għall-iskart perikoluż b'kapaċità li taqbeż l-10 tunnellati metriċi kull jum.

5.2. Ir-rimi jew l-irkupru tal-iskart fl-impjanti tal-koinċinerazzjoni tal-iskart:

(a) għall-iskart mhux perikoluż b'kapaċità li taqbeż it-3 tunnellati metriċi fis-siegħa;

(b) għall-iskart perikoluż b'kapaċità li taqbeż l-10 tunnellati metriċi kull jum;

li l-iskop ewlieni tagħhom mhuwiex il-produzzjoni ta' prodotti materjali u fejn tal-anqas hi ssodisfata waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin:

— jinħaraq biss l-iskart li mhuwiex dak iddefinit fl-Artikolu 3(31)(b) tad-Direttiva 2010/75/UE;

— aktar minn 40 % tar-rilaxx tas-sħana li jirriżulta jiġi minn skart perikoluż;

— jinħaraq skart muniċipali mħallat.

5.3. (a) Rimi ta' skart mhux perikoluż b'kapaċità li taqbeż il-50 tunnellata metrika kull jum li jinvolvi t-trattament tal-gagazza u/jew ta' rmied tal-qiegħ mill-inċinerazzjoni tal-iskart.

5.3. (b) Irkupru, jew taħlita ta' rkupru u ta' rimi, ta' skart mhux perikoluż b'kapaċità li teċċedi l-75 tunnellata kull jum li jinvolvi t-trattament tal-gagazza u/jew tal-irmied tal-qiegħ mill-inċinerazzjoni tal-iskart.

5.1. Rimi jew irkupru tal-iskart perikoluż b'kapaċità li taqbeż l-10 tunnellati metriċi kull jum li jinvolvi t-trattament tal-gagazza u/jew tal-rmied tal-qiegħ mill-inċinerazzjoni tal-iskart.

Dawn il-konklużjonijiet tal-BAT ma jindirizzawx dawn li ġejjin:

— Il-pretrattament tal-iskart qabel l-inċinerazzjoni. Dan jista' jkun kopert mill-konklużjonijiet tal-BAT għat-Trattament tal-Iskart (WT).

— It-trattament tal-irmied li jtir mill-inċinerazzjoni u ta' residwi oħra li jirriżultaw mit-tisfija mill-impuritajiet tal-gassijiet mit-tromba taċ-ċumnija (FGC). Dan jista' jkun kopert mill-konklużjonijiet tal-BAT għat-Trattament tal-Iskart (WT).

— L-inċinerazzjoni jew il-koinċinerazzjoni ta' skart gassuż b'mod esklużiv, għajr dak li jirriżulta mit-trattament termali tal-iskart.

— It-trattament tal-iskart f'impjanti koperti mill-Artikolu 42(2) tad-Direttiva 2010/75/UE.

Konklużjonijiet u dokumenti ta' referenza oħra tal-BAT li jistgħu jkunu rilevanti għall-attivitajiet koperti minn dawn il-konklużjonijiet tal-BAT huma dawn li ġejjin:

— L-Ekonomija u l-Efetti Transmedjali (ECM);

— It-Trattament tal-Iskart (WT);

— L-Emissjonijiet li Ġejjin mill-Ħażna (EFS);

— L-Effiċjenza Enerġetika (ENE);

— Is-Sistemi Industrijali tat-Tkessiħ (ICS);

— Il-Monitoraġġ tal-Emissjonijiet fl-Arja u fl-Ilma mill-Installazzjonijiet IED (ROM);

— L-Impjanti l-Kbar tal-Kombustjoni (LCP);

— Is-Sistemi Komuni tagħat-Trattament/għall-Ġestjoni tal-Ilma Mormi u tal-Gass ta' Skart fis-Settur tal-Kimika (CWW).

DEFINIZZJONIJIET

Għall-finijiet ta' dawn il-konklużjonijiet tal-BAT, japplikaw id-definizzjonijiet ġenerali li ġejjin:

| Terminu | Definizzjoni |
|---|---|
| Termini ġenerali | |
| L-effiċjenza tal-bojlers | Il-proporzjon bejn l-enerġija prodotta fil-bokka tal-bojlers (eż. fwar, ilma jaħraq) u l-input tal-enerġija tal-iskart u tal-fjuwil awżiljarju fil-forn (bħala valuri inferjuri tat-tisħin). |
| Impjant tat-trattament tal-irmied tal-qiegħ | Impjant li jittratta l-gagazza u/jew l-irmied tal-qiegħ li jifdal mill-inċinerazzjoni tal-iskart biex jissepara u jirkupra l-frazzjoni siewja u jippermetti li jsir l-użu ta' benefiċċju tal-frazzjoni li jifdal.<br>Dan ma jinkludix biss is-separazzjoni unika tal-partikoli l-kbar tal-metalli fl-impjant tal-inċinerazzjoni. |
| Skart kliniku | Skart infettiv jew perikoluż għal xi raġuni oħra li jkun ġej minn istituzzjonijiet tal-kura tas-saħħa (eż. sptarijiet). |
| Emissjonijiet inkanalati | L-emissjonijiet tas-sustanzi niġġiesa fl-ambjent permezz ta' kwalunkwe tip ta' kanal, pajp, ċumnija, lembut, tromba, eċċ. |
| Kejl kontinwu | Kejl li jsir bl-użu ta' sistema tal-kejl awtomatizzata installata b'mod permanenti fuq is-sit. |
| Emissjonijiet diffużi | Emissjonijiet mhux inkanalati (eż. ta' trab, komposti volatili, riħa) fl-ambjent, li jistgħu jirriżultaw minn sorsi "areali" (eż. tankers) jew sorsi "puntiformi" (eż. flanġi tal-pajpijiet). |
| Impjant eżistenti | Impjant li mhuwiex impjant ġdid. |
| Irmied li jtir | Partikuli mill-kamra tal-kombustjoni jew li jiffurmaw fil-fluss tal-gass mit-tromba ta' ċumnija li jinġarru fil-gass mit-tromba ta' ċumnija. |
| Skart perikoluż | Skart perikoluż kif iddefinit fl-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]). |
| Inċinerazzjoni tal-iskart | Il-kombustjoni ta' skart, waħdu inkella flimkien ma' fjuwils, f'impjant tal-inċinerazzjoni. |
| Impjanti tal-inċinerazzjoni | Impjant tal-inċinerazzjoni tal-iskart kif iddefinit fl-Artikolu 3(40) tad-Direttiva 2010/75/UE jew impjant tal-koinċinerazzjoni tal-iskart kif iddefinit fl-Artikolu 3(41) tad-Direttiva 2010/75/UE, kopert mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dawn il-konklużjonijiet tal-BAT. |
| Aġġornament kbir tal-impjant | Bidla kbira fid-disinn jew fit-teknoloġija ta' impjant b'aġġustamenti jew b'sostituzzjonijiet maġġuri tat-teknika/i tal-ipproċessar u/jew tat-tnaqqis u tat-tagħmir assoċjat. |
| Skart solidu muniċipali | Skart solidu mill-unitajiet domestiċi (imħallat jew miġbur b'mod separat) kif ukoll skart solidu minn sorsi oħra li hu komparabbli mal-iskart tal-unitajiet domestiċi fin-natura u fil-kompożizzjoni. |
| Impjant ġdid | Impjant li jingħata l-ewwel permess wara l-pubblikazzjoni ta' dawn il-konklużjonijiet tal-BAT jew sostituzzjoni sħiħa ta' impjant wara l-pubblikazzjoni ta' dawn il-konklużjonijiet tal-BAT. |
| Skart mhux perikoluż ieħor | Skart mhux perikoluż li la hu skart solidu muniċipali u lanqas ħama tad-dranaġġ. |
| Parti minn impjant tal-inċinerazzjoni | Għall-finijiet tad-determinazzjoni tal-effiċjenza elettrika grossa jew tal-effiċjenza tal-enerġija grossa ta' impjant tal-inċinerazzjoni, parti minnu tista' tirreferi, pereżempju, għal:<br>— linja tal-inċinerazzjoni u s-sistema ta' fwar tagħha b'mod iżolat;<br>— parti mis-sistema tal-fwar, imqabbda ma' bojler wieħed jew aktar, li tgħaddi għal turbina tal-kondensazzjoni;<br>— il-bqija tal-istess sistema tal-fwar li tintuża għal skop differenti, eż. il-fwar ikun esportat b'mod dirett. |

| Terminu | Definizzjoni |
|---|---|
| Termini ġenerali | |
| Kejl perjodiku | Kejl f'intervalli ta' żmien speċifikati bl-użu ta' metodi manwali jew awtomatizzati. |
| Residwi | Kull skart likwidu jew solidu li jiġi ġġenerat minn impjant tal-inċinerazzjoni jew minn impjant tat-trattament tal-irmied tal-qiegħ. |
| Riċettur sensittiv | Żona li teħtieġ protezzjoni speċjali, bħal:<br>— żoni residenzjali;<br>— żoni fejn jitwettqu l-attivitajiet tal-bniedem (eż. il-postijiet tax-xogħol, l-iskejjel, il-crèches, iż-żoni ta' rikreazzjoni, l-isptarijiet jew id-djar għall-anzjani li jinsabu fil-qrib). |
| Ħama tad-dranaġġ | Ħama residwa mill-ħżin, mill-immaniġġjar u mit-trattament tal-ilma mormi domestiku, urban jew industrijali. Għall-finijiet ta' dawn il-konklużjonijiet tal-BAT, il-ħama residwa li tikkostitwixxi skart perikoluż hi eskluża. |
| Gagazza u/jew irmied tal-qiegħ | Residwi solidi mneħħija mill-fran ladarba jiġi inċinerat l-iskart. |
| Medja valida ta' kull nofs siegħa | Medja ta' kull nofs siegħa titqies bħala valida meta ma ssir ebda manutenzjoni tas-sistema tal-kejl awtomatizzata jew meta ma jkun hemm ebda ħsara fiha. |

(1) Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad- 19 ta' Novembru 2008 dwar l-iskart u li tħassar ċerti Direttivi (ĠU L 312, 22.1.2008, p. 3).

| Terminu | Definizzjoni |
|---|---|
| Inkwinanti u parametri | |
| As | Is-somma tal-arseniku u l-komposti tiegħu, espressa bħala As. |
| Cd | Is-somma tal-kadmju u l-komposti tiegħu, espressa bħala Cd. |
| Cd+Tl | Is-somma tal-kadmju, tat-tallju u l-komposti tagħhom, espressa bħala Cd+Tl. |
| CO | Monossidu tal-karbonju. |
| Cr | Is-somma tal-kromu u l-komposti tiegħu, espressa bħala Cr. |
| Cu | Is-somma tar-ram u l-komposti tiegħu, espressa bħala Cu. |
| PCBs simili għad-diossini | PCBs li juru tossiċità simili għal PCDD/PCDF 2,3,7,8-sostitwit skont l-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO). |
| Trab | Materja partikolata totali (fl-arja). |
| HCl | Klorur tal-idroġenu. |
| HF | Fluworur tal-idroġenu. |
| Hg | Is-somma tal-merkurju u l-komposti tiegħu, espressa bħala Hg. |
| Telf fit-tqabbid | Bidla fil-massa b'riżultat tat-tisħin ta' kampjun f'kundizzjonijiet speċifikati. |
| $N_2O$ | Monossidu dinitroġenu (ossidu nitruż). |
| $NH_3$ | Ammonijaka. |
| $NH_4$-N | Nitroġenu tal-ammonju, espress bħala N, jinkludi l-ammonijaka libera ($NH_3$) u l-ammonju ($NH_4^+$). |
| Ni | Is-somma tan-nikil u l-komposti tiegħu, espressa bħala Ni. |
| $NO_X$ | Is-somma tal-monossidu tan-nitroġenu (NO) u tad-diossidu tan-nitroġenu ($NO_2$.), espressa bħala $NO_2$. |

| Terminu | Definizzjoni |
|---|---|
| Inkwinanti u parametri | |
| Pb | Is-somma taċ-ċomb u l-komposti tiegħu, espressa bħala Pb. |
| PBDD/F | Dibenżo-*p*-diossini u furani polibromurati. |
| PCBs | Poliklorobifenili. |
| PCDD/F | Dibenżo-*p*-diossini u furani poliklorurati. |
| POPs | Pollutanti Organiċi Persistenti kif elenkati fl-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru 850/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]) u l-emendi tiegħu. |
| Sb | Is-somma tal-antimonju u l-komposti tiegħu, espressa bħala Sb. |
| Sb+As+Pb+Cr+Co+Cu+Mn+Ni+V | Is-somma tal-antimonju, l-arseniku, iċ-ċomb, il-kromju, il-kobalt, ir-ram, il-manganiż, in-nikil, il-vanadju u l-komposti tagħhom, espressa bħala Sb+As+Pb+Cr+Co+Cu+Mn+Ni+V. |
| $SO_2$ | Dijossidu tal-kubrit. |
| Sulfat ($SO_4^{2-}$) | Sulfat maħlul, espress bħala $SO_4^{2-}$. |
| TOC | Karbonju organiku totali, espress bħala C (fl-ilma); jinkludi l-komposti organiċi kollha. |
| Kontenut ta' TOC (f'residwi solidi) | Kontenut totali ta' karbonju organiku. Il-kwantità ta' karbonju li jiġi kkonvertit f'diossidu tal-karbonju mill-kombustjoni u li mhuwiex meħlus bħala doissidu tal-karbonju bit-trattament bl-aċidu. |
| TSS | Solidi totali sospiżi. Il-konċentrazzjoni f'massa tas-solidi sospiżi kollha (fl-ilma), imkejla permezz tal-filtrazzjoni minn ġo filtri tal-fibra tal-ħġieġ u permezz tal-gravimetrija. |
| Tl | Is-somma tat-tallju u l-komposti tiegħu, espressa bħala Tl. |
| TVOC | Karbonju organiku volatili totali, espress bħala C (fl-arja). |
| Zn | Is-somma taż-żingu u l-komposti tiegħu, espressa bħala Zn. |

([1]) Ir-Regolament (KE) Nru 850/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 158, 30.4.2004, p. 7).

AKRONIMI

Għall-finijiet ta' dawn il-konklużjonijiet tal-BAT, japplikaw l-akronimi li ġejjin:

| Akronimu | Definizzjoni |
|---|---|
| EMS | Sistema ta' ġestjoni ambjentali |
| FDBR | Fachverband Anlagenbau (mill-isem preċedenti tal-organizzazzjoni: Fachverband Dampfkessel-, Behälter- und Rohrleitungsbau) |
| FGC | Tisfija mill-impuritajiet tal-gassijiet mit-tromba taċ-ċumnija |
| OTNOC | Kundizzjonijiet minbarra l-kundizzjonijiet normali tat-tħaddim |
| RKS | Riduzzjoni katalitika selettiva |
| RMKS | Riduzzjoni mhux katalitika selettiva |
| I-TEQ | Ekwivalenti internazzjonali ta' tossiku skont l-iskemi tal-Organizzazzjoni tat-Trattat tal-Atlantiku tat-Tramuntana (NATO) |
| WHO-TEQ | Ekwivalenti ta' tossiku skont l-iskemi tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO) |

KUNSIDERAZZJONIJIET ĠENERALI

**L-Aqwa Tekniki Disponibbli**

It-tekniki elenkati u deskritti f'dawn il-konklużjonijiet tal-BAT la huma preskrittivi u lanqas eżawrjenti. Jistgħu jintużaw tekniki oħrajn li jiżguraw mill-inqas livell ekwivalenti ta' ħarsien tal-ambjent.

Sakemm ma jiġix iddikjarat mod ieħor, b'mod ġenerali japplikaw dawn il-konklużjonijiet tal-BAT.

**Livelli ta' emissjonijiet assoċjati mal-aqwa tekniki disponibbli (BAT-AELs) għall-emissjonijiet fl-arja**

Il-livelli ta' emissjonijiet assoċjati mal-aqwa tekniki disponibbli (BAT-AELs) għall-emissjonijiet fl-arja mogħtija f'dawn il-konklużjonijiet tal-BAT jirreferu għall-konċentrazzjonijiet, espressi bħala massa tas-sustanzi emessi għal ċertu volum ta' gass mit-tromba ta' ċumnija jew ta' arja estratta fil-kundizzjonijiet standard li ġejjin: gass niexef f'temperatura ta' 273,15 K u pressjoni ta' 101,3 kPa, u espress f'mg/Nm$^3$, µg/Nm$^3$, ng I-TEQ/Nm$^3$ jew ng WHO-TEQ/Nm$^3$.

Il-livelli ta' referenza tal-ossiġenu li jintużaw biex jesprimu l-BAT-AELs f'dan id-dokument jidhru fit-tabella ta' hawn taħt.

| Attività | Livell ta' referenza tal-ossiġenu (OR) |
|---|---|
| Inċinerazzjoni tal-iskart | 11 volum xott-% |
| Trattament tal-irmied tal-qiegħ | Ebda korrezzjoni għal-livell ta' ossiġenu |

L-ekwazzjoni biex tiġi kkalkolata l-konċentrazzjoni tal-emissjonijiet fil-livell ta' referenza tal-ossiġenu hi:

$$E_R = \frac{21 - O_R}{21 - O_M} \times E_M$$

Fejn:

$E_R$: il-konċentrazzjoni tal-emissjonijiet fil-livell ta' referenza tal-ossiġenu $O_R$;

$O_R$: il-livell ta' referenza tal-ossiġenu f'% tal-volum;

$E_M$: il-konċentrazzjoni tal-emissjonijiet imkejla;

$O_M$: il-livell imkejjel tal-ossiġenu f'% tal-volum.

Għall-perjodi li fuqhom tinħadem il-medja, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

| Tip ta' kejl | Perjodu li fuqu tiġi kkalkolata l-medja | Definizzjoni |
|---|---|---|
| Kontinwu | Medja ta' kull nofs siegħa | Valur medju tul perjodu ta' 30 minuta |
| | Medja ta' kuljum | Medja fuq perjodu ta' ġurnata bbażata fuq medji validi ta' kull nofs siegħa |
| Perjodiku | Medja fuq il-perjodu ta' kampjunar | Valur medju ta' tliet kejliet konsekuttivi ta' mill-anqas 30 minuta kull wieħed [1] |
| | Perjodu ta' kampjunar fit-tul | Valur fuq perjodu ta' kampjunar ta' ġimagħtejn sa 4 ġimgħat |

(1) Għal kwalunkwe parametru fejn, minħabba limitazzjonijiet marbuta mal-kampjunar jew mal-limitazzjonijiet analitiċi, it-teħid tal-kampjuni/kejl ta' 30 minuta u/jew medja ta' tliet kejliet konsekuttivi jkunu inadegwati, u jista' jintuża perjodu aktar xieraq għall-kejl. Għall-PCDD/F u PCBs simili għad-diossini, jintuża perjodu ta' kampjunar wieħed ta' bejn 6 u 8 sigħat fil-każ ta' kampjunar fuq terminu qasir.

Meta l-iskart jiġi koinċinerat flimkien ma' fjuwils mhux idderivati mill-iskart, il-BAT-AELs għall-emissjonijiet fl-ajru mogħtija f'dawn il-konklużjonijiet tal-BAT japplikaw għall-volum sħiħ iġġenerat ta' gass mit-tromba ta' ċumnija.

**Livelli ta' emissjonijiet assoċjati mal-aqwa tekniki disponibbli (BAT-AELs) għall-emissjonijiet fl-ilma**

Il-livelli ta' emissjonijiet assoċjati mal-aqwa tekniki disponibbli (BAT-AELs) għall-emissjonijiet fl-ilma mogħtija f'dawn il-konklużjonijiet tal-BAT jirreferu għall-konċentrazzjonijiet (il-massa tas-sustanzi mitfugħa għal kull volum ta' ilma mormi), espressi f'mg/l jew ng I-TEQ/l.

Għall-ilma mormi mill-FGC, il-BAT-AELs jirreferu għall-kampjunar fuq il-post (għat-TSS biss) inkella għall-medji ta' kuljum, jiġifieri kampjuni komposti proporzjonati skont il-fluss fuq 24 siegħa. Jista' jintuża kampjunar aggregat proporzjonali għall-ħin dment li jintwera li l-fluss hu stabbli biżżejjed.

Għall-ilma mormi mit-trattament tal-irmied tal-qiegħ, il-BAT-AELs jirreferu għal wieħed miż-żewġ każijiet li ġejjin:

— fil-każ ta' skariki kontinwi, il-valuri medji ta' kuljum, jiġifieri kampjuni komposti proporzjonati għall-fluss fuq 24 siegħa;

— fil-każ ta' skariki f'lottijiet, il-valuri medji matul ir-rilaxx meħuda bħala kampjuni komposti proporzjonati għall-fluss jew, dment li l-effluwent ikun imħallat sew u omoġenju, jittieħed kampjun fuq il-post qabel l-iskariku.

Il-BAT-AELs għall-emissjonijiet fl-ilma japplikaw fil-punt li fih l-emissjoni tħalli l-installazzjoni.

**Il-livelli ta' effiċjenza enerġetika assoċjati mal-aqwa tekniki disponibbli (BAT-AEELs)**

Il-BAT-AEELs mogħtija f'dawn il-konklużjonijiet tal-BAT għall-inċinerazzjoni ta' skart mhux perikoluż għajr il-ħama tad-dranaġġ u ta' skart perikoluż tal-injam huma espressi bħala:

— l-effiċjenza elettrika gross fil-każ ta' impjant tal-inċinerazzjoni jew ta' parti minn impjant tal-inċinerazzjoni li jipproduċu l-elettriku bl-użu ta' turbina tal-kondensazzjoni;

— l-effiċjenza enerġetika gross fil-każ ta' impjant tal-inċinerazzjoni jew ta' parti minn impjant tal-inċinerazzjoni li:

  — jipproduċu s-sħana biss, jew

  — jipproduċu l-elettriku billi jużaw turbina bil-kontropressjoni u sħana bil-fwar li jħalli t-turbina.

Din hi espressa kif ġej:

| | |
|---|---|
| Effiċjenza elettrika gross | $\eta_e = \frac{W_e}{Q_{th}} \times (Q_b/(Q_b - Q_i))$ |
| Effiċjenza enerġetika gross | $\eta_h = \frac{W_e + Q_{he} + Q_{de} + Q_i}{Q_{th}}$ |

Meta:

— $W_e$: il-potenza elettrika ġġenerata, f'MW;

— $Q_{he}$: l-enerġija termoelettrika fornita lill-iskambjaturi tas-sħana fin-naħa primarja, f'MW;

— $Q_{de}$: l-enerġija termoelettrika esportata direttament (bħala fwar jew ilma jaħraq) nieqsa l-enerġija termoelettrika tal-fluss tar-ritorn, f'MW;

— $Q_b$: l-enerġija termoelettrika prodotta mill-bojler, f'MW;

— $Q_i$: l-enerġija termoelettrika (bħala fwar jew ilma jaħraq) li tintuża internament (eż. għat-tisħin mill-ġdid tal-gass mit-tromba ta' ċumnija), f'MW;

— $Q_{th}$: l-input termali fl-unitajiet tat-trattament termali (eż. fran), inklużi l-iskart u l-fjuwils awżiljari li jintużaw kontinwament (eskluż pereżempju għax-xegħil), f'$MW_{th}$ espress bħala l-valur inferjuri tat-tisħin.

Il-BAT-AEELs mogħtija f'dawn il-konklużjonijiet tal-BAT għall-inċinerazzjoni tal-ħama tad-dranaġġ u ta' skart perikoluż għajr l-iskart perikoluż tal-injam huma espressi bħala l-effiċjenza tal-bojler.

Il-BAT-AEELs jiġu espressi bħala perċentwal.

Il-monitoraġġ assoċjat mal-BAT-AEELs jingħata fil-BAT 2.

**Kontenut ta' sustanzi mhux maħruqa fl-irmied tal-qiegħ/gagazza**

Il-kontenut tas-sustanzi mhux maħruqa fil-gagazza u/jew fl-irmied tal-qiegħ hu espress bħala perċentwal tal-piż xott, jew bħala t-telf mat-tqabbid jew bħala l-frazzjoni tal-massa tat-TOC.

1. KONKLUŻJONIJIET TAL-BAT

## 1.1. Sistemi ta' ġestjoni ambjentali

BAT 1. Biex titjieb il-prestazzjoni ambjentali ġenerali, il-BAT hi li tiġi elaborata u implimentata sistema ta' ġestjoni ambjentali (EMS) li tinkorpora l-karatteristiki kollha li ġejjin:

i. l-impenn, it-tmexxija u r-responsabbiltà tal-maniġment, inkluż il-maniġment superjuri, għall-implimentazzjoni ta' EMS effettiva;

ii. analiżi li tinkludi d-determinazzjoni tal-kuntest tal-organizzazzjoni, l-identifikazzjoni tal-ħtiġijiet u l-aspettattivi tal-partijiet interessati, l-identifikazzjoni tal-karatteristiki tal-installazzjoni li huma assoċjati mar-riskji possibbli għall-ambjent (jew għas-saħħa tal-bniedem) kif ukoll tar-rekwiżiti legali applikabbli relatati mal-ambjent;

iii. l-iżvilupp ta' politika ambjentali li tinkludi t-titjib kontinwu tal-prestazzjoni ambjentali tal-installazzjoni;

iv. l-istabbiliment ta' objettivi u ta' indikaturi tal-prestazzjoni b'rabta ma' aspetti ambjentali sinifikanti, inkluża s-salvagwardja tal-konformità mar-rekwiżiti legali applikabbli;

v. l-ippjanar u l-implimentazzjoni tal-proċeduri u tal-azzjonijiet meħtieġa (inklużi l-azzjonijiet korrettivi u preventivi fejn meħtieġa), biex jinkisbu l-objettivi ambjentali u jiġu evitati r-riskji ambjentali;

vi. id-determinazzjoni tal-istrutturi, tar-rwoli u tar-responsabbiltajiet fir-rigward tal-aspetti u l-objettivi ambjentali u l-provvista tar-riżorsi finanzjarji u umani meħtieġa;

vii. l-iżgurar tal-kompetenza u tas-sensibilizzazzjoni meħtieġa tal-persunal li l-ħidma tiegħu tista' taffettwa l-prestazzjoni ambjentali tal-installazzjoni (eż. billi jingħataw l-informazzjoni u t-taħriġ);

viii. il-komunikazzjoni interna u esterna;

ix. it-trawwim tal-involviment tal-impjegati fi prattiki tajbin tal-ġestjoni ambjentali;

x. l-istabbiliment u ż-żamma ta' manwal tal-ġestjoni u ta' proċeduri bil-miktub biex jiġu kkontrollati l-attivitajiet b'impatt ambjentali sinifikanti kif ukoll ir-rekords rilevanti;

xi. l-ippjanar effettiv tat-tħaddim u l-kontroll tal-proċessi;

xii. l-implimentazzjoni ta' programmi ta' manutenzjoni xierqa;

xiii. it-tħejjija għall-emerġenzi u l-protokolli ta' rispons, inkluż il-prevenzjoni u/jew il-mitigazzjoni tal-impatti (ambjentali) avversi tas-sitwazzjonijiet ta' emerġenza;

xiv. meta titfassal (mill-ġdid) installazzjoni (ġdida) jew parti minnha, il-kunsiderazzjoni tal-impatti ambjentali tagħha tul ħajjitha, inkluż il-kostruzzjoni, il-manutenzjoni, it-tħaddim u d-dekummissjonar;

xv. l-implimentazzjoni ta' programm ta' monitoraġġ u ta' kejl; jekk ikun meħtieġ, l-informazzjoni tista' tinsab fir-Rapport ta' Referenza dwar il-Monitoraġġ tal-Emissjonijiet fl-Arja u fl-Ilma mill-Installazzjonijiet tal-IED;

xvi. l-applikazzjoni ta' parametri referenzjarji settorjali fuq bażi regolari;

xvii. l-awditjar intern indipendenti (sa fejn ikun fattibbli) perjodiku u l-awditjar estern indipendenti perjodiku biex tiġi vvalutata l-prestazzjoni ambjentali u biex jiġi ddeterminat jekk l-EMS tikkonformax jew le mal-arranġamenti ppjanati u jekk tkunx ġiet implimentata u miżmuma kif suppost;

xviii. l-evalwazzjoni tal-kawżi tan-nuqqas ta' konformità, l-implimentazzjoni tal-azzjonijiet korrettivi bħala rispons għan-nuqqas ta' konformità, ir-rieżami tal-effettività tal-azzjonijiet korrettivi, u d-determinazzjoni ta' jekk jeżistix jew jekk jistax iseħħ nuqqas ta' konformità simili;

xix. ir-rieżami perjodiku, mill-maniġment superjuri, tal-EMS u l-idoneità, l-adegwatezza u l-effettività kontinwi tagħha;

xx. is-segwitu u l-kunsiderazzjoni tal-iżvilupp ta' tekniki aktar nodfa.

B'mod speċifiku għall-impjanti tal-inċinerazzjoni u, fejn rilevanti, l-impjanti tat-trattament tal-irmied tal-qiegħ, il-BAT hi wkoll li jiġu inkorporati l-karatteristiċi li ġejjin fl-EMS:

xxi. għall-impjanti tal-inċinerazzjoni, ġestjoni tal-fluss tal-iskart (ara l-BAT 9);

xxii. għall-impjanti tat-trattament tal-irmied tal-qiegħ, il-ġestjoni tal-kwalità tal-output (ara l-BAT 10);

xxiii. pjan ta' ġestjoni tar-residwi li jinkludi miżuri mmirati biex:

a. jimminimizzaw il-ġenerazzjoni tar-residwi;

b. jottimizzaw l-użu mill-ġdid, ir-riġenerazzjoni, ir-riċiklaġġ ta', u/jew l-irkupru tal-enerġija mir-residwi;

c. jiżguraw ir-rimi kif suppost tar-residwi;

xxiv. għall-impjanti tal-inċinerazzjoni, pjan ta' ġestjoni tal-OTNOC (ara l-BAT 18);

xxv. għall-impjanti tal-inċinerazzjoni, pjan ta' ġestjoni tal-aċċidenti (ara t-Taqsima 2.4);

xxvi. għall-impjanti tat-trattament tal-irmied tal-qiegħ, il-ġestjoni tal-emissjonijiet diffużi tat-trab (ara l-BAT 23);

xxvii. pjan ta' ġestjoni tal-irwejjaħ fejn ikun mistenni u/jew ġie ssostanzjat fastidju mill-irwejjaħ fir-riċetturi sensittivi (ara t-Taqsima 2.4);

xxviii. pjan ta' ġestjoni tal-istorbju (ara wkoll il-BAT 37) fejn tkun mistennija u/jew ġiet issostanzjata inkonvenjenza mill-istorbju fir-riċetturi sensittivi (ara t-Taqsima 2.4).

*Nota*

Ir-Regolament (KE) Nru 1221/2009 jistabbilixxi l-iskema tal-Unjoni Ewropea ta' ġestjoni u verifika ambjentali (EMAS), li hi eżempju ta' EMS konsistenti ma' din il-BAT.

*Applikabbiltà*

Il-livell ta' dettall u l-grad ta' formalizzazzjoni tal-EMS ġeneralment ser ikunu relatati man-natura, mal-iskala u mal-kumplessità tal-installazzjoni, u mal-firxa ta' impatti ambjentali li din jista' jkollha (iddeterminati wkoll mit-tip u mill-ammont ta' skart ipproċessat).

## 1.2. Monitoraġġ

BAT 2. Il-BAT hi li tiġi ddeterminata l-effiċjenza elettrika gross, l-effiċjenza enerġetika gross, jew l-effiċjenza tal-bojlers tal-impjant tal-inċinerazzjoni kollu kemm hu jew tal-partijiet rilevanti kollha tal-impjant tal-inċinerazzjoni.

### Deskrizzjoni

Fil-każ ta' impjant tal-inċinerazzjoni ġdid jew wara kull modifika ta' impjant tal-inċinerazzjoni eżistenti li tista' taffettwa l-effiċjenza enerġetika b'mod sinifikanti, l-effiċjenza elettrika gross, l-effiċjenza enerġetika gross, jew l-effiċjenza tal-bojlers tiġi ddeterminata billi jsir test tal-prestazzjoni taħt tagħbija sħiħa.

Fil-każ ta' impjant tal-inċinerazzjoni eżistenti li ma wettaqx test tal-prestazzjoni, jew meta ma jkunx jista' jsir test tal-prestazzjoni taħt tagħbija sħiħa minħabba raġunijiet tekniċi, l-effiċjenza elettrika gross, l-effiċjenza enerġetika gross, jew l-effiċjenza tal-bojlers tista' tiġi ddeterminata billi jitqiesu l-valuri tad-disinn fil-kundizzjonijiet tat-test tal-prestazzjoni.

Għat-test tal-prestazzjoni, ma hemm ebda standard EN disponibbli għad-determinazzjoni tal-effiċjenza tal-bojlers tal-impjanti tal-inċinerazzjoni. Għall-impjanti tal-inċinerazzjoni b'forn bil-gradilja, tista' tintuża l-linja gwida RL 7 tal-FDBR.

BAT 3. Il-BAT hi li jiġu ssorveljati l-parametri ewlenin tal-proċess rilevanti għall-emissjonijiet fl-arja u fl-ilma, inklużi dawk mogħtija hawn taħt.

| Fluss/Post | Parametru/i | Monitoraġġ |
|---|---|---|
| Gass mit-tromba ta' ċumnija mill-inċinerazzjoni tal-iskart | Fluss, kontenut ta' ossiġenu, temperatura, pressjoni, kontenut ta' fwar tal-ilma | Kejl kontinwu |
| Kompartiment tal-kombustjoni | Temperatura | |
| Ilma mormi mill-FGC niedja | Fluss, pH, temperatura | |
| Ilma mormi mill-impjanti tat-trattament tal-irmied tal-qiegħ | Fluss, pH, konduttività | |

BAT 4. Il-BAT hi li jiġu ssorveljati l-emissjonijiet inkanalati fl-arja tal-anqas bil-frekwenza mogħtija hawn taħt u b'konformità mal-istandards EN. Jekk ma jkunx hemm standards EN disponibbli, il-BAT hi li jintużaw l-istandards ISO, l-istandards nazzjonali jew standards internazzjonali oħrajn li jiżguraw li tingħata *data* ta' kwalità xjentifika ekwivalenti.

| Sustanza/ Parametru | Proċess | Standard(s) (1) | Frekwenza minima tal-monitoraġġ (2) | Monitoraġġ assoċjat ma' |
|---|---|---|---|---|
| $NO_X$ | Inċinerazzjoni tal-iskart | Standards EN ġeneriċi | Kontinwu | BAT 29 |
| $NH_3$ | Inċinerazzjoni tal-iskart meta tintuża RMKS u/jew RKS | Standards EN ġeneriċi | Kontinwu | BAT 29 |
| $N_2O$ | — Inċinerazzjoni tal-iskart fi fran bis-sodda fluwidizzata<br>— Inċinerazzjoni tal-iskart meta r-RMKS tittħaddem bl-urea | EN 21258 (3) | Darba kull sena | BAT 29 |
| CO | Inċinerazzjoni tal-iskart | Standards EN ġeneriċi | Kontinwu | BAT 29 |
| $SO_2$ | Inċinerazzjoni tal-iskart | Standards EN ġeneriċi | Kontinwu | BAT 27 |
| HCl | Inċinerazzjoni tal-iskart | Standards EN ġeneriċi | Kontinwu | BAT 27 |
| HF | Inċinerazzjoni tal-iskart | Standards EN ġeneriċi | Kontinwu (4) | BAT 27 |
| Trab | Trattament tal-irmied tal-qiegħ | EN 13284-1 | Darba kull sena | BAT 26 |
| | Inċinerazzjoni tal-iskart | Standards EN ġeneriċi u EN 13284-2 | Kontinwu | BAT 25 |
| Metalli u metalloidi minbarra l-merkurju (As, Cd, Co, Cr, Cu, Mn, Ni, Pb, Sb, Tl, V) | Inċinerazzjoni tal-iskart | EN 14385 | Darba kull sitt xhur | BAT 25 |
| Hg | Inċinerazzjoni tal-iskart | Standards EN ġeneriċi u EN 14884 | Kontinwu (5) | BAT 31 |
| TVOC | Inċinerazzjoni tal-iskart | Standards EN ġeneriċi | Kontinwu | BAT 30 |
| PBDD/F | Inċinerazzjoni tal-iskart (6) | Ebda standard EN disponibbli | Darba kull sitt xhur | BAT 30 |

| Sustanza/ Parametru | Proċess | Standard(s) ([1]) | Frekwenza minima tal-monitoraġġ ([2]) | Monitoraġġ assoċjat ma' |
|---|---|---|---|---|
| PCDD/F | Inċinerazzjoni tal-iskart | EN 1948-1, EN 1948-2, EN 1948-3 | Darba kull sitt xhur għal kampjunar fuq terminu qasir | BAT 30 |
| | | Ebda standard EN disponibbli għall-kampjunar fit-tul, EN 1948-2, EN 1948-3 | Darba kull xahar għall-kampjunar fit-tul ([7]) | BAT 30 |
| PCBs simili għad-Diossini | Inċinerazzjoni tal-iskart | EN 1948-1, EN 1948-2, EN 1948-4 | Darba kull sitt xhur għall-kampjunar fuq terminu qasir ([8]) | BAT 30 |
| | | Ebda standard EN disponibbli għall-kampjunar fit-tul, EN 1948-2, EN 1948-4 | Darba fix-xahar għall-kampjunar fit-tul ([7]) ([8]) | BAT 30 |
| Benżo[*a*]piren | Inċinerazzjoni tal-iskart | Ebda standard EN disponibbli | Darba fis-sena | BAT 30 |

([1]) L-istandards EN ġeneriċi għall-kejl kontinwu huma EN 15267-1, EN 15267-2, EN 15267-3 u EN 14181. L-istandards EN għall-kejl perjodiku huma mogħtija fit-tabella jew fin-noti f'qiegħ il-paġna.

([2]) Għall-monitoraġġ perjodiku, il-frekwenza tal-monitoraġġ ma tapplikax meta t-tħaddim tal-impjant ikun għall-iskop waħdieni li jsir kejl tal-emissjonijiet.

([3]) Jekk jiġi applikat monitoraġġ kontinwu tal-$N_2O$, japplikaw l-istandards EN ġeneriċi għall-kejliet kontinwi.

([4]) Il-kejl kontinwu tal-HF jista' jiġi ssotitwit b'kejliet perjodiċi bi frekwenza minima ta' darba kull sitt xhur jekk jintwera li l-livelli ta' emissjonijiet tal-HCl jkunu stabbli biżżejjed. Ma hemm ebda standard EN disponibbli għall-kejl perjodiku tal-HF.

([5]) Għal impjanti li jinċineraw skart b'kontenut ta' merkurju baxx u stabbli pprovat (eż. monoflussi ta' skart b'kompożizzjoni kkontrollata), il-monitoraġġ kontinwu tal-emissjonijiet jista' jiġi ssostitwit minn kampjunar fit-tul (ma hemm ebda standard EN disponibbli għall-kampjunar fit-tul ta' Hg) jew kejliet perjodiċi bi frekwenza minima ta' darba kull sitt xhur. F'dan il-każ imsemmi l-aħħar l-istandard rilevanti hu EN 13211.

([6]) Il-monitoraġġ japplika biss għall-inċinerazzjoni tal-iskart li fih ritardant tal-fjammi bromurati jew għall-impjanti li jużaw il-BAT 31 d b'injezzjoni kontinwa tal-bromu.

([7]) Il-monitoraġġ ma japplikax jekk il-livelli ta' emissjonijiet jintwerew bil-provi li huma stabbli biżżejjed.

([8]) Il-monitoraġġ ma japplikax meta l-emissjonijiet ta' PCBs simili għad-diossina jintwerew bil-provi li huma anqas minn 0.01 ng WHO-TEQ/$Nm^3$.

BAT 5. Il-BAT hi li jiġu ssorveljati kif xieraq l-emissjonijiet inkanalati fl-arja mill-impjant ta' inċinerazzjoni waqt l-OTNOC.

*Deskrizzjoni*

Il-monitoraġġ jista' jitwettaq permezz ta' kejliet diretti tal-emissjonijiet (eż. għall-inkwinanti li huma ssorveljati kontinwament) jew permezz ta' monitoraġġ tal-parametri sostituti, jekk jiġi pprovat li dan ikun ta' kwalità xjentifika ekwivalenti jew aħjar mill-kejliet diretti tal-emissjonijiet. L-emissjonijiet waqt ix-xegħil u t-tifi filwaqt li ma jkun qed jinħaraq ebda skart, inklużi l-emissjonijiet ta' PCDD/F, huma stmati fuq il-bażi ta' kampanji ta' kejliet, eż. kull tliet snin, imwettqa waqt l-operazzjonijiet ta' xegħil/tifi ppjanati.

BAT 6. Il-BAT hi li jiġu ssorveljati l-emissjonijiet fl-ilma mit-trattament tal-FGC u/jew tal-irmied tal-qiegħ tal-anqas bil-frekwenza mogħtija hawn taħt u b'konformità mal-istandards EN. Jekk ma jkunx hemm standards EN disponibbli, il-BAT hi li jintużaw l-istandards ISO, l-istandards nazzjonali jew standards internazzjonali oħrajn li jiżguraw li tingħata *data* ta' kwalità xjentifika ekwivalenti.

| Sustanza/ Parametru | Proċess | Standard(s) | Frekwenza minima tal-monitoraġġ | Monitoraġġ assoċjat ma’ |
|---|---|---|---|---|
| Karbonju organiku totali (TOC) | FGC | EN 1484 | Darba fix-xahar | BAT 34 |
| | Trattament tal-irmied tal-qiegħ | | Darba fix-xahar ([1]) | |
| Solidi totali sospiżi (TSS) | FGC | EN 872 | Darba kull jum ([2]) | |
| | Trattament tal-irmied tal-qiegħ | | Darba fix-xahar ([1]) | |
| As | FGC | Diversi standards EN disponibbli (eż. EN ISO 11885, EN ISO 15586 jew EN ISO 17294-2) | Darba fix-xahar | |
| Cd | FGC | | | |
| Cr | FGC | | | |
| Cu | FGC | | | |
| Mo | FGC | | | |
| Ni | FGC | | | |
| Pb | FGC | | Darba fix-xahar | |
| | Trattament tal-irmied tal-qiegħ | | Darba fix-xahar ([1]) | |
| Sb | FGC | | Darba fix-xahar | |
| Tl | FGC | | | |
| Zn | FGC | | | |
| Hg | FGC | Diversi standards EN disponibbli (eż. EN ISO 12846 jew EN ISO 17852) | | |
| Ammonju-nitroġenu ($NH_4$-N) | Trattament tal-irmied tal-qiegħ | Diversi standards EN disponibbli (eż. EN ISO 11732, EN ISO 14911) | Darba fix-xahar ([1]) | |
| Klorur ($Cl^-$) | Trattament tal-irmied tal-qiegħ | Diversi standards EN disponibbli (eż. EN ISO 10304-1, EN ISO 15682) | | |
| Sulfat ($SO_4^{2-}$) | Trattament tal-irmied tal-qiegħ | EN ISO 10304-1 | | |
| PCDD/F | FGC | Ebda standard EN disponibbli | Darba fix-xahar ([1]) | |
| | Trattament tal-irmied tal-qiegħ | | Darba kull sitt xhur | |

([1]) Il-frekwenza tal-monitoraġġ tista’ tkun tal-anqas darba kull sitt xhur jekk tinġieb prova li l-emissjonijiet huma stabbli biżżejjed.

([2]) Il-kejliet tal-kampjunar tal-komposti proporzjonati għall-fluss fuq 24 siegħa ta’ kuljum jistgħu jiġu ssostitwiti minn kejliet tal-kampjunar fuq il-post ta’ kuljum.

BAT 7. Il-BAT hi li jiġi ssorveljat il-kontenut ta’ sustanzi mhux maħruqa fil-ħama u fl-irmied tal-qiegħ fl-impjant ta’ inċinerazzjoni tal-anqas bil-frekwenza mogħtija hawn taħt u b’konformità mal-istandards EN.

| Parametru | Standard(s) | Frekwenza minima tal-monitoraġġ | Monitoraġġ assoċjat ma’ |
|---|---|---|---|
| Telf fit-tqabbid ([1]) | EN 14899 u jew EN 15169 inkella EN 15935 | Darba kull tliet xhur | BAT 14 |
| Karbonju organiku totali ([1]) ([2]) | EN 14899 u jew EN 13137 inkella EN 15936 | | |

([1]) It-telf fit-tqabbid jew il-karbonju organiku totali jiġi ssorveljat.
([2]) Karbonju elementali (eż. iddeterminat skont DIN 19539) jista’ jitnaqqas mir-riżultat tal-kejl.

BAT 8. Għall-inċinerazzjoni tal-iskart perikoluż li fih il-POPs, il-BAT hi li jiġi ddeterminat il-kontenut ta’ POPs fil-flussi tal-output (eż. gagazza u rmied tal-qiegħ, gass mit-tromba ta’ ċumnija, ilma mormi) wara l-ikkummissjonar tal-impjant tal-inċinerazzjoni u wara kull bidla li tista’ taffettwa b’mod sinifikanti l-kontenut ta’ POPs fil-flussi tal-output.

*Deskrizzjoni*

Il-kontenut ta’ POPs fil-flussi tal-output jiġi ddeterminat permezz ta’ kejliet diretti jew b’metodi indiretti (eż. il-kwantità akkumulata ta’ POPs fl-irmied li jtir, fir-residwi nixfin tal-FGC, fl-ilma mormi mill-FGC u fil-ħama relatata tat-trattament tal-ilma mormi tista’ tiġi ddeterminata bil-monitoraġġ tal-kontenut ta’ POPs fil-gass mit-tromba ta’ ċumnija qabel u wara s-sistema tal-FGC) jew fuq il-bażi tal-istudji rappreżentattivi tal-impjant.

*Applikabbiltà*

Japplika biss għall-impjanti li:

— jaħarqu l-iskart perikoluż b’livelli ta’ POPs qabel l-inċinerazzjoni li jaqbżu l-limiti ta’ konċentrazzjoni ddefiniti fl-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru 850/2004 u l-emendi; u

— ma jissodisfawx l-ispeċifikazzjonijiet tad-deskrizzjoni tal-proċess tal-Kapitolu IV.G.2 punt (g) tal-linji gwida tekniċi tal-UNEP UNEP/CHW.13/6/Add.1/Rev.1.

## 1.3. Il-prestazzjoni ambjentali ġenerali u tal-kombustjoni

BAT 9. Biex titjieb il-prestazzjoni ambjentali ġenerali tal-impjant tal-inċinerazzjoni bil-ġestjoni tal-fluss tal-iskart (ara l-BAT 1), il-BAT hi li jintużaw it-tekniki (a) sa (c) kollha msemmija hawn taħt u, fejn rilevanti, it-tekniki (d), (e) u (f) ukoll.

| | Teknika | Deskrizzjoni |
|---|---|---|
| a. | Determinazzjoni tat-tipi ta’ skart li jistgħu jiġu inċinerati | Fuq il-bażi tal-karatteristiċi tal-impjant ta’ inċinerazzjoni, l-identifikazzjoni tat-tipi ta’ skart li jistgħu jiġu inċinerati f’termini ta’, pereżempju, l-istat fiżiku, il-karatteristiċi kimiċi, il-proprjetajiet perikolużi, u l-meded aċċettabbli tal-valur kalorifiku, tal-umdità, tal-kontenut ta’ rmied u tad-daqs. |
| b. | L-istabbiliment u l-implimentazzjoni ta’ proċeduri ta’ karatterizzazzjoni u ta’ preaċċettazzjoni tal-iskart | Dawn il-proċeduri għandhom l-għan li jiżguraw l-adegwatezza teknika (u legali) tal-operazzjonijiet tat-trattament tal-iskart għal skart partikolari qabel il-wasla tal-iskart fl-impjant. Dawn jinkludu proċeduri biex tinġabar informazzjoni dwar l-input tal-iskart u jistgħu jinkludu t-teħid tal-kampjuni u l-karatterizzazzjoni tal-iskart biex jinkiseb għarfien suffiċjenti dwar il-kompożizzjoni tal-iskart. Il-proċeduri tal-preaċċettazzjoni tal-iskart huma bbażati fuq ir-riskju, pereżempju, il-proprjetajiet perikolużi tal-iskart, ir-riskji tal-iskart f’termini tas-sikurezza tal-proċess, is-sikurezza okkupazzjonali u l-impatt ambjentali, kif ukoll l-informazzjoni pprovduta mid-detentur(i) preċedenti tal-iskart. |

| | Teknika | Deskrizzjoni |
|---|---|---|
| c. | L-istabbiliment u l-implimentazzjoni ta' proċeduri ta' aċċettazzjoni tal-iskart | Il-proċeduri ta' aċċettazzjoni għandhom l-għan li jikkonfermaw il-karatteristiki tal-iskart, kif identifikati fl-istadju tal-preaċċettazzjoni. Dawn il-proċeduri jiddefinixxu l-elementi li jridu jiġu vverifikati mal-wasla tal-iskart fl-impjant kif ukoll il-kriterji tal-aċċettazzjoni u tar-rifjut tal-iskart. Dawn jistgħu jinkludu t-teħid ta' kampjuni, l-ispezzjoni u l-analiżi tal-iskart. Il-proċeduri tal-aċċettazzjoni tal-iskart huma bbażati fuq ir-riskju, pereżempju, il-proprjetajiet perikolużi tal-iskart, ir-riskji li jġorr miegħu l-iskart f'termini tas-sikurezza tal-proċess, is-sikurezza okkupazzjonali u l-impatt ambjentali, kif ukoll l-informazzjoni pprovduta mid-detentur(i) preċedenti tal-iskart. L-elementi li jridu jiġu ssorveljati għal kull tip ta' skart huma spjegati fil-BAT 11. |
| d. | L-istabbiliment u l-implimentazzjoni ta' sistema ta' traċċar u ta' inventarju tal-iskart | Sistema ta' traċċar u inventarju tal-iskart għandhom l-għan li jintraċċaw fejn ikun jinsab l-iskart u l-kwantità tiegħu fl-impjant. Din iżżomm l-informazzjoni kollha ġġenerata waqt il-proċeduri tal-preaċċettazzjoni (eż. id-data tal-wasla fl-impjant u n-numru ta' referenza uniku tal-iskart, informazzjoni dwar id-detentur(i) preċedenti tal-iskart, ir-riżultati tal-analiżi tal-preaċċettazzjoni u tal-aċċettazzjoni, in-natura u l-kwantità tal-iskart miżmum fuq il-post fosthom il-perikli kollha identifikati), l-aċċettazzjoni, il-ħażna, it-trattament u/jew it-trasferiment barra mis-sit. Is-sistema ta' traċċar tal-iskart hi bbażata fuq ir-riskju filwaqt li tqis, pereżempju, il-proprjetajiet perikolużi tal-iskart, ir-riskji miġjuba mill-iskart f'termini tas-sikurezza tal-proċess, is-sikurezza okkupazzjonali u l-impatt ambjentali, kif ukoll l-informazzjoni pprovduta mid-detentur(i) preċedenti tal-iskart.<br>Is-sistema ta' traċċar tal-iskart tinkludi tikkettar ċar tal-iskart li jinħażen f'postijiet li ma jkunux il-bunker tal-iskart jew it-tank tal-ħżin tal-ħama (eż. f'kontenituri, f'bittiji, f'balal jew f'forom oħra ta' imballaġġ) b'tali mod li dan ikun jista' jiġi identifikat fi kwalunkwe ħin. |
| e. | Segregazzjoni tal-iskart | L-iskart jinżamm separat skont il-proprjetajiet tiegħu biex il-ħażna u l-inċinerazzjoni jkunu eħfef u aktar sikuri ambjentalment. Is-segregazzjoni tal-iskart tiddependi mis-separazzjoni fiżika tal-iskart differenti u mill-proċeduri li jidentifikaw meta u fejn jinħażen l-iskart. |
| f. | Il-verifika tal-kompatibbiltà tal-iskart qabel it-taħlit jew l-amalgamazzjoni tal-iskart perikoluż | Il-kompatibbiltà tiġi żgurata b'sett ta' miżuri u ta' testijiet tal-verifika biex tiġi individwata kull reazzjoni kimika mhux mixtieqa u/jew potenzjalment perikoluża bejn l-iskart (eż. polimerizzazzjoni, evoluzzjoni tal-gass, reazzjoni eżotermika, dekompożizzjoni) wara t-taħlit jew l-amalgamzzjoni. It-testijiet tal-kompatibbiltà huma bbażati fuq ir-riskju, pereżempju, il-proprjetajiet perikolużi tal-iskart, ir-riskji tal-iskart f'termini tas-sikurezza tal-proċess, is-sikurezza okkupazzjonali u l-impatt ambjentali, kif ukoll l-informazzjoni pprovduta mid-detentur(i) preċedenti tal-iskart. |

BAT 10. Biex titjieb il-prestazzjoni ambjentali ġenerali tal-impjant tat-trattament tal-irmied tal-qiegħ, il-BAT hi li jiġu inklużi karatteristiċi ta' ġestjoni tal-kwalità tal-output fl-EMS (ara l-BAT 1).

*Deskrizzjoni*

Il-karatteristiċi ta' ġestjoni tal-kwalità tal-output huma inklużi fl-EMS, b'tali mod li jiġi żgurat li l-output tat-trattament tal-irmied tal-qiegħ ikun allinjat mal-aspettattivi, billi jintużaw l-istandards EN eżistenti fejn ikunu disponibbli. Dan jippermetti wkoll li l-prestazzjoni tat-trattament tal-irmied tal-qiegħ tiġi ssorveljata u ottimizzata.

BAT 11. Biex titjieb il-prestazzjoni ambjentali ġenerali tal-impjant tal-inċinerazzjoni, il-BAT hi li jiġu ssorveljati l-kunsinni tal-iskart bħala parti mill-proċeduri tal-aċċettazzjoni tal-iskart (ara l-BAT 9 c) inklużi, skont ir-riskju miġjub mill-iskart li jasal, l-elementi mogħtija hawn taħt.

| Tip ta' skart | Monitoraġġ tal-kunsinna tal-iskart |
|---|---|
| Skart solidu muniċipali u skart mhux perikoluż ieħor | — Detezzjoni tar-radjuattività<br>— Użin tal-kunsinni tal-iskart<br>— Spezzjoni viżiva<br>— Kampjunar perjodiku tal-kunsinni tal-iskart u analiżi tal-proprjetajiet/tas-sustanzi ewlenin (eż. valur kalorifiku, kontenut ta' aloġeni u metalli/metallojdi). Għall-skart solidu muniċipali, dan jinvolvi l-ħatt separat. |
| Ħama tad-dranaġġ | — Użin tal-kunsinni tal-iskart (jew il-kejl tal-fluss jekk il-ħama tad-dranaġġ titwassal permezz ta' pipeline)<br>— Spezzjoni viżiva, sa fejn din tkun teknikament possibbli<br>— Kampjunar perjodiku u analiżi tal-proprjetajiet/tas-sustanzi ewlenin (eż. valur kalorifiku, kontenut ta' ilma, ta' rmied u ta' merkurju). |
| Skart perikoluż għajr skart kliniku | — Detezzjoni tar-radjuattività<br>— Użin tal-kunsinni tal-iskart<br>— Spezzjoni viżiva, sa fejn din tkun teknikament possibbli<br>— Kontroll u tqabbil ta' kunsinni individwali tal-iskart bid-dikjarazzjoni tal-produttur tal-iskart<br>— Il-kampjunar tal-kontenut ta':<br>— it-tankers u t-trejlers tal-ingrossa kollha<br>— l-iskart ippakkjat (eż. f'bittiji, f'kontenituri intermedji tal-ingrossa (IBCs) jew f'imballaġġ iżgħar)<br>u l-analiżi ta':<br>— parametri tal-kombustjoni (inklużi l-valur kalorifiku u l-punt ta' fjammabbiltà)<br>— il-kompatibbiltà tal-iskart, biex jiġu individwati r-reazzjonijiet perikolużi possibbli mat-taħlit jew mal-amalgamar tal-iskart, qabel il-ħżin (BAT 9 f)<br>— sustanzi ewlenin li jinkludu POPs, aloġeni u kubrit, metalli/metallojdi |
| Skart kliniku | — Detezzjoni tar-radjuattività<br>— Użin tal-kunsinni tal-iskart<br>— Spezzjoni viżiva tal-integrità tal-imballaġġ |

BAT 12. Biex jitnaqqsu r-riskji ambjentali assoċjati mal-wasla, mal-immaniġġjar u mal-ħżin tal-iskart, il-BAT hi li jintużaw iż-żewġ tekniki mogħtija hawn taħt.

| | Teknika | Deskrizzjoni |
|---|---|---|
| a. | Uċuħ impermeabbli b'infrastruttura adegwata tat-tbattil | Skont ir-riskji miġjuba mill-iskart f'termini ta' kontaminazzjoni tal-ħamrija jew tal-ilma, il-wiċċ taż-żoni li jirċievu, jimmaniġġjaw u jaħżnu l-ilma jsir impermeabbli għal-likwidi kkonċernati u jiġi mgħammar b'infrastruttura adegwata tat-tbattil (ara l-BAT 32). L-integrità ta' dan il-wiċċ tiġi vverifikata kull ċertu żmien, sa fejn ikun teknikament possibbli. |
| b. | Kapaċità adegwata ta' ħżin tal-iskart | Jittieħdu miżuri biex tiġi evitata akkumulazzjoni ta' skart, bħal:<br>— il-kapaċità massima tal-ħażna tal-iskart hi stabbilita b'mod ċar u ma tinqabiżx filwaqt li jitqiesu l-karatteristiċi tal-iskart (eż. fir-rigward tar-riskju ta' nar) u l-kapaċità tat-trattament;<br>— il-kwantità tal-skart maħżun tkun issorveljata b'mod regolari skont il-kapaċità massima awtorizzata għall-ħżin;<br>— għal skart li ma jitħallatx waqt il-ħżin (eż. skart kliniku, skart ippakkjat), iż-żmien massimu ta' residenza jkun stabbilit b'mod ċar. |

BAT 13. Biex jitnaqqas ir-riskju ambjentali assoċjat mal-ħżin u mal-immaniġġjar tal-iskart kliniku, il-BAT hi li tintuża taħlita tat-tekniki mogħtija hawn taħt.

| | Teknika | Deskrizzjoni |
|---|---|---|
| (a) | Manipulazzjoni awtomatizzata jew semiawtomatizzata tal-iskart | L-iskart kliniku jinħatt mit-trakk fiż-żona tal-ħżin bl-użu ta' sistema awtomatizzata jew manwali skont ir-riskju rappreżentat minn din l-operazzjoni. Miż-żona tal-ħżin l-iskart kliniku jintefa' fil-fran b'sistema awtomatizzata. |
| (b) | L-inċinerazzjoni ta' kontenituri ssiġillati li jintużaw darba biss, jekk jintużaw | L-iskart kliniku jitwassal f'kontenituri kombustibbli ssiġillati u robusti li qatt ma jinfetħu matul l-operazzjonijiet ta' ħżin u ta' mmaniġġjar. Jekk il-labar u l-oġġetti bil-ponta jintremew fihom, il-kontenituri jkunu ma jittaqqbux lanqas. |
| (c) | It-tindif u d-diżinfettar ta' kontenituri li jistgħu jerġgħu jintużaw, jekk jintużaw | Il-kontenituri tal-iskart li jistgħu jerġgħu jintużaw jitnaddfu f'żona allokata għat-tindif u jiġu ddiżinfettati f'faċilità mfassla apposta għad-diżinfezzjoni. Kull fdal residwu mill-operazzjonijiet tat-tindif jiġi inċinerat. |

BAT 14. Biex tittejjeb il-prestazzjoni ambjentali ġenerali tal-inċinerazzjoni tal-iskart, biex jitnaqqas il-kontenut ta' sustanzi mhux maħruqa fil-gagazza u fl-irmied tal-qiegħ, u biex jitnaqqsu l-emissjonijiet fl-arja mill-inċinerazzjoni tal-iskart, il-BAT hi li tintuża taħlita xierqa tat-tekniki mogħtija hawn taħt.

| | Teknika | Deskrizzjoni | Applikabbiltà |
|---|---|---|---|
| a. | It-taħlit u l-amalgamzzjoni tal-iskart | It-taħlit u l-amalgamzzjoni tal-iskart qabel l-inċinerazzjoni jinkludu pereżempju l-operazzjonijiet li ġejjin:<br>— l-amalgamzzjoni bil-krejn tal-bunker;<br>— l-użu ta' sistema ta' ekwalizzazzjoni tal-għalf;<br>— it-taħlit ta' skart likwidu u pastuż kompatibbli.<br>F'xi każijiet, l-iskart solidu jitqatta' f'biċċiet qabel it-taħlit. | Ma japplikax meta jkun hemm bżonn ta' forniment dirett fil-fran minħabba kunsiderazzjonijiet ta' sikurezza jew il-karatteristiċi tal-iskart (eż. skart kliniku infettiv, skart li jarmi l-irwejjaħ, jew skart li jkun suxxettibbli li jeħles sustanzi volatili).<br>Ma japplikax meta jkunu jistgħu jseħħu reazzjonijiet mhux mixtieqa bejn tipi differenti ta' skart (ara l-BAT 9 f). |
| b. | Sistema ta' kontroll avvanzata | Ara t-Taqsima 2.1 | Tapplika b'mod ġenerali. |
| c. | L-ottimizzazzjoni tal-proċess tal-inċinerazzjoni | Ara t-Taqsima 2.1 | L-ottimizzazzjoni tad-disinn ma tapplikax għall-fran eżistenti. |

*Tabella 1*

**Il-livelli ta' prestazzjoni ambjentali assoċjati mal-BAT għal sustanzi mhux maħruqa fil-gagazza u fl-irmied tal-qiegħ mill-inċinerazzjoni tal-iskart**

| Parametru | Unità | BAT-AEPL |
|---|---|---|
| Il-kontenut ta' TOC fil-gagazza u fl-irmied tal-qiegħ [1] | Piż xott-% | 1–3 [2] |
| Telf fit-tqabbid tal-gagazza u tal-irmied tal-qiegħ [1] | Piż xott-% | 1-5 [2] |

[1] Japplika l-BAT-AEPL għall-kontenut ta' TOC jew il-BAT-AEPL għat-telf fit-tqabbid.

[2] Il-limitu inferjuri tal-medda tal-BAT-AEPL jista' jinkiseb meta jintużaw fran bis-sodda fluwidizzata jew kalkari rotatorji operati bil-modalità ta' formazzjoni tal-gagazza.

Il-monitoraġġ assoċjat jinsab fil-BAT 7.

BAT 15. Biex titjieb il-prestazzjoni ambjentali ġenerali tal-impjant tal-inċinerazzjoni u biex jitnaqqsu l-emissjonijiet fl-arja, il-BAT hi li jiġu stabbiliti u implimentati proċeduri għall-aġġustament tal-issettjar tal-impjant, eż. permezz tas-sistema ta' kontroll avvanzat (ara d-deskrizzjoni fit-Taqsima 2.1), skont kif u meta jkun hemm bżonn u jkun prattikabbli, fuq il-bażi tal-karatterizzazzjoni u tal-kontroll tal-iskart (ara l-BAT 11).

BAT 16 .Biex titjieb il-prestazzjoni ambjentali ġenerali tal-impjant tal-inċinerazzjoni u biex jitnaqqsu l-emissjonijiet fl-arja, il-BAT hi li jiġu stabbiliti u implimentati proċeduri operazzjonali (eż. l-organizzazzjoni tal-katina ta' provvista, operazzjoni kontinwa minflok f'lottijiet) biex jiġu limitati kemm jista' jkun l-operazzjonijiet ta' tifi u ta' xegħil.

BAT 17. Biex jitnaqqsu l-emissjonijiet fl-arja u, fejn rilevanti fl-ilma, mill-impjant tal-inċinerazzjoni, il-BAT hi li jiġi żgurat li s-sistema ta' FGC u l-impjant tat-trattament tal-ilma mormi jitfasslu kif xieraq (eż. b'kunsiderazzjoni tar-rata massima tal-fluss u tal-konċentrazzjonijiet ta' inkwinanti), jithaddmu fi ħdan il-medda tad-disinn tagħhom u jingħataw il-manutenzjoni biex tiżgura l-aħjar disponibbiltà possibbli.

BAT 18. Biex titnaqqs il-frekwenza tal-okkorrenza ta' OTNOC u biex jitnaqqsu l-emissjonijiet fl-arja u, fejn rilevanti fl-ilma, mill-impjant tal-inċinerazzjoni waqt OTNOC, il-BAT hi li jiġi stabbilit u implimentat pjan ta' mmaniġġjar ta' OTNOC fuq il-bażi tar-riskji bħala parti mis-sistema ta' ġestjoni ambjentali (ara l-BAT 1) li jinkludi l-elementi kollha li ġejjin:

— l-identifikazzjoni ta' OTNOC potenzjali (eż. ħsara f'tagħmir kritiku għall-ħarsien tal-ambjent ("tagħmir kritiku")), tal-kawżi li wasslu għalihom u tal-konsegwenzi potenzjali tagħhom, u rieżami u aġġornament regolari tal-lista ta' OTNOC identifikati wara l-valutazzjoni perjodika msemmija hawn taħt;

— disinn xieraq tat-tagħmir kritiku (eż. kompartimentalizzazzjoni tal-filtru tal-borża, tekniki għat-tisħin tal-gass mit-tromba ta' ċumnija u għall-prevenzjoni tal-ħtieġa ta' evitar tal-filtru tal-borża waqt ix-xegħil u t-tifi, eċċ.);

— l-istabbiliment u l-implimentazzjoni ta' pjan ta' manutenzjoni preventiva għat-tagħmir kritiku (ara l-BAT 1 xii);

— il-monitoraġġ u r-reġistrazzjoni tal-emissjonijiet waqt OTNOC u ċirkustanzi assoċjati (ara l-BAT 5);

— il-valutazzjoni perjodika tal-emissjonijiet li jseħħu waqt OTNOC (eż. il-frekwenza tal-avvenimenti, id-durata, l-ammont ta' inkwinanti meħlusa) u l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet korrettivi, jekk ikunu meħtieġa.

## 1.4. **Effiċjenza enerġetika**

BAT 19. Biex tiżdied l-effiċjenza fir-riżorsi tal-impjant tal-inċinerazzjoni, il-BAT hi li jintuża bojler ta' rkupru tas-sħana

*Deskrizzjoni*

L-enerġija li tinsab fil-gass mit-tromba ta' ċumnija f'bojler ta' rkupru tas-sħana li jipproduċi l-ilma jaħraq u/jew il-fwar, li tista' tiġi esportata, tintuża internament, u/jew tintuża għall-produzzjoni tal-elettriku.

*Applikabbiltà*

Fil-każ ta' impjanti ddedikati għall-inċinerazzjoni ta' skart perikoluż, l-applikabbiltà tista' tkun limitata:

— minn kemm iwaħħal l-irmied li jtir;

— mill-korrużività tal-gass mit-tromba ta' ċumnija.

BAT 20. Biex tiżdied l-effiċjenza enerġetika tal-impjant tal-inċinerazzjoni, il-BAT hi li tintuża taħlita xierqa tat-tekniki mogħtija hawn taħt.

| | Teknika | Deskrizzjoni | Applikabbiltà |
|---|---|---|---|
| a. | Tnixxif tal-ħama tad-dranaġġ | Wara t-tneħħija mekkanika tal-ilma, il-ħama tad-dranaġġ tkompli titnixxef, pereżempju, bl-użu ta' sħana ta' grad baxx, qabel ma tintefa' fil-forn.<br>Kemm il-ħama tkun tista' titnixxef jiddependi mis-sistema ta' alimentazzjoni tal-fran. | Applikabbli fi ħdan ir-restrizzjonijiet assoċjati mad-disponibbiltà ta' sħana ta' grad baxx. |
| b. | Tnaqqis tal-fluss tal-gass mit-tromba ta' ċumnija | Il-fluss tal-gass mit-tromba ta' ċumnija jitnaqqas billi, eż.:<br>— tittejjeb id-distribuzzjoni tal-arja tal-kombustjoni primarja u sekondarja;<br>— issir riċirkolazzjoni tal-gass mit-tromba ta' ċumnija (ara t-Taqsima 2.2).<br>Fluss iżgħar tal-gass mit-tromba ta' ċumnija inaqqas id-domanda għall-enerġija tal-impjant (eż. għal fannijiet tat-tnixxif indott). | Għall-impjanti eżistenti, l-applikabbiltà tar-riċirkolazzjoni tal-gass mit-tromba ta' ċumnija tista' tkun limitata minħabba restrizzjonijiet tekniċi (eż. tagħbija ta' inkwinanti fil-gass mit-tromba ta' ċumnija, il-kundizzjonijiet tal-inċinerazzjoni). |
| c. | Minimizzazzjoni tat-telf tas-sħana | It-telf tas-sħana jitnaqqas kemm jista' jkun, eż.:<br>— bl-użu ta' bojlers b'forn integrat, li jippermettu li s-sħana tiġi rkuprata wkoll mill-ġnub tal-fran;<br>— bl-iżolament termali tal-fran u tal-bojlers;<br>— bir-riċirkolazzjoni tal-gass mit-tromba ta' ċumnija (ara t-Taqsima 2.2);<br>— bl-irkupru tas-sħana mit-tkessiħ tal-gagazza u tal-irmied tal-qiegħ (ara l-BAT 20 i). | Il-bojlers bil-fran integrati ma jistgħux jintużaw mal-kalkari rotatorji jew għal fran oħra ddedikati għall-inċinerazzjoni f'temperatura għolja tal-iskart perikoluż. |
| d. | Ottimizzazzjoni tad-disinn tal-bojler | It-trasferiment tas-sħana fil-bojler jittejjeb billi jiġu ottimizzati, pereżempju:<br>— il-veloċità u d-distribuzzjoni tal-gass mit-tromba ta' ċumnija;<br>— iċ-ċirkolazzjoni tal-ilma/fwar;<br>— il-faxex ta' konvezzjoni;<br>— is-sistemi ta' tindif tal-bojlers on-line u off-line biex tiġi mminimizzata l-inkrostazzjoni tal-faxex ta' konvezzjoni. | Applikabbli għall-impjanti ġodda u għal modifiki retroattivi maġġuri ta' impjanti eżistenti. |
| e. | Skambjaturi tas-sħana tal-gass mit-tromba ta' ċumnija b'temperatura baxxa | Jintużaw skambjaturi tas-sħana speċjali reżistenti għall-korrużjoni biex tiġi rkuprata l-enerġija addizzjonali mill-gass mit-tromba ta' ċumnija fil-bokka tal-ħruġ tal-bojler, wara ESP, jew wara sistema ta' injezzjoni tas-sorbent xott. | Applikabbli fi ħdan ir-restrizzjonijiet tal-profil tat-temperatura operazzjonali tas-sistema tal-FGC.<br>Fil-każ tal-impjanti eżistenti, l-applikabbiltà tista' tkun limitata minħabba nuqqas ta' spazju. |
| f. | Kundizzjonijiet b'ħafna fwar | Aktar ma jkunu għoljin il-kundizzjonijiet tal-fwar (temperatura u pressjoni), aktar tkun għolja l-effiċjenza fil-konverżjoni tal-elettriku permessa miċ-ċiklu tal-fwar.<br>Il-ħidma f'kundizzjonijiet għoljin tal-fwar (eż. ogħla minn 45 bar, 400 °C) teħtieġ l-użu ta' ligi speċjali tal-azzar jew ta' kisi refrattarju biex jiġu protetti l-biċċiet tal-bojler li huma esposti għall-ogħla temperaturi. | Applikabbli għal impjanti ġodda u għall-modifiki retroattivi maġġuri tal-impjanti eżisteni, fejn l-impjant ikun primarjament orjentat lejn il-ġenerazzjoni tal-elettriku.<br>L-applikabbiltà tista' tkun limitata:<br>— minn kemm iwaħħal l-irmied li jtir;<br>— mill-korrużività tal-gass mit-tromba ta' ċumnija. |

| | Teknika | Deskrizzjoni | Applikabbiltà |
|---|---|---|---|
| g. | Koġenerazzjoni | Il-koġenerazzjoni tas-sħana u tal-elettriku meta s-sħana (primarjament mill-fwar li joħroġ mit-turbina) tintuża għall-produzzjoni ta' ilma jaħraq/fwar li għandu jintuża fil-proċessi/fl-attivitajiet industrijali jew f'netwerk ta' tisħin/tkessiħ distrettwali. | Applikabbli fi ħdan ir-restrizzjonijiet assoċjati mad-domanda lokali għas-sħana u għall-enerġija u/jew id-disponibbiltà tan-netwerks. |
| h. | Kondensatur tal-gass mit-tromba ta' ċumnija | Skambjatur tas-sħana jew purifikatur bi skambjatur tas-sħana, meta l-fwar tal-ilma li jinsab fil-gass mit-tromba taċ-ċumnija jikkondensa, filwaqt li s-sħana rieqda tiġi ttrasferita fl-ilma f'temperatura baxxa biżżejjed (eż. fluss tar-ritorn ta' netwerk ta' tisħin distrettwali).<br>Il-kondensur tal-gass mit-tromba ta' ċumnija jipprovdi wkoll kobenefiċċji billi jnaqqas l-emissjonijiet fl-arja (eż. ta' trab u ta' gassijiet aċidużi).<br>L-użu ta' pompi tas-sħana jista' jżid l-ammont ta' enerġija rkuprata mill-kondensazzjoni tal-gass mit-tromba ta' ċumnija. | Applikabbli fi ħdan ir-restrizzjonijiet assoċjati mad-domanda għal sħana b'temperatura baxxa, eż. bid-disponibbiltà ta' netwerk ta' tisħin distrettwali b'temperatura ta' ritorn baxxa biżżejjed. |
| i. | Manipulazzjoni tal-irmied niexef tal-qiegħ | Irmied tal-qiegħ niexef u jaħraq fil-qiegħ li jaqa' mill-gradilja għal fuq sistema ta' trasport u jitberred bl-arja ambjentali. L-enerġija tiġi rkuprata billi tintuża l-arja tat-tberrid għall-kombustjoni. | Applikabbli biss għall-fran bil-gradilji. Jista' jkun hemm restrizzjonijiet tekniċi li jipprevjenu l-modifika retroattiva tal-fran eżistenti. |

*Tabella 2*

**Livelli ta' effiċjenza enerġetika assoċjati mal-BAT (BAT-AEELs) għall-inċinerazzjoni tal-iskart**

*(%)*

| BAT-AEEL | | | | |
|---|---|---|---|---|
| Impjant | Skart solidu muniċipali, skart mhux perikoluż ieħor u skart perikoluż tal-injam | | Skart perikoluż għajr skart perikoluż tal-injam ([1]) | Ħama tad-dranaġġ |
| | Effiċjenza elettrika gross ([2]) ([3]) | Effiċjenza enerġetika gross ([4]) | L-effiċjenza tal-bojlers | |
| Impjant ġdid | 25–35 | 72-91 ([5]) | 60-80 | 60-70 ([6]) |
| Impjant eżistenti | 20–35 | | | |

([1]) Il-BAT-AEEL japplika biss fejn ikun applikabbli bojler tal-irkupru tas-sħana.
([2]) Il-BAT-AEELs għall-effiċjenza elettrika gross japplikaw biss għal impjanti jew għal partijiet ta' impjanti li jipproduċu l-elettriku bl-użu ta' turbina tal-kondensazzjoni.
([3]) Il-limitu superjuri tal-medda tal-BAT-AEEL jista' jinkiseb meta tintuża l-BAT 20 f.
([4]) Il-BAT-AEELs għall-effiċjenza enerġetika gross japplikaw biss għal impjanti jew għal partijiet tal-impjanti li jipproduċu sħana biss jew li jipproduċu l-elettriku billi jużaw turbina b'kontropressjoni u s-sħana bil-fwar li joħroġ mit-turbina.
([5]) Tista' tinkiseb effiċjenza enerġetika gross li taqbeż il-limitu superjuri tal-medda tal-BAT-AEEL (anki aktar minn 100 %) meta jintuża kondensatur tal-gass mit-tromba ta' ċumnija.
([6]) Għall-inċinerazzjoni tal-ħama tad-dranaġġ, l-effiċjenza tal-bojler tiddependi ħafna mill-kontenut ta' ilma fil-ħama tad-dranaġġ li tintefgħa fil-forn.

Il-monitoraġġ assoċjat jinsab fil-BAT 2.

## 1.5. **Emissjonijiet fl-arja**

### 1.5.1. *Emissjonijiet diffużi*

BAT 21. Biex jiġu evitati jew jitnaqqsu l-emissjonijiet diffużi mill-impjant tal-inċinerazzjoni, li jinkludu l-emissjonijiet tal-irwejjaħ, il-BAT hi li:

— l-iskart solidu u pastuż bl-ingrossa li jarmi l-irwejjaħ u/jew suxxettibbli li jeħles sustanzi volatili jinħażen f'binjiet magħluqin taħt pressjoni subatmosferika kkontrollata u l-arja estratta tintuża bħala arja tal-kombustjoni għall-inċinerazzjoni jew tintbagħat f'sistema xierqa oħra ta' tnaqqis fil-każ ta' riskju ta' splużjoni;

— l-iskart likwidu jinħażen f'tankijiet taħt pressjoni kkontrollata xierqa u jinħoloq kanal bejn il-bokki tat-tank u l-alimentatur tal-arja tal-kombustjoni jew sistema xierqa oħra ta' tnaqqis;

— ir-riskju ta' rwejjaħ tul il-perjodi ta' għeluq totali meta ma jkun hemm ebda kapaċità ta' inċinerazzjoni disponibbli jiġi kkontrollat, eż. billi:

  — tintbagħat f'sistema alternattiva ta' tnaqqis l-arja ventilata jew estratta, eż. f'purifikatur niedi, f'sodda fissa tal-assorbiment;

  — l-ammont ta' skart maħżun jiġi minimizzat, eż. billi jiġu interrotti, jitnaqqsu jew jiġu ttrasferiti kunsinni ta' skart, bħala parti minn ġestjoni tal-fluss tal-iskart (ara l-BAT 9);

  — l-iskart jinħażen f'balal issiġillati kif xieraq.

BAT 22. Biex jiġu evitati emissjonijiet diffużi ta' komposti volatili mill-immaniġġjar tal-iskart gassuż u likwidu li jarmi l-irwejjaħ u/jew suxxettibbli li jeħles sustanzi volatili f'impjanti tal-inċinerazzjoni, il-BAT hi li dan jiddaħħal fil-forn b'alimentazzjoni diretta.

*Deskrizzjoni*

Għall-iskart gassuż u likwidu li jitwassal f'kontenituri tal-iskart bl-ingrossa (eż. tankers), l-alimentazzjoni diretta ssir billi l-kontenitur tal-iskart jitqabbad mal-linja tal-alimentazzjoni tal-forn. Imbagħad il-kontenitur jitbattal billi jiġi pressurizzat bin-nitroġenu jew, jekk il-viskożità tkun baxxa biżżejjed, billi jiġi ppumpjat il-likwidu.

Għal skart gassuż u likwidu li jitwassal f'kontenituri tal-iskart tajbin għall-inċinerazzjoni (eż. bittiji), l-alimentazzjoni diretta ssir billi l-kontenituri jiddaħħlu direttament fil-forn.

*Applikabbiltà*

Dan jaf ma jkunx applikabbli għall-inċinerazzjoni ta' ħama tad-dranaġġ li tiddependi, pereżempju, mill-kontenut ta' ilma u mill-ħtieġa ta' tnixxif minn qabel jew ta' taħlit ma' skart ieħor.

BAT 23. Biex jiġu evitati jew jitnaqqsu l-emissjonijiet diffużi tat-trab fl-arja mit-trattament tal-gagazza u tal-irmied tal-qiegħ, il-BAT hi li fis-sistema ta' ġestjoni ambjentali (ara l-BAT 1) jiddaħħlu l-karatteristiċi li ġejjin għall-ġestjoni tal-emissjonijiet diffużi tat-trab:

— identifikazzjoni tal-aktar sorsi rilevanti tal-emissjonijiet diffużi tat-trab (eż. bl-użu ta' EN 15445);

— definizzjoni u implimentazzjoni tal-azzjonijiet u tat-tekniki x-xierqa biex l-emissjonijiet diffużi jiġu evitati jew jitnaqqsu tul perjodu ta' żmien stabbilit.

BAT 24. Biex jiġu evitati jew jitnaqqsu l-emissjonijiet diffużi tat-trab fl-arja mit-trattament tal-gagazza u tal-irmied tal-qiegħ, il-BAT hi li tintuża taħlita tat-tekniki mogħtija hawn taħt.

| | Teknika | Deskrizzjoni | Applikabbiltà |
|---|---|---|---|
| (a) | It-tagħmir jingħalaq u jitgħatta | L-operazzjonijiet li potenzjalment joħolqu t-trab (bħat-tħin, it-tgħarbil) isiru fil-magħluq u/jew billi jitgħattew il-konvejers u l-elevaturi.<br>L-għeluq jista' jitwettaq billi t-tagħmir kollu jiġi installat f'bini magħluq. | L-installazzjoni tat-tagħmir f'bini magħluq jaf ma tkunx applikabbli għall-apparati mobbli tat-trattament. |

| | Teknika | Deskrizzjoni | Applikabbiltà |
|---|---|---|---|
| (b) | Limitazzjoni tal-għoli tal-iskariku | It-tlaqqigħ tal-għoli tal-iskariku għall-għoli li jvarja tal-munzell, b'mod awtomatiku jekk possibbli (eż. ċineg trasportaturi b'għoli aġġustabbli). | Tapplika b'mod ġenerali. |
| (c) | Protezzjoni tal-munzelli kontra r-riħ prevalenti | Protezzjoni taż-żoni tal-ħżin bl-ingrossa jew tal-munzelli permezz ta' kopertura jew b'ilqugħ kontra r-riħ bħal bini ta' lqugħ, ħitan jew sistemi veġetali vertikali, kif ukoll bl-orjentazzjoni korretta tal-munzelli fir-rigward tar-riħ prevalenti. | Tapplika b'mod ġenerali. |
| (d) | Użu ta' sprejs tal-ilma | Installazzjoni ta' sistemi ta' sprejs tal-ilma fis-sorsi ewlenin tal-emissjonijiet diffużi tat-trab. L-umidifikazzjoni tal-partikuli tat-trab tgħin biex it-trab jagglomera u joqgħod.<br>L-emissjonijiet diffużi tat-trab fil-munzelli jitnaqqsu billi tiġi żgurata umidifikazzjoni xierqa tal-punti tal-iċċarġjar u tar-rimi, jew tal-munzelli stess. | Tapplika b'mod ġenerali. |
| (e) | Ottimizzazzjoni tal-kontenut ta' ndewwa | Ottimizzazzjoni tal-kontenut ta' ndewwa tal-gagazza/tal-irmied tal-qiegħ għal-livell meħtieġ għall-irkupru effiċjenti tal-metalli u tal-materjali minerali filwaqt li jiġi mminimizzat ir-rilaxx tat-trab. | Tapplika b'mod ġenerali. |
| (f) | Operazzjonijiet taħt pressjoni subatmosferika | Twettiq tat-trattament tal-gagazza u tal-irmied tal-qiegħ f'tagħmir jew f'bini fil-magħluq (ara t-teknika a) taħt pressjoni subatmosferika biex ikun jista' jsir it-trattament tal-arja estratta b'teknika ta' tnaqqis (ara l-BAT 26) bħall-emissjonijiet inkanalati. | Applikabbli biss għall-irmied tal-qiegħ li jintrema xott u rmied tal-qiegħ ieħor b'livell baxx ta' ndewwa. |

### 1.5.2. *Emissjonijiet inkanalati*

#### 1.5.2.1. Emissjonijiet ta' trab, ta' metalli u ta' metallojdi

BAT 25. Biex jitnaqqsu l-emissjonijiet inkanalati ta' trab, ta' metalli u ta' metaollojdi mill-inċinerazzjoni tal-iskart, il-BAT hi li tintuża teknika waħda jew taħlita tat-tekniki mogħtija hawn taħt.

| | Teknika | Deskrizzjoni | Applikabbiltà |
|---|---|---|---|
| (a) | Filtru b'borża | Ara t-Taqsima 2.2 | Ġeneralment applikabbli għall-impjanti ġodda.<br>Applikabbli għall-impjanti eżistenti fi ħdan ir-restrizzjonijiet assoċjati mal-profil tat-temperatura tat-tħaddim tas-sistema tal-FGC. |
| (b) | Preċipitatur elettrostatiku | Ara t-Taqsima 2.2 | Tapplika b'mod ġenerali. |

| | Teknika | Deskrizzjoni | Applikabbiltà |
|---|---|---|---|
| (c) | Injezzjoni ta' sorbent xott | Ara t-Taqsima 2.2.<br>Mhux rilevanti għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tat-trab.<br>Adsorbiment tal-metalli b'injezzjoni ta' karbonju attivat jew ta' reaġenti oħra flimkien ma' sistema ta' injezzjoni tas-sorbent xott jew assorbitur seminiedi li jintużaw biex inaqqsu l-emissjonijiet tal-gass aċiduż. | Tapplika b'mod ġenerali. |
| (d) | Purifikatur niedi | Ara t-Taqsima 2.2.<br>Is-sistemi ta' purifikazzjoni niedja ma jintużawx għat-tneħħija tat-tagħbija ewlenija tat-trab, iżda jiġu installati wara tekniki oħra ta' tnaqqis biex ikomplu jnaqqsu l-konċentrazzjonijiet ta' trab, ta' metalli u ta' metallojdi fil-gass mit-tromba ta' ċumnija. | Jista' jkun hemm restrizzjonijiet fuq l-applikabbiltà minħabba li ma jkunx hemm wisq ilma disponibbli, eż. f'żoni nixfin. |
| (e) | Adsorbiment tas-sodda fissa jew mobbli | Ara t-Taqsima 2.2.<br>Is-sistema tintuża primarjament biex jiġu adsorbiti l-merkurju u metalli u metallojdi oħra kif ukoll komposti organiċi li jinkludu PCDD/F, iżda taġixxi wkoll bħala filtru effettiv tal-perfezzjonament għat-trab. | L-applikabbiltà tista' tkun limitata mit-tnaqqis ġenerali fil-pressjoni assoċjat mal-konfigurazzjoni tas-sistema tal-FGC. Fil-każ tal-impjanti eżistenti, l-applikabbiltà tista' tkun limitata minħabba nuqqas ta' spazju. |

*Tabella 3*

**Il-livelli ta' emissjonijiet assoċjati mal-BAT (BAT-AELs) għall-emissjonijiet inkanalati fl-arja ta' trab, ta' metalli u ta' metallojdi mill-inċinerazzjoni tal-iskart**

*AEL (mg/Nm³)*

| Parametru | BAT- | Perjodu li fuqu tiġi kkalkolata l-medja |
|---|---|---|
| Trab | < 2–5 ([1]) | Medja ta' kuljum |
| Cd+Tl | 0,005-0,02 | Medja fuq il-perjodu ta' kampjunar |
| Sb+As+Pb+Cr+Co+Cu+Mn+Ni+V | 0,01-0,3 | Medja fuq il-perjodu ta' kampjunar |

([1]) Għall-impjanti eżistenti ddedikati għall-inċinerazzjoni tal-iskart perikoluż u li għalihom mhuwiex applikabbli filtru b'borża, il-limitu l-għoli tal-medda tal-BAT-AEL hu ta' 7 mg/Nm³.

Il-monitoraġġ assoċjat jinsab fil-BAT 4.

BAT 26. Biex jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' trab inkanalati fl-arja mit-trattament fil-magħluq tal-gagazza u tal-irmied tal-qiegħ bl-estrazzjoni tal-arja (ara l-BAT 24 f), il-BAT hi li l-arja estratta tiġi ttrattata b'filtru b'borża (ara t-Taqsima 2.2).

*Tabella 4*

**Il-livelli ta' emissjonijiet assoċjati mal-BAT (BAT-AELs) għall-emissjonijiet ta' trab inkanalati fl-arja mit-trattament fil-magħluq tal-gagazza u tal-irmied tal-qiegħ bl-estrazzjoni tal-arja**

*(mg/Nm³)*

| Parametru | BAT-AEL | Perjodu li fuqu tiġi kkalkolata l-medja |
|---|---|---|
| Trab | 2-5 | Medja tul il-perjodu ta' kampjunar |

Il-monitoraġġ assoċjat jinsab fil-BAT 4.

1.5.2.2. Emissjonijiet ta' HCl, ta' HF u ta' $SO_2$

BAT 27. Biex jitnaqqsu l-emissjonijiet inkanalati ta' HCl, ta' HF u ta' $SO_2$ fl-arja mill-inċinerazzjoni tal-iskart, il-BAT hi li tintuża teknika waħda jew taħlita tat-tekniki mogħtija hawn taħt.

| | Teknika | Deskrizzjoni | Applikabbiltà |
|---|---|---|---|
| (a) | Purifikatur niedi | Ara t-Taqsima 2.2 | Jista' jkun hemm restrizzjonijiet fuq l-applikabbiltà minħabba li ma jkunx hemm wisq ilma disponibbli, eż. f'żoni nixfin. |
| (b) | Assorbitur seminiedi | Ara t-Taqsima 2.2 | Tapplika b'mod ġenerali. |
| (c) | Injezzjoni ta' sorbent xott | Ara t-Taqsima 2.2 | Tapplika b'mod ġenerali. |
| (d) | Desulfurizzazzjoni diretta | Ara t-Taqsima 2.2. Użata għat-tnaqqis parzjali tal-emissjonijiet tal-gass aċiduż upstream minn tekniki oħra. | Applikabbli biss għall-ran b'sodda fluwidizzata. |
| (e) | Injezzjoni ta' sorbent f'bojler | Ara t-Taqsima 2.2. Użata għat-tnaqqis parzjali tal-emissjonijiet tal-gass aċiduż upstream minn tekniki oħra. | Tapplika b'mod ġenerali. |

BAT 28. Biex jitnaqqsu l-emissjonijiet massimi inkanalati ta' HCL, ta' HF u ta' $SO_2$ fl-arja mill-inċinerazzjoni tal-iskart filwaqt li jiġi limitat il-konsum ta' reaġenti u l-ammont ta' residwi ġġenerati mill-injezzjoni ta' sorbent xott u ta' assorbituri seminiedja, il-BAT hi li tintuża t-teknika (a) jew iż-żewġ tekniki mogħtija hawn taħt.

| | Teknika | Deskrizzjoni | Applikabbiltà |
|---|---|---|---|
| (a) | Dożaġġ tar-reaġent ottimizzat u awtomatizzat | L-użu ta' kejliet kontinwi ta' HCl u/jew ta' $SO_2$ (u/jew ta' parametri oħra li jistgħu jkunu siewja għal dan l-għan) upstream u/jew downstream mis-sistema tal-FGC għall-ottimizzazzjoni tad-dożaġġ awtomatizzat tar-reaġent. | Tapplika b'mod ġenerali. |
| (b) | Riċirkolazzjoni tar-reaġenti | Ir-riċirkolazzjoni ta' sehem mis-solidi miġbura tal-FGC biex jitnaqqas l-ammont ta' reaġent(i) mingħajr reazzjoni fir-residwi. Din it-teknika hija partikolarment rilevanti fil-każ ta' tekniki tal-FGC li joperaw b'eċċess stojkjometriku kbir. | Ġeneralment applikabbli għall-impjanti ġodda. Applikabbli għall-impjanti eżistenti fi ħdan ir-restrizzjonijiet tad-daqs tal-filtru b'borża. |

*Tabella 5*

**Il-livelli ta' emissjonijiet assoċjati mal-BAT (BAT-AELs) għall-emissjonijiet inkanalati fl-arja ta' HCl, ta' HF u ta' $SO_2$ mill-inċinerazzjoni tal-iskart**

*AEL (mg/Nm³)*

| Parametru | BAT- | | Perjodu li fuqu tiġi kkalkolata l-medja |
|---|---|---|---|
| | Impjant ġdid | Impjant eżistenti | |
| HCl | < 2-6 ([1]) | < 2-8 ([1]) | Medja ta' kuljum |
| HF | < 1 | < 1 | Medja ta' kuljum jew medja tul il-perjodu tat-teħid tal-kampjuni |
| $SO_2$ | 5-30 | 5-40 | Medja ta' kuljum |

([1]) Il-limitu inferjuri tal-medda tal-BAT-AEL jista' jinkiseb meta jintuża purifikatur niedi; il-limitu superjuri tal-medda jista' jkun assoċjat mal-użu ta' injezzjoni ta' sorbent xott.

Il-monitoraġġ assoċjat jinsab fil-BAT 4.

### 1.5.2.3. Emissjonijiet ta' $NO_X$, ta' $N_2O$, ta' CO u ta' $NH_3$

BAT 29. Biex jitnaqqsu l-emissjonijiet inkanalati ta' $NO_X$ fl-arja filwaqt li jiġu limitati l-emissjonijiet ta' CO u ta' $N_2O$ mill-inċinerazzjoni ta' skart u l-emissjonijiet ta' $NH_3$ mill-użu tar-RMKS u/jew tar-RKS, il-BAT hi li tintuża taħlita xierqa tat-tekniki mogħtija hawn taħt.

| | Teknika | Deskrizzjoni | Applikabbiltà |
|---|---|---|---|
| (a) | L-ottimizzazzjoni tal-proċess tal-inċinerazzjoni | Ara t-Taqsima 2.1 | Tapplika b'mod ġenerali. |
| (b) | Riċirkolazzjoni tal-gass mit-tromba ta' ċumnija | Ara t-Taqsima 2.2 | Għal impjanti eżistenti, l-applikabbiltà tista' tkun limitata minħabba restrizzjonijiet tekniċi (eż. it-tagħbija ta' inkwinanti fil-gass mit-tromba ta' ċumnija, il-kundizzjonijiet tal-inċinerazzjoni). |
| (c) | Riduzzjoni mhux katalitika selettiva (RMKS) | Ara t-Taqsima 2.2 | Tapplika b'mod ġenerali. |
| (d) | Riduzzjoni katalitika selettiva (RKS) | Ara t-Taqsima 2.2 | Fil-każ tal-impjanti eżistenti, l-applikabbiltà tista' tkun limitata minħabba nuqqas ta' spazju. |
| (e) | Boroż tal-filtru katalitiċi | Ara t-Taqsima 2.2 | Applikabbli biss għall-impjanti mgħammra b'filtru b'borża. |
| (f) | Ottimizzazzjoni tad-disinn u tal-operat tar-RMKS/RKS | Ottimizzazzjoni tar-reaġent għall-proporzjon ta' $NO_X$ tul is-sezzjoni trażversali tal-forn jew tal-kanal, tad-daqs tat-taqtiriet tar-reaġent u tal-medda ta' temperaturi li fiha jiġi injettat ir-reaġent. | Tapplika biss meta r-RMKS u/jew ir-RKS jintużaw għat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' $NO_X$. |
| (g) | Purifikatur niedi | Ara t-Taqsima 2.2. Meta jintuża purifikatur niedi għat-tnaqqis tal-gass aċiduż, u b'mod partikolari bir-RMKS, l-ammonijaka mingħajr reazzjoni tiġi assorbita mil-likur tal-purifikazzjoni u, ladarba titnaddaf, tista' tiġi rriċiklata bħala reaġent tar-RMKS jew tar-RKS. | Jista' jkun hemm restrizzjonijiet fuq l-applikabbiltà minħabba li ma jkunx hemm wisq ilma disponibbli, eż. f'żoni nixfin. |

*Tabella 6*

**Il-livelli ta' emissjonijiet assoċjati mal-BAT (BAT-AELs) għall-emissjonijiet inkanalati ta' $NO_X$ u ta' CO fl-arja mill-inċinerazzjoni tal-iskart u għall-emissjonijiet inkanalati ta' $NH_3$ fl-arja mill-użu tar-RMKS u/jew tar-RKS**

*(mg/Nm³)*

| Parametru | BAT-AEL | | Perjodu li fuqu tiġi kkalkolata l-medja |
|---|---|---|---|
| | Impjant ġdid | Impjant eżistenti | |
| $NO_X$ | 50-120 (1) | 50–150 (1) (2) | Medja ta' kuljum |
| CO | 10-50 | 10-50 | |
| $NH_3$ | 2-10 (1) | 2-10 (1) (3) | |

(1) Il-limitu inferjuri tal-medda tal-BAT-AEL jista' jinkiseb meta tintuża RKS. Il-limitu inferjuri tal-medda tal-BAT-AEL jaf ma jkunx jista' jinkiseb meta jiġi inċinerat skart b'kontenut għoli ta' nitroġenu (eż. residwi mill-produzzjoni ta' komposti organiċi tan-nitroġenu).
(2) Il-limitu superjuri tal-medda tal-BAT-AEL ikun ta' 180 mg/Nm³ meta r-RKS ma tkunx applikabbli.
(3) Għall-impjanti eżistenti mgħammra b'RMKS mingħajr tekniki ta' tnaqqis niedi, il-limitu superjuri tal-medda tal-BAT-AEL hu ta' 15-il mg/Nm³.

Il-monitoraġġ assoċjat jinsab fil-BAT 4.

### 1.5.2.4. Emissjonijiet mill-komposti organiċi

BAT 30. Biex jitnaqqsu l-emissjonijiet inkanalati fl-arja mill-komposti organiċi li jinkludu PCDD/F u PCBs mill-inċinerazzjoni tal-iskart, il-BAT hi li jintużaw it-tekniki (a), (b), (c), (d), u waħda jew taħlita tat-tekniki (e) sa (i) mogħtija hawn taħt.

| | Teknika | Deskrizzjoni | Applikabbiltà |
|---|---|---|---|
| (a) | L-ottimizzazzjoni tal-proċess tal-inċinerazzjoni | Ara t-Taqsima 2.1. Ottimizzazzjoni tal-parametri tal-inċinerazzjoni biex tiġi promossa l-ossidazzjoni tal-komposti organiċi inklużi l-PCDD/F u l-PCBs preżenti fl-iskart, u biex tiġi evitata l-formazzjoni (mill-ġdid) tagħhom u tal-prekursuri tagħhom. | Tapplika b'mod ġenerali. |
| (b) | Kontroll tal-alimentazzjoni tal-iskart | Għarfien u kontroll tal-karatteristiċi tal-kombustjoni tal-iskart li jiddaħħal fil-forn, biex jiġu żgurati l-aħjar kundizzjonijiet għall-inċinerazzjoni u, sa fejn hu possibbli, l-aktar kundizzjonijiet omoġenji u stabbli. | Mhux applikabbli għall-skart kliniku jew għall-iskart solidu muniċipali. |
| (c) | Tindif tal-bojlers on-line u off-line | Tindif effiċjenti tar-raggruppamenti tal-bojlers biex jitnaqqas iż-żmien ta' kemm idum fuqhom it-trab u jnaqqas l-akkumulazzjoni tat-trab fil-bojler, u b'hekk titnaqqas il-formazzjoni ta' PCDD/F fil-bojler. Tintuża taħlita ta' tekniki tat-tindif tal-bojlers on-line u off-line. | Tapplika b'mod ġenerali. |

| | Teknika | Deskrizzjoni | Applikabbiltà |
|---|---|---|---|
| (d) | Tberrid rapidu tal-gass mit-tromba ta' ċumnija | Tberrid rapidu tal-gass mit-tromba ta' ċumnija minn temperaturi ogħla minn 400 °C għal anqas minn 250 °C qabel it-tnaqqis tat-trab biex tiġi evitata s-sinteżi *de novo* ta' PCDD/F.<br>Dan jinkiseb bid-disinn xieraq tal-bojler u/jew bl-użu ta' sistema ta' estinzjoni. Din l-għażla msemmija l-aħħar tillimita l-ammont ta' enerġija li tista' tiġi rkuprata mill-gass mit-tromba ta' ċumnija u tintuża b'mod partikolari fil-każ ta' inċinerazzjoni ta' skart perikoluż b'kontenut għoli ta' aloġenu. | Tapplika b'mod ġenerali. |
| (e) | Injezzjoni ta' sorbent xott | Ara t-Taqsima 2.2.<br>Adsorbiment b'injezzjoni ta' karbonju attivat jew ta' reaġenti oħra, ġeneralment flimkien ma' filtru b'borża fejn jinħoloq saff tar-reazzjoni fil-kejk tal-filtru u s-solidi ġġenerati jitneħħew. | Tapplika b'mod ġenerali. |
| (f) | Adsorbiment tas-sodda fissa jew mobbli | Ara t-Taqsima 2.2. | L-applikabbiltà tista' tkun limitata mit-tnaqqis ġenerali fil-pressjoni assoċjat mas-sistema tal-FGC. Fil-każ tal-impjanti eżistenti, l-applikabbiltà tista' tkun limitata minħabba nuqqas ta' spazju. |
| (g) | RKS | Ara t-Taqsima 2.2.<br>Meta tintuża RKS għat-tnaqqis tal-$NO_X$, il-wiċċ tal-katalist adegwat tas-sistema tar-RKS jipprovdi wkoll għat-tnaqqis parzjali tal-emissjonijiet ta' PCDD/F u ta' PCBs.<br>It-teknika s-soltu tintuża flimkien mat-teknika (e), (f) jew (i). | Fil-każ tal-impjanti eżistenti, l-applikabbiltà tista' tkun limitata minħabba nuqqas ta' spazju. |
| (h) | Boroż tal-filtru katalitiċi | Ara t-Taqsima 2.2 | Applikabbli biss għall-impjanti mgħammra b'filtru b'borża. |
| (i) | Is-sorbent tal-karbonju f'purifikatur niedi | PCDD/F u PCBs jiġu adsorbiti b'sorbent tal-karbonju miżjud fil-purifikatur niedi, jew fil-likur tal-purifikazzjoni jew fil-forma ta' elementi tal-imballaġġ imxappin.<br>It-teknika tintuża għat-tneħħija ta' PCDD/F b'mod ġenerali, u anki biex tiġi evitata u/jew titnaqqas ir-riemissjoni ta' PCDD/F akkumulati fil-purifikatur (l-hekk imsejjaħ effett memorja) li sseħħ speċjalment fil-perjodi ta' tifi u ta' xegħil. | Applikabbli biss għall-impjanti mgħammra b'purifikatur niedi. |

*Tabella 7*

**Il-livelli ta' emissjonijiet assoċjati mal-BAT (BAT-AELs) għall-emissjonijiet inkanalati fl-arja ta' TVOC, ta' PCDD/F u ta' PCBs bħad-diossina mill-inċinerazzjoni tal-iskart**

| Parametru | Unità | BAT-AEL | | Perjodu li fuqu tiġi kkalkolata l-medja |
|---|---|---|---|---|
| | | Impjant ġdid | Impjant eżistenti | |
| TVOC | mg/Nm$^3$ | < 3–10 | < 3–10 | Medja ta' kuljum |
| PCDD/F ([1]) | ng I-TEQ/Nm$^3$ | < 0,01-0,04 | < 0,01-0,06 | Medja tul il-perjodu ta' kampjunar |
| | | < 0,01-0,06 | < 0,01-0,08 | Perjodu ta' kampjunar fit-tul ([2]) |
| PCDD/F + PCBs simili għad-diossina ([1]) | ng WHO-TEQ/Nm$^3$ | < 0,01–0,06 | < 0,01-0,08 | Medja tul il-perjodu ta' kampjunar |
| | | < 0,01-0,.08 | < 0,01-0,1 | Perjodu ta' kampjunar fit-tul ([2]) |

([1]) Japplika l-BAT-AEL għal PCDD/F jew inkella l-BAT-AEL għal PCDD/F + PCBs simili għad-diossina.
([2]) Il-BAT-AEL ma japplikax jekk il-livelli tal-emissjonijiet jintwerew bil-provi li huma stabbli biżżejjed.

Il-monitoraġġ assoċjat jinsab fil-BAT 4.

### 1.5.2.5. Emissjonijiet tal-merkurju

BAT 31. Biex jitnaqqsu l-emissjonijiet inkanalati ta' merkurju fl-arja (li jinkludu l-ogħla livelli ta' emissjonijiet ta' merkurju) mill-inċinerazzjoni tal-iskart, il-BAT hi li tintuża teknika waħda jew taħlita tat-tekniki mogħtija hawn taħt.

| | Teknika | Deskrizzjoni | Applikabbiltà |
|---|---|---|---|
| (a) | Purifikatur niedi (pH baxxa) | Ara t-Taqsima 2.2.<br>Purifikatur niedi mħaddem b'valur tal-pH ta' madwar 1.<br>Ir-rata li biha din it-teknika tneħħi l-merkurju tista' tiżdied billi jinżiedu r-reaġenti u/jew l-adsorbenti fil-likur tal-purifikazzjoni, eż.:<br>— ossidanti bħall-perossidu tal-idroġenu biex il-merkurju elementali jiġi ttrasformat f'forma ossidizzata solubbli fl-ilma;<br>— komposti tas-sulfur biex jiġu fformati kumplessi stabbli jew melħat bil-merkurju;<br>— sorbent tal-karbonju biex jiġi adsorbit il-merkurju, li jinkludi l-merkurju elementali.<br>Meta titfassal għal kapaċità ta' bafer għolja biżżejjed għall-qbid tal-merkurju, it-teknika effettivament tipprevjeni l-okkorrenza tal-ogħla livelli ta' emissjonijiet ta' merkurju. | Jista' jkun hemm restrizzjonijiet fuq l-applikabbiltà minħabba li ma jkunx hemm wisq ilma disponibbli, eż. f'żoni nixfin. |
| (b) | Injezzjoni ta' sorbent xott | Ara t-Taqsima 2.2.<br>Adsorbiment b'injezzjoni ta' karbonju attivat jew ta' reaġenti oħra, ġeneralment flimkien ma' filtru b'borża fejn jinħoloq saff tar-reazzjoni fil-kejk tal-filtru u s-solidi ġġenerati jitneħħew. | Tapplika b'mod ġenerali. |

| | Teknika | Deskrizzjoni | Applikabbiltà |
|---|---|---|---|
| (c) | Injezzjoni ta' karbonju speċjali attivat u reattiv ħafna | Injezzjoni ta' karbonju attivat reattiv ħafna ddrogat b'kubrit jew b'reaġenti oħra biex tiżdied ir-reattività mal-merkurju.<br>Normalment, l-injezzjoni ta' dan il-karbonju attivat speċjali ma tkunx kontinwa iżda sseħħ biss meta jiġi individwat l-ogħla livell tal-merkurju. Għal dan l-għan, it-teknika tista' tintuża flimkien mal-monitoraġġ kontinwu tal-merkurju fil-gass mhux maħdum mit-tromba ta' ċumnija. | Dan jaf ma jkunx japplika għall-impjanti ddedikati għall-inċinerazzjoni tal-ħama tad-dranaġġ. |
| (d) | Żieda tal-bromu tal-bojlers | Il-bromur miżjud fl-iskart jew injettat fil-forn,f'temperaturi għoljin jiġi kkonvertit fi bromur elementali, li jossidizza l-merkurju elementali f'$HgBr_2$ li hu solubbli fl-ilma u adsorbabbli ħafna.<br>It-teknika tintuża flimkien ma' teknika ta' tnaqqis downstream bħal purifikatur niedi jew sistema ta' injezzjoni tal-karbonju attivat.<br>Normalment, l-injezzjoni tal-bromur ma tkunx kontinwa iżda sseħħ biss meta jiġi individwat l-ogħla livell tal-merkurju. Għal dan l-għan, it-teknika tista' tintuża flimkien mal-monitoraġġ kontinwu tal-merkurju fil-gass mhux maħdum mit-tromba ta' ċumnija. | Tapplika b'mod ġenerali. |
| (e) | Adsorbiment tas-sodda fissa jew mobbli | Ara t-Taqsima 2.2.<br>Meta titfassal għal kapaċità ta' adsorbiment għolja biżżejjed, it-teknika effettivament tipprevjeni l-okkorrenza tal-ogħla livelli ta' emissjonijiet ta' merkurju. | L-applikabbiltà tista' tkun limitata mit-tnaqqis ġenerali fil-pressjoni assoċjat mas-sistema tal-FGC. Fil-każ tal-impjanti eżistenti, l-applikabbiltà tista' tkun limitata minħabba nuqqas ta' spazju. |

*Tabella 8*

**Livelli ta' emissjonijiet assoċjati mal-BAT (BAT-AELs) għall-emissjonijiet kanalizzati ta' merkurju fl-arja mill-inċinerazzjoni tal-iskart**

*(μg/Nm³)*

| Parametru | BAT-AEL ([1]) | | Perjodu li fuqu tiġi kkalkolata l-medja |
|---|---|---|---|
| | Impjant ġdid | Impjant eżistenti | |
| Hg | < 5–20 ([2]) | < 5–20 ([2]) | Medja ta' kuljum jew medja tul il-perjodu ta' kampjunar |
| | 1-10 | 1-10 | Perjodu ta' kampjunar fit-tul |

([1]) Japplika l-BAT-AEL għall-medja ta' kuljum jew għall-medja tul il-perjodu tal-kampjunar jew il-BAT-AEL għall-perjodu tal-kampjunar fit-tul. Il-BAT-AEL għall-kampjunar fit-tul jista' japplika fil-każ ta' impjanti li jinċineraw skart b'kontenut baxx u stabbli pprovat ta' merkurju (eż. monoflussi ta' skart b'kompożizzjoni kkontrollata).

([2]) Il-limitu inferjuri tal-meded tal-BAT-AEL jista' jinkiseb meta:

— l-inċinerazzjoni tal-iskart b'kontenut baxx u stabbli pprovat ta' merkurju (eż. monoflussi ta' skart b'kompożizzjoni kkontrollata), jew

— l-użu ta' tekniki speċifiċi għall-prevenzjoni jew għat-tnaqqis tal-okkorrenza tal-ogħla livelli ta' merkurju ta' emissjonijiet waqt l-inċinerazzjoni ta' skart mhux perikoluż.Il-limitu superjuri tal-meded tal-BAT-AEL jista' jkun assoċjat mal-użu ta' injezzjoni ta' sorbent xott.

Bħala indikazzjoni, il-livelli medji ta' nofs siegħa ta' emissjonijiet ta' merkurju ġeneralment ikunu:

— < 15–40 µg/Nm³ mill-impjanti eżistenti;

— < 15–35 µg/Nm³ mill-impjanti ġodda.

Il-monitoraġġ assoċjat jinsab fil-BAT 4.

## 1.6. Emissjonijiet fl-ilma

BAT 32. Biex tiġi evitata l-kontaminazzjoni ta' ilma mhux ikkontaminat, biex jitnaqqsu l-emissjonijiet fl-ilma, u biex tiżdied l-effiċjenza fir-riżorsi, il-BAT hi li l-flussi tal-ilma mormi jiġu segregati u li dawn jiġu ttrattati b'mod separat, skont il-karatteristiċi tagħhom.

*Deskrizzjoni*

Il-flussi tal-ilma mormi (eż. ilma tax-xeba' tal-wiċċ, ilma tat-tberrid, ilma mormi mit-trattament tal-gass mit-tromba ta' ċumnija u mit-trattament tal-irmied tal-qiegħ, l-ilma mbattal miġbur miż-żoni li jilqgħu, jimmaniġġjaw u jaħżnu l-iskart (ara l-BAT 12 (a)) jiġu segregati biex jiġu ttrattati b'mod separat fuq il-bażi tal-karatteristiċi tagħhom u fuq it-taħlita tat-tekniki tat-trattament meħtieġa. Il-flussi tal-ilma mhux ikkontaminat jiġu segregati mill-flussi tal-ilma mormi li jeħtieġu t-trattament.

Meta jiġi rkuprat l-aċidu idrokloriku u/jew il-ġipsum mill-effluwent tal-purifikatur, l-ilmijiet mormija li jirriżultaw mill-istadji (aċidużi u alkalini) differenti tas-sistema ta' purifikazzjoni niedja jiġu ttrattati b'mod separat.

*Applikabbiltà*

Ġeneralment applikabbli għall-impjanti ġodda.

Tapplika għall-impjanti eżistenti fir-restrizzjonijiet assoċjati mal-konfigurazzjoni tas-sistema tal-ġbir tal-ilma.

BAT 33. Biex jitnaqqas l-użu tal-ilma u tiġi evitata jew titnaqqas il-ġenerazzjoni tal-ilma mormi mill-impjant tal-inċinerazzjoni, il-BAT hi li tintuża teknika waħda jew taħlita tat-tekniki mogħtija hawn taħt.

| | Teknika | Deskrizzjoni | Applikabbiltà |
|---|---|---|---|
| (a) | Tekniki tal-FGC ħielsa mill-ilma mormi | Użu ta' tekniki tal-FGC li ma jiġġenerawx ilma mormi (eż. injezzjoni ta' sorbent xott jew assorbitur seminiedi, ara t-Taqsima 2.2). | Dan jaf ma jkunx applikabbli għall-inċinerazzjoni ta' skart perikoluż b'kontenut għoli ta' aloġenu. |
| (b) | Injezzjoni tal-ilma mormi mill-FGC | L-ilma mormi mill-FGC jiġi injettat fil-partijiet aktar jaħarqu tas-sistema tal-FGC. | Applikabbli biss għall-inċinerazzjoni ta' skart solidu muniċipali. |
| (c) | Użu mill-ġdid/riċiklaġġ tal-ilma | Il-flussi milwiema residwi jintużaw mill-ġdid jew jiġu rriċiklati.<br>Il-grad tal-użu mill-ġdid/tar-riċiklaġġ hu limitat mir-rekwiżiti tal-kwalità tal-proċess li għalih jiġi allokat l-ilma. | Tapplika b'mod ġenerali. |
| (d) | Manipulazzjoni tal-irmied niexef tal-qiegħ | L-irmied tal-qiegħ niexef u jaħraq fil-qiegħ li jaqa' mill-gradilja għal fuq sistema ta' trasport u jitberred bl-arja ambjentali. Ma jintużax ilma fil-proċess. | Applikabbli biss għall-fran bil-gradilji.<br>Jista' jkun hemm restrizzjonijiet tekniċi li jipprevjenu l-modifika tal-impjanti ta' inċinerazzjoni eżistenti. |

BAT 34. Biex jitnaqqsu l-emissjonijiet fl-ilma mill-FGC u/jew mill-ħżin u t-trattament tal-gagazza u tal-irmied tal-qiegħ, il-BAT hi li tintuża taħlita xierqa tat-tekniki mogħtija hawn taħt, kif ukoll li jintużaw tekniki sekondarji li jkunu l-aktar qrib possibbli tas-sors biex tiġi evitata dilwizzjoni.

| | Teknika | Sustanzi niġġiesa tipiċi fil-mira |
|---|---|---|
| | Tekniki primarji | |
| (a) | L-ottimizzazzjoni tal-proċess ta' inċinerazzjoni (ara l-BAT 14) u/jew tas-sistema tal-FGC (eż. RMKS/RKS, ara l-BAT 29 (f)) | Komposti organiċi li jinkludu l-PCDD/F, l-ammonijaka/ammonju |
| | Tekniki sekondarji [1] | |
| *Trattament preliminari u primarju* | | |
| (b) | Ekwalizzazzjoni | L-inkwinanti kollha |
| (c) | Newtralizzazzjoni | Aċidi, alkali |
| (d) | Separazzjoni fiżika, eż. skrins, passaturi, separaturi tal-frak taż-żrar, tankijiet ta' dikantazzjoni primarja | Solidi kbar, solidi sospiżi |
| *Trattament fiżikokimiku* | | |
| (e) | Adsorbiment fuq karbonju attivat | Komposti organiċi li jinkludu l-PCDD/F, il-merkurju |
| (f) | Preċipitazzjoni | Metalli/metallojdi maħlula, sulfat |
| (g) | Ossidazzjoni | Sulfid, sulfit, komposti organiċi |
| (h) | Skambju tal-joni | Metalli/metallojdi maħlula |
| (i) | Strippaġġ | Inkwinanti li jistgħu jitnaddfu (eż. l-ammonijaka/l-ammonju) |
| (j) | Ożmożi inversa | Ammonijaka/ammonju, metalli/metallojdi, sulfat, klorur, komposti organiċi |
| *Tneħħija finali tas-solidi* | | |
| (k) | Koagulazzjoni u flokkulazzjoni | Solidi sospiżi, metalli/metallojdi marbutin ma' partikuli |
| (l) | Sedimentazzjoni | |
| (m) | Filtrazzjoni | |
| (n) | Flotazzjoni | |

([1]) Id-deskrizzjonijiet tat-tekniki huma mogħtija fit-Taqsima 2.3.

*Tabella 9*

**BAT-AELs għall-emissjonijiet diretti lejn korp tal-ilma riċeventi**

| Parametru | | Proċess | Unità | BAT-AEL ([1]) |
|---|---|---|---|---|
| Solidi totali sospiżi (TSS) | | FGC<br>Trattament tal-irmied tal-qiegħ | mg/l | 10-30 |
| Karbonju organiku totali (TOC) | | FGC<br>Trattament tal-irmied tal-qiegħ | | 15-40 |
| Metalli u metallojdi | As | FGC | | 0,01-0,05 |
| | Cd | FGC | | 0,005-0,03 |
| | Cr | FGC | | 0,01-0,1 |
| | Cu | FGC | | 0,03-0,15 |
| | Hg | FGC | | 0,001-0,01 |
| | Ni | FGC | | 0,03-0,15 |

| Parametru | | Proċess | Unità | BAT-AEL (1) |
|---|---|---|---|---|
| | Pb | FGC<br>Trattament tal-irmied tal-qiegħ | | 0,02-0,06 |
| | Sb | FGC | | 0,02-0,9 |
| | Tl | FGC | | 0,005-0,03 |
| | Zn | FGC | | 0,01-0,5 |
| Ammonju-nitroġenu ($NH_4$-N) | | Trattament tal-irmied tal-qiegħ | | 10-30 |
| Sulfat ($SO_4^{2-}$) | | Trattament tal-irmied tal-qiegħ | | 400–1 000 |
| PCDD/F | | FGC | ng I-TEQ/l | 0,01-0,05 |

(1) Il-perjodi li fuqhom tiġi kkalkolata l-medja huma ddefiniti fil-Kunsiderazzjonijiet ġenerali.

Il-monitoraġġ assoċjat jinsab fil-BAT 6.

*Tabella 10*

**BAT-AELs għall-emissjonijiet indiretti lejn korp tal-ilma riċeventi**

| Parametru | | Proċess | Unità | BAT-AEL (1) (2) |
|---|---|---|---|---|
| Metalli u metallojdi | As | FGC | mg/l | 0,01-0,05 |
| | Cd | FGC | | 0,005-0,03 |
| | Cr | FGC | | 0,01-0,1 |
| | Cu | FGC | | 0,03-0,15 |
| | Hg | FGC | | 0,001-0,01 |
| | Ni | FGC | | 0,03-0,15 |
| | Pb | FGC<br>Trattament tal-irmied tal-qiegħ | | 0,02-0,06 |
| | Sb | FGC | | 0,02-0,9 |
| | Tl | FGC | | 0,005-0,03 |
| | Zn | FGC | | 0,01-0,5 |
| PCDD/F | | FGC | ng I-TEQ/l | 0,01-0,05 |

(1) Il-perjodi li fuqhom tiġi kkalkolata l-medja huma ddefiniti fil-Kunsiderazzjonijiet ġenerali.

(2) Il-BAT-AELs jaf ma japplikawx jekk l-impjant tat-trattament tal-ilma mormi downstream ikun imfassal u mgħammar kif xieraq biex inaqqas is-sustanzi niġġiesa kkonċernati, dment li dan ma jwassalx għal livell għoli ta' tniġġis fl-ambjent.

Il-monitoraġġ assoċjat jinsab fil-BAT 6.

## 1.7. Effiċjenza fl-użu tal-materjal

BAT 35. Biex tiżdied l-effiċjenza fl-użu tar-riżorsi, il-BAT hi li l-irmied tal-qiegħ jiġi mmaniġġjat u ttrattat b'mod separat mir-residwi tal-FGC.

BAT 36. Biex tiżdied l-effiċjenza fl-użu tar-riżorsi għat-trattament tal-gagazza u tal-irmied tal-qiegħ, il-BAT hi li tintuża taħlita xierqa tat-tekniki mogħtija hawn taħt fuq il-bażi ta' valutazzjoni tar-riskju skont il-proprjetajiet perikolużi tal-gagazza u tal-irmied tal-qiegħ.

| | Teknika | Deskrizzjoni | Applikabbiltà |
|---|---|---|---|
| (a) | Tqassim skont id-daqs u tgħarbil | Għal klassifikazzjoni inizjali tal-irmied tal-qiegħ jintużaw għarbiela oxxillanti, għarbiela vibranti u għarbiela rotatorji, skont id-daqs qabel ma jsir aktar trattament. | Tapplika b'mod ġenerali. |
| (b) | Tgħaffiġ | Operazzjonijiet ta' trattament mekkaniku maħsuba għat-tħejjija tal-materjali għall-irkupru ta' metalli jew għall-użu sussegwenti ta' dawk il-materjali, eż. filbini ta' toroq u ta' ċaqliq tat-terrapien jew tal-ħamrija. | Tapplika b'mod ġenerali. |
| (c) | Separazzjoni tal-arja | Is-separazzjoni tal-arja tintuża biex jitgħarblu l-frazzjonijiet ħfief mhux maħruqa mħalltin mal-irmied tal-qiegħ billi jittajru l-frazzjonijiet il-ħfief.<br>Tintuża mejda vibranti għat-trasport tal-irmied tal-qiegħ f'kaskata, fejn il-materjal jaqa' minn ġo fluss ta' arja li jtajjar il-materjali l-ħfief li ma jkunux inħarqu, bħall-injam, il-karta jew il-plastik, għal fuq ċiga għat-tneħħija jew għal ġo kontenitur, biex ikunu jistgħu jintefgħu lura biex jinħarqu. | Tapplika b'mod ġenerali. |
| (d) | L-irkupru ta' metalli ferrużi u mhux ferrużi | Jintużaw tekniki differenti, li jinkludu:<br>— is-separazzjoni manjetika għall-metalli ferrużi;<br>— is-separazzjoni bil-kurrenti ta' Foucault għall-metalli mhux ferrużi;<br>— is-separazzjoni tal-metalli kollha bl-induzzjoni. | Tapplika b'mod ġenerali. |
| (e) | Maturazzjoni | Il-proċess tal-maturazzjoni jistabbilizza l-frazzjoni tal-minerali tal-irmied tal-qiegħ bit-teħid ta' $CO_2$ atmosferiku (karbonazzjoni), bit-tbattil tal-ilma eċċessiv u bl-ossidazzjoni.<br>L-irmied tal-qiegħ, wara l-irkupru tal-metalli, jinħażen fil-beraħ jew f'binjiet mgħottijin għal diversi ġimgħat, ġeneralment fuq art impermeabbli li tippermetti li l-ilma mbattal u tax-xeba' jinġabar għat-trattament.<br>Il-munzelli jistgħu jixxarrbu biex jiġi ottimizzat il-kontenut ta' ndewwa u jiġu megħjuna l-lixxivjazzjoni tal-melħat u l-proċess ta' karbonazzjoni. It-tixrib tal-irmied tal-qiegħ jgħin ukoll biex jiġu evitati l-emissjonijiet ta' trab. | Tapplika b'mod ġenerali. |
| (f) | Ħasil | Il-ħasil tal-irmied tal-qiegħ jippermetti l-produzzjoni ta' materjal għar-riċiklaġġ b'lixxivjabbiltà minima tas-sustanzi solubbli (eż. melħat). | Tapplika b'mod ġenerali. |

## 1.8. **Storbju**

BAT 37. Biex jiġu evitati jew, fejn dan ma jkunx fattibbli, biex jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-istorbju, il-BAT hi li tintuża teknika waħda jew taħlita tat-tekniki mogħtija hawn taħt.

| Teknika | | Deskrizzjoni | Applikabbiltà |
|---|---|---|---|
| (a) | Post xieraq għat-tagħmir u għall-binjiet | Il-livelli tal-istorbju jistgħu jitnaqqsu billi tiżdied id-distanza bejn l-emittent u r-riċevitur u billi l-bini jintuża bħala lqugħ għall-istorbju. | Fil-każ ta' impjanti eżistenti, ir-rilokazzjoni tat-tagħmir tista' tkun ristretta minħabba n-nuqqas ta' spazju jew minħabba spejjeż eċċessivi. |
| (b) | Miżuri operazzjonali | Dawn jinkludu:<br>— l-ispezzjoni u l-manutenzjoni mtejba tat-tagħmir;<br>— l-għeluq tal-bibien u tat-twieqi ta' żoni magħluqin, jekk possibbli;<br>— it-tħaddim ta' tagħmir minn persunal bl-esperjenza;<br>— l-evitar ta' attivitajiet storbjużi billejl, jekk possibbli;<br>— arranġamenti għall-kontroll tal-istorbju waqt attivitajiet ta' manutenzjoni. | Tapplika b'mod ġenerali. |
| (c) | Tagħmir li ma jagħmilx ħafna storbju | Dan jinkludi kompressuri, pompi u fannijiet li ma jagħmlux ħafna storbju. | Ġeneralment applikabbli meta t-tagħmir eżistenti jiġi ssostitwit jew jiġi installat tagħmir ġdid. |
| (d) | Attenwazzjoni tal-istorbju | Il-propagazzjoni tal-ħoss tista' titnaqqas billi jiddaħħlu ostakoli bejn l-emittent u r-riċevitur. L-ostakoli xierqa jinkludu ħitan, ċnut u binjiet ta' protezzjoni. | Fil-każ ta' impjanti eżistenti, l-inseriment ta' ostakoli jista' jkun limitat minħabba nuqqas ta' spazju. |
| (e) | Tagħmir/infrastruttura għall-kontroll tal-istorbju | Dan jinkludi:<br>— mezzi li jnaqqsu l-istorbju;<br>— l-iżolazzjoni tat-tagħmir;<br>— l-għeluq ta' tagħmir storbjuż;<br>— l-iżolazzjoni akustika tal-bini. | Fil-każ tal-impjanti eżistenti, l-applikabbiltà tista' tkun limitata minħabba nuqqas ta' spazju. |

## 2. DESKRIZZJONIJIET TAT-TEKNIKI

## 2.1. **Tekniki ġenerali**

| Teknika | Deskrizzjoni |
|---|---|
| Sistema ta' kontroll avvanzata | L-użu ta' sistema awtomatika kompjuterizzata biex tikkontrolla l-effiċjenza tal-kombustjoni u tappoġġja l-prevenzjoni u/jew it-tnaqqis tal-emissjonijiet. Dan jinkludi wkoll l-użu ta' monitoraġġ bi prestazzjoni għolja tal-parametri operazzjonali u tal-emissjonijiet. |
| L-ottimizzazzjoni tal-proċess tal-inċinerazzjoni | L-ottimizzazzjoni tar-rata u tal-kompożizzjoni tal-alimentazzjoni tal-iskart, u tar-rati tal-fluss u tal-punti ta' injezzjoni tal-arja tal-kombustjoni primarja u sekondarja biex jiġu ossidizzati b'mod effettiv il-komposti organiċi filwaqt li titnaqqas il-ġenerazzjoni ta' $NO_X$. |

| Teknika | Deskrizzjoni |
|---|---|
| | L-ottimizzazzjoni tad-disinn u tat-tħaddim tal-fran (eż. temperatura u turbolenza tal-gass mit-tromba ta' ċumnija u ż-żmien ta' residenza tal-iskart, il-livell ta' ossiġenu, l-aġitazzjoni tal-iskart). |

2.2. **Tekniki għat-tnaqqis tal-emissjonijiet fl-arja**

| Teknika | Deskrizzjoni |
|---|---|
| Filtru b'borża | Il-filtri b'borża jew il-filtri tad-drapp huma magħmulin minn drapp minsuġ jew mil-feltru poruż li minnu jgħaddu l-gassijiet biex jitneħħew il-partikuli. L-użu ta' filtru b'borża jirrikjedi l-għażla ta' drapp addattat għall-karatteristiċi tal-gass mit-tromba ta' ċumnija u t-temperatura massima tat-tħaddim. |
| Injezzjoni ta' sorbent f'bojler | L-injezzjoni ta' assorbituri bbażati fuq il-manjeżju jew il-kalċju f'temperatura għolja fiż-żona ta' wara l-kombustjoni tal-bojler, biex jinkiseb tnaqqis parzjali tal-gassijiet aċidużi. It-teknika hi effettiva ħafna għat-tneħħija ta' $SO_X$ u ta' HF, u tipprovdi benefiċċji addizzjonali f'termini tat-tbaxxija tal ammonti kostanti tal-ogħla livelli tal-emissjonijiet. |
| Boroż tal-filtru katalitiċi | Il-boroż tal-filtru jkunu mxappin b'katalist jew inkella l-katalist jitħallat direttament mal-materjal organiku fil-produzzjoni tal-fibri li jintużaw għall-medium tal-filtru. Dawn il-filtri jistgħu jintużaw biex jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' PCDD/F kif ukoll, flimkien ma' sors ta' $NH_3$, biex jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' $NO_X$. |
| Desulfurizzazzjoni diretta | Iż-żieda ta' assorbituri bbażati fuq il-manjeżju jew il-kalċju mas-sodda ta' forn b'sodda fluwidizzata. |
| Injezzjoni ta' sorbent xott | L-injezzjoni u d-dispersjoni tas-sorbent fil-forma ta' trab xott fil-fluss tal-gass mit-tromba ta' ċumnija. Sorbenti alkalini (eż. bikarbonat tas-sodju, idrossidu tal-kalċju) jiġu injettati biex jirreaġixxu mal-gassijiet aċidużi (HCl, HF u $SO_X$). Il-karbonju attivat jiġi injettat jew koinjettat biex jadsorbi b'mod partikolari l-PCDD/F u l-merkurju. Is-solidi li jirriżultaw jitneħħew, l-aktar mod li jintuża ta' spiss huwa b'filtru b'borża. L-aġenti reattivi żejda jistgħu jiġu riċirkolati biex jitnaqqas il-konsum tagħhom, possibilment wara r-riattivazzjoni b'maturazzjoni jew b'injezzjoni tal-fwar (ara l-BAT 28 b). |
| Preċipitatur elettrostatiku | Il-preċipitaturi elettrostatiċi (ESPs) joperaw b'tali mod li l-partikuli jiġu ċċarġjati u sseparati taħt l-influwenza ta' kamp elettriku. Il-preċipitaturi elettrostatiċi jistgħu joperaw f'firxa wiesgħa ta' kundizzjonijiet. L-effiċjenza tat-tnaqqis tista' tiddependi mill-għadd ta' kampijiet, minn kemm idumu fil-post (daqs), u mill-apparat għat-tneħħija tal-partikuli upstream. Ġeneralment dawn jinkludu bejn żewġ u ħames kampijiet. Il-preċipitaturi elettrostatiċi jistgħu jkunu tat-tip xott jew niedi skont it-teknika użata għall-ġbir tat-trab mill-elettrodi. L-ESPs niedja tipikament jintużaw fl-istadju tal-perfezzjonament biex jitneħħew it-trab residwu u t-taqtiriet wara l-purifikazzjoni niedja. |
| Adsorbiment tas-sodda fissa jew mobbli | Il-gass mit-tromba ta' ċumnija jingħadda minn filtru b'sodda fissa jew mobbli fejn jintuża adsorbent (eż. kokk attivat, linjite attivat jew polimeru mxappap bil-karbonju) biex jadsorbi l-inkwinanti. |

| Teknika | Deskrizzjoni |
|---|---|
| Riċirkolazzjoni tal-gass mit-tromba ta' ċumnija | Ir-riċirkolazzjoni ta' parti mill-gass mit-tromba ta' ċumnija għall-forn biex tieħu post parti mill-arja tal-kombustjoni friska, bl-effett doppju ta' tkessiħ tat-temperatura u ta' limitazzjoni tal-kontenut ta' $O_2$ għall-ossidazzjoni tan-nitroġenu, biex b'hekk tiġi limitata l-ġenerazzjoni tal-$NO_X$. Din timplika l-provvista tal-gass mit-tromba ta' ċumnija mill-forn għal ġol-fjamma biex jitnaqqsu l-kontenut ta' ossiġenu u, għaldaqstant, it-temperatura tal-fjamma.<br>Din it-teknika tnaqqas ukoll it-telf ta' enerġija tal-gass mit-tromba ta' ċumnija. Jinkiseb ukoll iffrankar enerġetiku meta l-gass mit-tromba ta' ċumnija rriċirkolat jiġi estratt qabel l-FGC, billi jitnaqqas il-fluss tal-gass permezz tas-sistema tal-FGC u d-daqs tas-sistema meħtieġa tal-FGC. |
| Riduzzjoni katalitika selettiva (RKS) | Ir-riduzzjoni selettiva tal-ossidi tan-nitroġenu bl-ammonijaka jew bl-urea fil-preżenza ta' katalist. It-teknika hi bbażata fuq ir-riduzzjoni tal-$NO_X$ għan-nitroġenu f'sodda katalitika b'reazzjoni mal-ammonijaka fl-aħjar temperatura għat-tħaddim li tipikament tkun ta' madwar 200–450 °C għat-tip ta' trab għoli u 170–250 °C għat-tip aħħari ("tail-end"). B'mod ġenerali, l-ammonijaka tiġi injettata bħala soluzzjoni milwiema; is-sors tal-ammonijaka jista' jkun ammonijaka anidruża jew soluzzjoni tal-urea. Jistgħu jiġu applikati diversi saffi ta' katalisti. Tinkiseb aktar riduzzjoni tal-$NO_X$ bl-użu ta' wiċċ akbar tal-katalisti, installati bħala saff wieħed jew aktar. RKS "fil-kanal" jew "tal-ħruġ" hi teknika li tikkombina r-RMKS mar-RKS downstream li tnaqqas il-ħruġ tal-ammonijaka mir-RMKS. |
| Riduzzjoni mhux katalitika selettiva (RMKS) | Ir-riduzzjoni selettiva tal-ossidi tan-nitroġenu għan-nitroġenu bl-ammonijaka jew bl-urea f'temperaturi għoljin u mingħajr katalist. Il-medda tat-temperatura operazzjonali tinżamm bejn 800 °C u 1 000 °C għall-aħjar reazzjoni.<br>Il-prestazzjoni tas-sistema tar-RMKS tista' titjieb billi tiġi kkontrollata l-injezzjoni tar-reaġent minn diversi sondi bis-sostenn ta' sistema tal-kejl tat-temperatura akustika jew bl-infraaħmar (b'reazzjoni veloċi) biex jiġi żgurat li r-reaġent jiġi injettat fl-aħjar żona tat-temperatura f'kull ħin. |
| Assorbitur seminiedi | Imsejjaħ ukoll assorbitur semixott. Soluzzjoni jew sospensjoni milwiema alkalina (eż. ħalib tal-ġir) tiżdied mal-fluss tal-gass mit-tromba ta' ċumnija biex jinqabdu l-gassijiet aċidużi. L-ilma jevapora u l-prodotti tar-reazzjoni jkunu xotti. Is-solidi li jirriżultaw jistgħu jiġu riċirkolati biex jitnaqqas il-konsum tar-reaġent (ara l-BAT 28 b).<br>Din it-teknika tinkludi medda ta' disinji differenti, li jinkludu proċessi *flash-dry* li jikkonsistu mill-injezzjoni tal-ilma (li jipprovdi tberrid veloċi tal-gass) u tar-reaġent fil-bokka tal-filtru. |
| Purifikatur niedi | L-użu ta' likwidu, tipikament l-ilma jew soluzzjoni/sospensjoni milwiema, biex jinqabdu inkwinanti mill-gass mit-tromba ta' ċumnija b'assorbiment, b'mod partikolari gassijiet aċidużi, kif ukoll komposti u solidi solubbli oħra.<br>Biex jiġi adsorbit il-merkurju u/jew PCDD/F, jista' jiżdied sorbent tal-karbonju (bħala sospensjoni magħquda jew bħala imballaġġ tal-plastik imxappap bil-karbonju) mal-purifikatur niedi.<br>Jintużaw tipi differenti ta' disinji tal-purifikaturi, eż. purifikaturi bil-ġettijiet, purifikaturi rotanti, purifikaturi Venturi, purifikaturi bl-isprej u purifikaturi torri ppakkjati. |

2.3. **Tekniki għat-tnaqqis tal-emissjonijiet fl-ilma**

| Teknika | Deskrizzjoni |
|---|---|
| Adsorbiment fuq karbonju attivat | It-tneħħija ta' sustanzi solubbli (soluti) mill-ilma mormi bit-trasferiment ta' dawn fil-wiċċ ta' partikuli solidi u porużi ħafna (l-adsorbent). Ġeneralment jintuża karbonju attivat għall-adsorbiment ta' komposti organiċi u ta' merkurju. |
| Preċipitazzjoni | Il-konverżjoni ta' sustanzi niġġiesa dissolti f'komposti li ma jinħallux biż-żieda ta' preċipitanti. Sussegwentement, il-preċipitati solidi ffurmati jiġu sseparati permezz tas-sedimentazzjoni, tal-flotazzjoni jew tal-filtrazzjoni. Is-sustanzi kimiċi tipiċi li jintużaw għall-preċipitazzjoni tal-metall huma l-ġir, id-dolomit, l-idrossidu tas-sodju, il-karbonat tas-sodju, is-sulfur tas-sodju u l-organosulfur. Il-melħ tal-kalċju (minbarra l-ġir) jintużaw għall-preċipitazzjoni tas-sulfat jew tal-fluworur. |
| Koagulazzjoni u flokkulazzjoni | Il-koagulazzjoni u l-flokkulazzjoni jintużaw għas-separazzjoni tas-solidi sospiżi mill-ilma mormi u ħafna drabi jitwettqu f'passi suċċessivi. Il-koagulazzjoni titwettaq permezz taż-żieda ta' koagulanti (eż. il-klorur ferriku) b'ċarġ oppost għal dak tas-solidi sospiżi. Il-flokkulazzjoni titwettaq permezz taż-żieda ta' polimeri, biex b'hekk il-kolliżjonijiet tal-partikuli ta' mikroflok iġegħluhom jingħaqdu biex jipproduċu flokkuli akbar. Il-flokkuli li jifformaw imbagħad jiġu separati permezz tas-sedimentazzjoni, tal-flotazzjoni bl-arja jew tal-filtrazzjoni. |
| Ekwalizzazzjoni | L-ibbilanċjar tal-flussi u tat-tagħbijiet tal-inkwinanti bl-użu ta' tankijiet jew ta' tekniki oħra ta' ġestjoni. |
| Filtrazzjoni | Is-separazzjoni tas-solidi mill-ilma mormi billi jingħaddu minn ġo midjum poruż. Tinkludi tipi differenti ta' tekniki, eż. il-filtrazzjoni bir-ramel, il-mikrofiltrazzjoni u l-ultrafiltrazzjoni. |
| Flotazzjoni | Is-separazzjoni ta' partikuli solidi jew likwidi mill-ilma mormi billi jintrabtu ma' bżieżaq fini tal-gass, ġeneralment arja. Il-partikuli li jitilgħu 'il fuq jakkumulaw f'wiċċ l-ilma u jinġabru bi xkumaturi. |
| Skambju tal-joni | Iż-żamma ta' inkwinanti joniċi mill-ilma mormi u s-sostituzzjoni tagħhom b'joni aktar aċċettabbli bl-użu ta' reżina għall-iskambju tal-joni. L-inkwinanti jinżammu temporanjament imbagħad jiġu rilaxxati f'likwidu ta' kontroħasil jew riġenerazzjoni. |
| Newtralizzazzjoni | L-aġġustament tal-pH tal-ilma mormi għal valur newtrali (madwar 7) biż-żieda ta' sustanzi kimiċi. L-idrossidu tas-sodju (NaOH) jew l-idrossidu tal-kalċju ($Ca(OH)_2$) ġeneralment jintuża biex iżid il-pH, filwaqt li l-aċidu tal-kubrit ($H_2SO_4$), l-aċidu idrokloriku (HCl) jew id-diossidu tal-karbonju ($CO_2$) jintużaw biex inaqsu l-pH. Matul in-newtralizzazzjoni, jista' jkun hemm preċipitazzjoni ta' xi sustanzi. |
| Ossidazzjoni | Il-konverżjoni tal-inkwinanti b'aġenti ossidanti kimiċi għall-komposti simili li huma inqas perikolużi u/jew aktar faċli biex jitnaqqsu. Fil-każ tal-ilma mormi mill-użu ta' purifikaturi niedja, l-arja tista' tintuża għall-ossidazzjoni tas-sulfit ($SO_3^{2-}$) għas-sulfat ($SO_4^{2-}$). |
| Ożmożi inversa | Proċess bil-membrana fejn id-differenza ta' pressjoni li tiġi applikata bejn il-kompartimenti separati mill-membrana tikkawża fluss tal-ilma mis-soluzzjoni l-aktar ikkonċentrata għal dik anqas ikkonċentrata. |

| Teknika | Deskrizzjoni |
|---|---|
| Sedimentazzjoni | Is-separazzjoni tas-solidi sospiżi permezz tad-depożitu gravitazzjonali. |
| Strippaġġ | It-tneħħija ta' inkwinanti li jistgħu jitnaddfu (eż. ammonijaka) mill-ilma mormi permezz ta' kuntatt ma' fluss għoli ta' kurrent ta' gass biex jiġu ttrasferiti għall-fażi gassuża. Imbagħad l-inkwinanti jiġu rkuprati (eż. permezz tal-kondensazzjoni) biex jerġgħu jintużaw jew biex jintremew. L-effiċjenza fit-tneħħija tista' tittejjeb billi tiżdied it-temperatura jew titnaqqas il-pressjoni. |

2.4. **Tekniki ta' ġestjoni**

| Teknika | Deskrizzjoni |
|---|---|
| Pjan ta' ġestjoni tal-irwejjaħ | Il-pjan ta' ġestjoni tal-irwejjaħ hu parti mill-EMS (ara l-BAT 1) u jinkludi:<br>(a) protokoll għat-twettiq ta' monitoraġġ tal-irwejjaħ skont l-istandards EN (eż. olfattometrija dinamika skont EN 13725 biex tiġi ddeterminata l-konċentrazzjoni tal-irwejjaħ); dan jista' jiġi kkumplementat minn kejl/stima tal-esponiment għall-irwejjaħ (eż. skont EN 16841-1 jew EN 16841-2) jew stima tal-impatt tal-irwejjaħ;<br>(b) protokoll għar-rispons għal inċidenti identifikati ta' rwejjaħ eż. ilmenti;<br>(c) programm ta' prevenzjoni u ta' tnaqqis tal-irwejjaħ imfassal biex jidentifika s-sors(i), jikkaratterizza l-kontribuzzjonijiet tas-sorsi u jimplimenta miżuri ta' prevenzjoni u/jew ta' tnaqqis. |
| Pjan ta' ġesjoni tal-istorbju | Il-pjan ta' ġestjoni tal-istorbju hu parti mill-EMS (ara l-BAT 1) u jinkludi:<br>(a) protokoll għat-twettiq ta' monitoraġġ tal-ħsejjes;<br>(b) protokoll għar-rispons għal inċidenti identifikati ta' storbju eż. ilmenti;<br>(c) programm ta' tnaqqis tal-istorbju mfassal biex jidentifika s-sors (i), ikejjel/jistma l-esponiment għall-istorbju, jikkaratterizza l-kontribuzzjonijiet tas-sors(i) u jimplimenta miżuri ta' prevenzjoni u/jew ta' tnaqqis. |
| Pjan ta' ġestjoni tal-aċċidenti | Il-pjan ta' ġestjoni tal-aċċidenti hu parti mill-EMS (ara l-BAT 1) u jidentifika l-perikli li tikkawża l-installazzjoni u r-riskji assoċjati, u jiddefinixxi l-miżuri li jindirizzaw dawn ir-riskji. Iqis l-inventarju tal-inkwinanti preżenti jew li x'aktarx ikunu preżenti li jistgħu jħallu konsegwenzi ambjentali jekk jaħarbu. Dan jista' jitfassal bl-użu ta', pereżempju, FMEA (Analiżi tal-Modalitajiet u l-Effetti tal-Ħsarat) u/jew FMECA (Analiżi tal-Modalitajiet, l-Effetti u l-Kritikalità tal-Ħsarat).<br>Il-pjan ta' ġestjoni tal-aċċidenti jinkludi l-istabbiliment u l-implimentazzjoni ta' pjan għall-prevenzjoni, għad-detezzjoni u għall-kontroll ta' nirien, li jkun ibbażat fuq ir-riskji u jinkludi l-użu ta' sistemi awtomatiċi ta' detezzjoni u ta' twissija tan-nirien, u ta' sistemi manwali u/jew awtomatiċi għall-intervent u għall-kontroll tan-nirien. Il-pjan ta' prevenzjoni, ta' detezzjoni u ta' kontroll tan-nirien hu rilevanti b'mod partikolari għal:<br>— żoni għall-ħżin u għall-pretrattament tal-iskart;<br>— żoni għat-tagħbija tal-fran; |

| Teknika | Deskrizzjoni |
|---|---|
| | — sistemi elettriċi ta' kontroll;<br>— filtri b'borża;<br>— sodod fissi tal-adsorbiment.<br>Il-pjan ta' ġestjoni tal-aċċidenti jinkludi wkoll, b'mod partikolari fil-każ ta' installazzjonijiet li jirċievu l-iskart perikoluż, programmi ta' taħriġ tal-persunal rigward:<br>— il-prevenzjoni ta' splużjonijiet u ta' nirien;<br>— it-tifi tan-nar;<br>— għarfien dwar ir-riskji kimiċi (tikkettar, sustanzi karċinoġeniċi, tossiċità, korrużjoni, nar). |

# DEĊIŻJONI TA’ IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2019/2011

**tat-28 ta’ Novembru 2019**

**li temenda d-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni (UE) 2016/2009 li tapprova l-programmi tat-tilqim kontra l-marda tal-infafet fil-ġilda ppreżentati mill-Istati Membri billi testendi l-perjodu ta’ applikazzjoni tagħha**

*(notifikata bid-dokument C(2019) 8580)*

**(It-testi bil-Bulgaru, bil-Grieg u bil-Kroat biss huma awtentiċi)**

**(Test b’rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 89/662/KEE tal-11 ta’ Diċembru 1989 dwar spezzjonijiet veterinarji fil-kummerċ intra-Komunitarju bil-ħsieb tat-tlestija tas-suq intern ([1]), u b’mod partikolari l-Artikolu 9(4) tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 90/425/KEE tas-26 ta’ Ġunju 1990 dwar l-iċċekkjar veterinarju applikabbli għall-kummerċ intra-Unjoni ta’ ċertu annimali ħajjin u prodotti bil-ħsieb tat-tlestija tas-suq intern ([2]), u b’mod partikolari l-Artikolu 10(4) tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 92/119/KEE tas-17 ta’ Diċembru 1992 li tintroduċi miżuri ġenerali Komunitarji għall-kontroll ta’ ċertu mard tal-annimali u l-miżuri speċifiċi li għandhom x’jaqsmu mal-marda vexxikolari tal-ħnieżer ([3]), u b’mod partikolari l-Artikolu 19(1)(a) u (3)(a) u l-Artikolu 19(6) tagħha,

Billi:

(1) Id-Direttiva 92/119/KEE tistabbilixxi miżuri ġenerali ta’ kontroll li jridu jiġu applikati fil-każ ta’ tifqigħa ta’ ċertu mard tal-annimali, inkluża l-marda tal-infafet fil-ġilda (LSD). Dawn il-miżuri ta’ kontroll jinkludu l-istabbiliment ta’ żoni ta’ protezzjoni u ta’ sorveljanza madwar il-qasam infettat, filwaqt li jipprevedu wkoll it-tilqim ta’ emerġenza f’każ ta’ tifqigħa tal-LSD flimkien ma’ miżuri ta’ kontroll oħra.

(2) F’Awwissu 2015, ġiet ikkonfermata l-LSD fil-Greċja għall-ewwel darba. Fl-2016, kien hemm każijiet ta’ LSD fil-Bulgarija u każijiet addizzjonali fil-Greċja, kif ukoll f’għadd ta’ pajjiżi terzi ġirien.

(3) B’rispons għal dawn it-tifqigħat tal-LSD, l-Istati Membri affettwati, jiġifieri l-Greċja u l-Bulgarija, kif ukoll il-pajjiżi terzi ġirien affettwati, implimentaw programmi ta’ tilqim tal-massa tal-annimali bovini ħajjin u tar-ruminanti selvaġġi miżmumin tagħhom. Fl-2016 u fl-2017, il-Kroazja, fejn s’issa ma kienx hemm okkorrenzi tal-LSD, ukoll implimentat programm ta’ tilqim tal-massa kontra l-LSD, bħala miżura preventiva minħabba s-sitwazzjoni epidemjoloġika fl-Istati Membri u l-pajjiżi terzi ġirien. Il-programmi ta’ tilqim kontra l-LSD fil-Greċja, fil-Bulgarija u fil-Kroazja kienu approvati bid-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/2009 ([4]), u dawk it-tliet Stati Membri huma debitament elenkati fl-Anness ta’ dak l-att li għandhom programm ta’ tilqim approvat kontra l-LSD.

(4) Fl-2017, l-LSD kienet preżenti f’livell iktar baxx fix-Xlokk tal-Ewropa, b’rikorrenza fuq skala kbira fl-Albanija, u xi ftit tifqigħat sporadiċi addizzjonali fil-Greċja u fil-Maċedonja ta’ fuq. Fl-2018 u sal-lum fl-2019, kien hemm titjib stabbli tas-sitwazzjoni epidemjoloġika tal-LSD u ma ġie rrappurtat ebda każ tal-LSD f’ebda Stat Membru u f’ebda pajjiż terz ġar fix-Xlokk tal-Ewropa, ħlief it-Turkija. Matul l-istess sena, it-tilqim tal-massa annwali kontra l-LSD kompla fl-Istati Membri kollha u fil-pajjiżi terzi ġirien fix-Xlokk tal-Ewropa li kienu ġew affettwati bl-LSD.

([1]) ĠU L 395, 30.12.1989, p. 13.
([2]) ĠU L 224, 18.8.1990, p. 29.
([3]) ĠU L 62, 15.3.1993, p. 69.
([4]) Id-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/2009 tal-15 ta’ Novembru 2016 li tapprova l-programmi tat-tilqim kontra l-marda tal-infafet fil-ġilda ppreżentati mill-Istati Membri (ĠU L 310, 17.11.2016, p. 66).

(5) Fid-dawl tas-sitwazzjoni epidemjoloġika favorevoli, il-Kroazja waqqfet it-tilqim preventiv kontra l-LSD sa mill-bidu tal-2018 u ssostitwietu b'sorveljanza sistematika tal-mard. Din is-sorveljanza kkonfermat in-nuqqas tal-LSD matul l-2018. B'riżultat ta' dan, id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/2008 ([5]) ġiet emendata bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/81 ([6]), sabiex dak l-Istat Membru jitħassar mil-lista ta' Stati Membri li għandhom status ta' "żoni ħielsa bit-tilqim" fl-Anness I tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/2008. Barra minn hekk, id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/2009 ġiet emendata bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/82 ([7]), sabiex il-Kroazja titħassar mil-lista tal-Istati Membri li għandhom programm approvat ta' tilqim kontra l-LSD.

(6) F'konformità mar-regoli tal-Organizzazzjoni Dinjija għas-Saħħa tal-Annimali (OIE), fejn it-tilqim kontra l-LSD ma jitkompliex f'pajjiż jew f'żona tiegħu, hemm bżonn ta' perjodu minimu ta' tmien xhur qabel ma jista' jerġa' jinkiseb l-istatus ta' ħieles mil-LSD, fil-każ ta' tilqim preventiv, jew perjodu minimu ta' 14-il xahar, fil-każ ta' tilqim b'reazzjoni għal okkorrenza tal-LSD. Għalhekk, il-miżuri stabbiliti fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/2009 jenħtieġ li jibqgħu fis-seħħ għal perjodu minimu ta' tmien xhur jew 14-il xahar, skont iż-żona, qabel ma jkun jista' jerġa' jiġi stabbilit l-istatus ħieles mil-LSD.

(7) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/2009 tapplika sal-31 ta' Diċembru 2019, u għaldaqstant il-miżuri attwali fir-rigward tal-LSD fil-Greċja u fil-Bulgarija stabbiliti f'dak l-att mhux se jibqgħu japplikaw wara dik id-data. Minħabba s-sitwazzjoni epidemjoloġika attwali u ż-żmien minimu meħtieġ biex jerġa' jinkiseb l-istatus ħieles mil-LSD, huwa meħtieġ li jiġi estiż il-perjodu ta' applikazzjoni ta' dawn il-miżuri għal perjodu ta' żmien xieraq.

(8) Ir-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([8]) jistabbilixxi regoli għall-prevenzjoni u l-kontroll ta' ċertu mard elenkat, inkluża l-LSD. Billi dak ir-Regolament irid japplika mill-21 ta' April 2021, il-perjodu ta' applikazzjoni tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/2009 jenħtieġ li jiġi estiż sal-20 ta' April 2021.

(9) Għaldaqstant, jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/2009 tiġi emendata skont dan.

(10) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Fl-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/2009, id-data "31 ta' Diċembru 2019" hija sostitwita bid-data "20 ta' April 2021".

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika tal-Bulgarija, lir-Repubblika Ellenika u lir-Repubblika tal-Kroazja.

Magħmul fi Brussell, it-28 ta' Novembru 2019.

*Għall-Kummissjoni*
Vytenis ANDRIUKAITIS
*Membru tal-Kummissjoni*

---

([5]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/2008 tal-15 ta' Novembru 2016 dwar miżuri ta' kontroll tas-saħħa tal-annimali fir-rigward tal-marda tal-infafet fil-ġilda f'ċerti Stati Membri (ĠU L 310, 17.11.2016, p. 51).

([6]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/81 tas-17 ta' Jannar 2019 li temenda l-Anness I tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/2008 dwar miżuri ta' kontroll tas-saħħa tal-annimali fir-rigward tal-marda tal-infafet fil-ġilda f'ċerti Stati Membri (ĠU L 18, 21.1.2019, p. 43).

([7]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/82 tas-17 ta' Jannar 2019 li temenda l-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/2009 li tapprova l-programmi tat-tilqim kontra l-marda tal-infafet fil-ġilda ppreżentati mill-Istati Membri (ĠU L 18, 21.1.2019, p. 48).

([8]) Ir-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar il-mard trasmissibbli tal-annimali u li jemenda u jħassar ċerti atti fil-qasam tas-saħħa tal-annimali (Liġi dwar is-Saħħa tal-Annimali) (ĠU L 84, 31.3.2016, p. 1).

# DEĊIŻJONI TA’ IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2019/2012

## tad-29 ta’ Novembru 2019

## dwar l-eżenzjonijiet skont l-Artikolu 14 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 29/2009 li jistabbilixxi rekwiżiti dwar servizzi ta’ kollegament tad-*data* għall-Ajru Uniku Ewropew

**(Test b’rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2018/1139 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta’ Lulju 2018 dwar regoli komuni fil-qasam tal-avjazzjoni ċivili u li jistabbilixxi Aġenzija tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni tal-Unjoni Ewropea, u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 2111/2005, (KE) Nru 1008/2008, (UE) Nru 996/2010, (UE) Nru 376/2014 u d-Direttivi 2014/30/UE u 2014/53/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 552/2004 u (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3922/91 ([1]), u b’mod partikolari l-punt (a) tal-Artikolu 44(1) tiegħu,

Fir-rigward tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 29/2009 tas-16 ta’ Jannar 2009 li jistabbilixxi rekwiżiti dwar servizzi ta’ kollegament tad-*data* għall-Ajru Uniku Ewropew ([2]), u b’mod partikolari l-Artikolu 14 tiegħu,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 14 tar-Regolament (KE) Nru 29/2009 tagħha, il-Kummissjoni jeħtieġ li teżamina t-talbiet għall-eżenzjoni mir-rekwiżiti tal-Artikolu 3(2) għall-kombinazzjonijiet ta’ tipi/mudelli ta’ inġenji tal-ajru li jkunu waslu sat-tmiem il-ħajja ta’ produzzjoni tagħhom u li jiġu prodotti f’numri limitati u għall-kombinazzjonijiet ta’ tipi/mudelli ta’ inġenji tal-ajru li għalihom il-kostijiet meħtieġa biex jitfasslu mill-ġdid ikunu sproporzjonati minħabba li d-disinn ikun antik.

(2) Jenħtieġ li l-eżenzjonijiet iżommu l-objettiv stabbilit fil-premessa (8) tar-Regolament (KE) Nru 29/2009 li mill-inqas 75 % tat-titjiriet jenħtieġ li jiġu mgħammra b’kapaċità ta’ kollegament tad-*data*.

(3) Il-Kummissjoni rċeviet it-talbiet għall-eżenzjonijiet tal-Istati Membri u kkonsultat l-partijiet ikkonċernati. Wara li twettaq l-eżami ta’ dawk it-talbiet mill-Kummissjoni abbażi tal-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 14(3) tar-Regolament (KE) Nru 29/2009, jenħtieġ li l-eżenzjonijiet jingħataw.

(4) Il-Kummissjoni eżaminat mill-ġdid l-eżenzjonijiet mogħtija skont id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2011) 2611 finali tal-20 ta’ Mejju 2011 dwar l-eżenzjonijiet skont l-Artikolu 14 tar-Regolament (KE) Nru 29/2009 u d-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni C(2011) 9074 finali tad-9 ta’ Diċembru 2011 dwar l-eżenzjonijiet skont l-Artikolu 14 tar-Regolament (KE) Nru 29/2009 abbażi tal-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 14(3) tar-Regolament (KE) Nru 29/2009. Wara li kkonsultat l-partijiet ikkonċernati, il-Kummissjoni sabet li kien jeħtieġ li dawk l-atti jiġu kkonsolidati f’Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni waħda. Għalhekk, id-Deċiżjoni C(2011) 2611 finali u d-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni C(2011) 9074 finali jenħtieġ li jitħassru.

(5) Il-miżuri previsti f’din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat imsemmi fl-Artikolu 127(1) tar-Regolament (UE) 2018/1139,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

### *Artikolu 1*

Il-kombinazzjonijiet ta’ tipi/mudelli ta’ inġenji tal-ajru li ġejjin għandhom ikunu eżentati b’mod permanenti mir-rekwiżiti tal-Artikolu 3(2) tar-Regolament (KE) Nru 29/2009:

(a) kombinazzjonijiet ta’ tipi/mudelli ta’ inġenji tal-ajru speċifikati fl-Anness I;

(b) kombinazzjonijiet ta’ tipi/mudelli ta’ inġenji tal-ajru speċifikati fl-Anness II li nħarġilhom l-ewwel ċertifikat individwali tal-ajrunavigabbiltà tagħhom qabel il-5 ta’ Frar 2020.

([1]) ĠU L 212, 22.8.2018, p. 1.
([2]) ĠU L 13, 17.1.2009, p. 3.

*Artikolu 2*

Il-kombinazzjonijiet ta' tipi/mudelli ta' inġenji tal-ajru li ġejjin għandhom ikunu eżentati mir-rekwiżiti tal-Artikolu 3(2) tar-Regolament (KE) Nru 29/2009 sal-5 ta' Frar 2022:

(a) kombinazzjonijiet ta' tipi/mudelli ta' inġenji tal-ajru speċifikati fl-Anness II li nħarġilhom l-ewwel ċertifikat individwali tal-ajrunavigabbiltà fil-5 ta' Frar 2020 jew qabel.

(b) kombinazzjonijiet ta' tipi/mudelli ta' inġenji tal-ajru speċifikati fl-Anness III.

*Artikolu 3*

Id-Deċiżjoni C(2011) 2611 finali u d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni C(2011) 9074 finali huma mħassra.

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, id-29 ta' Novembru 2019.

*Għall-Kummissjoni*
*Il-President*
Jean-Claude JUNCKER

*ANNESS I*

**EŻENZJONIJIET IMSEMMIJA FIL-PUNT (a) TAL-ARTIKOLU 1**

| It-tip/serje/mudell tal-inġenju tal-ajru | Manifattur | Deżinjazzjoni tat-tip tal-ICAO |
|---|---|---|
| AN-12 kollha | Antonov | AN12 |
| AN-124 100 | Antonov | A124 |
| IL-76 kollha | Ilyushin | IL76 |
| A300 kollha | Airbus | A30B<br>A306<br>A3ST |
| A310 kollha | Airbus | A310 |
| A-319/-320/-321 bl-ewwel Ċertifikat ta' Ajrunavigabbiltà maħruġ bejn l-1 ta' Jannar 1995 u l-5 ta' Lulju 1999, b'dawn id-dati inklużi. | Airbus | A319<br>A320<br>A321 |
| A340 kollha | Airbus | A342<br>A343<br>A345<br>A346 |
| A318-112 | Airbus | A318 |
| AVROLINER (RJ-100) | AVRO | RJ1H |
| AVROLINER (RJ-85) | AVRO | RJ85 |
| BA146-301 | British Aerospace | B463 |
| B717-200 | Boeing | B712 |
| B737-300 | Boeing | B733 |
| B737-400 | Boeing | B734 |
| B737-500 | Boeing | B735 |
| B747-400 | Boeing | B744 |
| B757-200 | Boeing | B752 |
| B757-300 | Boeing | B753 |
| B767-200 | Boeing | B762 |
| B767-300 | Boeing | B763 |
| B767-400 | Boeing | B764 |
| MD-82 | Boeing | MD82 |
| MD-83 | Boeing | MD83 |
| MD-11 kollha | Boeing | MD11 |
| CL-600-2B19 (CRJ100/200/440) | Bombardier | CRJ1/CRJ2 |
| Dornier 328-100 | Dornier | D328 |
| Dornier 328-300 | Dornier | J328 |

| It-tip/serje/mudell tal-inġenju tal-ajru | Manifattur | Deżinjazzjoni tat-tip tal-ICAO |
|---|---|---|
| Fokker 70 | Fokker | F70 |
| Fokker 100 | Fokker | F100 |
| Serje King Air (90/100/200/300) | Beechcraft | BE9L<br>BE20<br>B350 |
| Hercules L-382-G-44K-30 | Lockheed | C130 |
| SAAB 2000/SAAB SF2000 | SAAB | SB20 |

*ANNESS II*

**EŻENZJONIJIET IMSEMMIJA FIL-PUNT (b) TAL-ARTIKOLU 1 U FIL-PUNT (a) TAL-ARTIKOLU 2**

| **It-Tip/Serje/Mudell tal-Inġenju tal-Ajru** | **Manifattur** | **Deżinjazzjoni tat-tip tal-ICAO** |
|---|---|---|
| Serje A330 200/300 | Airbus | A332/A333 |
| Global Express/5000<br>BD-700-1A10/1A11 | Bombardier | GLEX/GL5T |
| CL-600-2C10 (CRJ-700) | Bombardier | CRJ7 |
| C525C, CJ4 | Cessna | C25C |
| C560XL (Citation XLS+) | Cessna | C56X |
| Falcon 2000 kollha | Dassault | F2TH |
| Falcon 900 kollha | Dassault | F900 |
| EMB-500 (Phenom 100) | Embraer | E50P |
| EMB-505 (Phenom 300) | Embraer | E55P |
| EMB-135BJ (Legacy 600) | Embraer | E35L |
| EMB-135EJ (Legacy 650) | Embraer | E35L |
| EMB-145 (135/140/145) | Embraer | E135<br>E145, E45X |
| PC-12 | Pilatus | PC12 |

*ANNESS III*

**EŻENZJONIJIET IMSEMMIJA FIL-PUNT (b) TAL-ARTIKOLU 2**

| It-Tip/Serje/Mudell tal-Inġenju tal-Ajru | Manifattur | Deżinjazzjoni tat-tip tal-ICAO |
|---|---|---|
| A318 (ACJ) | Airbus | A318 |
| A319 (ACJ) | Airbus | A319 |
| A320 (ACJ) | Airbus | A320 |
| A321 (ACJ) | Airbus | A321 |
| B737-700IGW (BBJ) | Boeing | B737 |
| B737-800 (BBJ2) | Boeing | B738 |
| B737-900ER (BBJ3) | Boeing | B739 |
| B767-300F | Boeing | B763 |
| ERJ 190-100ECJ | Embraer | E190 |

ISSN 1977-074X (edizzjoni elettronika)
ISSN 1725-5104 (edizzjoni stampata)

**L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea**
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT